Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2025/0826(COD)

06.2.2026

EMENDI
52 - 303

Abbozz ta' rapport
Ralf Seekatz
(PE781.372v01-00)

Emenda tar-Regolament (UE) 2017/2402 li jistabbilixxi qafas ġenerali għat-titolizzazzjoni u li joħloq qafas speċifiku għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata

Proposta għal regolament
(COM(2025)0826 – 2025/0826(COD))

Emenda 52
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva
Kunsiderazzjoni 7a (ġdida)

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport bit-titolu "The future of European competitiveness" (Il-futur tal-kompetittività Ewropea) ta' Mario Draghi[1a],
	[1a] https://commission.europa.eu/topics/competitiveness/draghi-report_en

Or. en

Emenda 53
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva
Kunsiderazzjoni 7b (ġdida)

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport bit-titolu "Much more than a market" (Ħafna aktar milli suq) ta' Enrico Letta[1a],
	[1a] https://european-research-area.ec.europa.eu/sites/default/files/documents/2024-05/LETTA%20Report%20-%20Much%20more%20than%20a%20market_April%202024.pdf

Or. en

Emenda 54
Aurore Lalucq

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva
Paragrafu 1

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*
1. ***Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;***	1. ***Jiċħad il-proposta tal-Kummissjoni;***

Or. en

Emenda 55
Martin Schirdewan, Manon Aubry, Jussi Saramo

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva
Paragrafu 1

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*
1. ***Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;***	1. ***Jiċħad il-proposta tal-Kummissjoni;***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-proposta tal-Kummissjoni tintroduċi aktar devjazzjonijiet mill-istandards regolatorji miftiehma internazzjonalment stabbiliti wara l-kriżi finanzjarja tal-2008 biex jissalvagwardjaw l-istabbiltà finanzjarja. L-emendi proposti jdgħajfu r-rekwiżiti tal-kapital u jżidu l-opaċità u l-kumplessità fil-prattiki tat-titolizzazzjoni, u b'hekk iżidu r-riskji għall-istabbiltà finanzjarja. Barra minn hekk, il-proposta ma tistabbilix mekkaniżmi effettivi biex tiżgura li l-bidliet fil-qafas tat-titolizzazzjoni jissarrfu f'benefiċċji tanġibbli għall-ekonomija produttiva.

Emenda 56
Aurore Lalucq

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva
Paragrafu 2

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*
2. Jitlob lill-Kummissjoni ***terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta*** tagħha***, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali***;	2. Jitlob lill-Kummissjoni ***biex tirtira l-proposta*** tagħha;

Or. en

Emenda 57
Martin Schirdewan, Manon Aubry, Jussi Saramo

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva
Paragrafu 2

Abbozz ta' riżoluzzjoni leġiżlattiva	*Emenda*
2. Jitlob lill-Kummissjoni ***terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta*** tagħha***, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali***;	2. Jitlob lill-Kummissjoni ***biex tirtira l-proposta*** tagħha;

Or. en

Emenda 58
Eero Heinäluoma, Nikos Papandreou, Jonás Fernández, René Repasi

Proposta għal regolament
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) It-titolizzazzjoni tista' tagħti spinta lill-investiment billi tippermetti lill-banek jittrasferixxu r-riskji lil dawk li jistgħu jġarrbuhom u b'hekk jilliberaw il-kapital tagħhom, li jistgħu jużaw għal self addizzjonali lil unitajiet domestiċi u negozji, inklużi intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs). Ir-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1], li jkopri kemm it-titolizzazzjonijiet sempliċi, trasparenti u standardizzati (STS) kif ukoll titolizzazzjonijiet mhux STS, saħħaħ it-trasparenza, is-sikurezza u l-istandardizzazzjoni tas-suq. Fl-istess ħin, dak ir-Regolament jenħtieġ li jiġi ssimplifikat aktar biex jiġu sfruttati aktar bis-sħiħ il-benefiċċji li jistgħu joffru t-titolizzazzjonijiet.	(1) It-titolizzazzjoni tista' tagħti spinta lill-investiment billi tippermetti lill-banek jittrasferixxu r-riskji lil dawk li jistgħu jġarrbuhom u b'hekk jilliberaw il-kapital tagħhom, li jistgħu jużaw għal self addizzjonali lil unitajiet domestiċi u negozji, inklużi intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs). Ir-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1], li jkopri kemm it-titolizzazzjonijiet sempliċi, trasparenti u standardizzati (STS) kif ukoll titolizzazzjonijiet mhux STS, saħħaħ it-trasparenza, is-sikurezza u l-istandardizzazzjoni tas-suq. Fl-istess ħin, dak ir-Regolament jenħtieġ li jiġi ssimplifikat aktar biex jiġu sfruttati aktar bis-sħiħ il-benefiċċji li jistgħu joffru t-titolizzazzjonijiet***, filwaqt li jinżammu***

salvagwardji ta' stabbiltà finanzjarja b'saħħithom.

[1] Ir-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi qafas ġenerali għat-titolizzazzjoni u li joħloq qafas speċifiku għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata, u li jemenda d-Direttivi 2009/65/KE, 2009/138/KE u 2011/61/UE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 648/2012, ĠU L 347, 28.12.2017, p. 35, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/2402/oj).

[1] Ir-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi qafas ġenerali għat-titolizzazzjoni u li joħloq qafas speċifiku għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata, u li jemenda d-Direttivi 2009/65/KE, 2009/138/KE u 2011/61/UE u r-Regolamenti (KE) Nru 1060/2009 u (UE) Nru 648/2012, ĠU L 347, 28.12.2017, p. 35, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2017/2402/oj).

Or. en

Emenda 59
Giovanni Crosetto, Mariateresa Vivaldini, Denis Nesci, Francesco Ventola, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Il-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja dan ir-Regolament turi li l-attività ta' titolizzazzjoni fl-Unjoni hija kkonċentrata ħafna fi ftit Stati Membri, b'ħafna ġuriżdizzjonijiet jirreġistraw ħruġ minimu jew ebda ħruġ, li jirrifletti żvilupp irregolari tas-suq madwar is-Suq Uniku. Fl-ewwel nofs tal-2024, emittenti minn inqas minn nofs l-Istati Membri tal-UE għamlu użu mit-titolizzazzjoni bħala sors ta' finanzjament. Dan ir-riżultat huwa dovut għal diversi fatturi, fosthom in-nuqqas ta' oqfsa regolatorji nazzjonali. Barra minn hekk, din ir-rata għolja ta' konċentrazzjoni ta' ħruġ fi ftit Stati Membri hija dovuta wkoll għal ostakli strutturali u regolatorji persistenti, qafas attwali tal-UE li spiss jitqies bħala wisq kumpless u għali bla bżonn, speċjalment

għal istituzzjonijiet iżgħar u għarfien u żvilupp limitat tas-suq f'diversi pajjiżi, speċjalment l-iżgħar pajjiżi;

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti se tkun tista' tkun ta' benefiċċju għall-ekonomija Ewropea wkoll bis-saħħa tal-kapaċità tagħha li xxerred l-użu tal-attività ta' titolizzazzjoni fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri tal-UE.

Emenda 60
Giovanni Crosetto, Mariateresa Vivaldini, Denis Nesci, Francesco Ventola, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Premessa 2b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2b) Fil-kuntest tal-Unjoni tas-Swieq Kapitali, it-titolizzazzjonijiet tradizzjonali, ikkaratterizzati minn trasferiment ġenwin ta' assi u r-riskju ta' kreditu sottostanti barra mill-karta tal-bilanċ tal-oriġinatur, jirrappreżentaw għodda strutturali biex tissaħħaħ l-effiċjenza tal-intermedjazzjoni finanzjarja u biex jiġi appoġġat il-finanzjament tal-ekonomija reali fl-Unjoni. Meta jkunu strutturati kif suppost u soġġetti għal qafas regolatorju sod, dawn it-tranżazzjonijiet jikkontribwixxu għad-diversifikazzjoni tas-sorsi ta' finanzjament, għall-ġestjoni effettiva tar-riskju u għar-reżiljenza tas-sistema finanzjarja. Għalhekk huwa xieraq li l-qafas regolatorju tal-Unjoni jirrikonoxxi l-karatteristiċi speċifiċi u l-benefiċċji ekonomiċi tat-titolizzazzjonijiet tradizzjonali u jevita approċċi restrittivi bla bżonn li jistgħu jillimitaw l-użu tagħhom b'mod mhux ġustifikat. Fl-istess ħin, huwa kruċjali għall-ekonomija reali li t-titolizzazzjonijiet tradizzjonali u l-ispinta lill-kompetittività tagħhom ikunu jistgħu jkunu ta' benefiċċju għall-aktar

setturi importanti u strateġiċi tas-swieq industrijali Ewropej, permezz ta' ingranaġġi fiskali u politiċi speċifiċi fil-livelli nazzjonali u Ewropej xierqa;

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-titolizzazzjonijiet tradizzjonali jistgħu jirrappreżentaw għodda speċifika u xierqa biex jiġu trasferiti l-benefiċċji finanzjarji ta' operazzjonijiet finanzjarji speċjalizzati ħafna lill-ekonomija reali. Dawn jistgħu jiġu interpretati wkoll, fil-kuntest u l-qafas regolatorju t-tajba, bħala strument ekonomiku ferm ibbilanċjat bejn l-istabbiltà finanzjarja u t-tkabbir ekonomiku xieraq permezz ta' ingranaġġ finanzjarju.

Emenda 61
Giovanni Crosetto, Mariateresa Vivaldini, Denis Nesci, Francesco Ventola, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Premessa 2c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2c) L-evidenza minn analiżi tas-suq fit-tul tindika li l-istrumenti ta' titolizzazzjoni wrew eżiti ta' prestazzjoni li huma komparabbli ma' dawk ta' bonds tal-gvern u korporattivi fil-kategoriji ta' klassifikazzjoni kollha fuq perjodi twal ta' żmien, jew aktar reżiljenti minnhom. Meta jkunu strutturati b'mod xieraq, divulgati b'mod trasparenti u soġġetti għal ġestjoni effettiva tar-riskju, it-titolizzazzjonijiet urew kapaċità li jassorbu l-istress tal-kreditu mingħajr ma jagħtu lok għal instabbiltà sistemika. Din il-prestazzjoni storika tappoġġa l-fehma li qafas ta' titolizzazzjoni mfassal tajjeb jista' jikkontribwixxi għall-istabbiltà finanzjarja filwaqt li jtejjeb l-effiċjenza u l-profondità tas-swieq kapitali tal-Unjoni, aktar milli jimminahom. Din turi wkoll li l-approċċ ġenerali tal-Parlament Ewropew jenħtieġ li jrawwem it-tkabbir ekonomiku mingħajr ma jenfasizza wisq ir-riskju tal-istabbiltà finanzjarja, meta

jitqies kemm il-kriżi finanzjarja affettwat b'mod differenti s-sistema finanzjarja tal-Istati Uniti u dik globali meta mqabbla ma' dik tal-UE;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-riskju ta' attività ta' titolizzazzjoni spiss wisq ma jitqiesx kif xieraq.

Emenda 62
Auke Zijlstra

Proposta għal regolament
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Sabiex tissaħħaħ it-trasparenza u jiġi żgurat trattament regolatorju konsistenti li għandu l-għan li jnaqqas il-kostijiet għall-emittenti, jenħtieġ li tiġi introdotta definizzjoni ta' titolizzazzjoni pubblika u privata. L-ambitu tat-titolizzazzjonijiet pubbliċi jenħtieġ li jkopri tranżazzjonijiet fejn in-noti sottostanti jiġu ammessi għan-negozjar fi swieq regolati, f'Faċilitajiet Multilaterali tan-Negozjar (MTFs), f'Faċilitajiet Organizzati tan-Negozjar (OTFs), jew fi kwalunkwe ċentru tan-negozjar ieħor fl-Unjoni, u tranżazzjonijiet ikkummerċjalizzati lill-investituri taħt termini u kundizzjonijiet li ma jistgħux jinbidlu meta l-pakkett jiġi offrut fuq bażi ta' "dan jew xejn" u l-investituri ma jkollhom l-ebda kuntatt dirett mal-oriġinatur jew l-isponsor u għalhekk ma jkunux jistgħu jirċievu l-informazzjoni meħtieġa biex iwettqu d-diliġenza dovuta mingħajr ma l-oriġinatur jew l-isponsor jiddivulgaw informazzjoni kummerċjalment sensittiva lis-suq. Id-definizzjoni ta' dawk it-tipi ta' tranżazzjonijiet bħala pubbliċi, bis-saħħa tal-aċċessibbiltà tagħhom għal firxa	***imħassar***

wiesgħa ta' investituri, jenħtieġ li tiżgura li tali tranżazzjonijiet ikunu soġġetti għar-rekwiżiti ta' trasparenza u għall-iskrutinju regolatorju xierqa u jikkontribwixxu għal sorveljanza u funzjonament aħjar tas-suq.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-definizzjoni estiża ta' titolizzazzjoni pubblika tfisser li kważi t-titolizzazzjonijiet kollha se jkunu soġġetti għal rekwiżiti ta' rapportar aktar oneruż u kumplessi. Dan mhux biss se jżid il-kostijiet għall-investituri iżda se jiskoraġġixxi wkoll it-titolizzazzjoni privata. Dan huwa partikolarment problematiku għall-investituri li qed ifittxu skoperturi jew klassijiet ta' assi speċifiċi ħafna.

Emenda 63
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Premessa 3a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(3a) Sabiex jiġi żgurat il-funzjonament effettiv tal-qafas tat-titolizzazzjoni u biex tissaħħaħ iċ-ċertezza legali, huwa xieraq li tiġi ċċarata d-definizzjoni ta' "sponsor". B'mod partikolari, il-fatt li l-maniġers ta' fondi ta' investiment alternattivi u l-kumpaniji maniġerjali awtorizzati skont id-dritt tal-Unjoni jitħallew jaġixxu bħala sponsors jenħtieġ li jnaqqas id-dipendenza fuq arranġamenti ta' strutturar kumplessi, jiffaċilita l-eżekuzzjoni ordnata tat-tranżazzjonijiet ta' titolizzazzjoni u jespandi s-suq. Din il-kjarifika jenħtieġ li tappoġġa l-iżvilupp tas-swieq tat-titolizzazzjoni, twessa' l-kanali ta' finanzjament għall-ekonomija reali u tippreżerva livell għoli ta' protezzjoni tal-investituri, mingħajr ma ddgħajjef l-objettivi prudenzjali.

Or. en

Emenda 64
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Ir-rekwiżiti tad-diliġenza dovuta applikabbli għat-titolizzazzjonijiet maħruġa minn entitajiet ta' pajjiżi terzi bħalissa jobbligaw lil dawn l-emittenti jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' divulgazzjoni tal-Unjoni, b'mod partikolari l-użu tal-mudelli ta' divulgazzjoni standardizzati stabbiliti fl-atti delegati skont ir-Regolament (UE) 2017/2402. Dan l-obbligu joħloq ostakli bla bżonn għall-investiment, peress li jirrikjedi li l-emittenti ta' pajjiżi terzi jirreplikaw ir-reġim tal-Unjoni anke fejn informazzjoni ekwivalenti jew sostanzjalment simili diġà tkun ipprovduta skont il-qafas domestiku tagħhom. Sabiex jiġi evitat li jiġu limitati l-opportunitajiet ta' investiment għall-investituri tal-UE u biex jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' bażi ta' investituri b'saħħitha għat-titolizzazzjonijiet fl-Unjoni, jenħtieġ li r-rekwiżiti jiġu aġġustati sabiex l-investituri tal-UE, bħala parti mid-diliġenza dovuta tagħhom, jivverifikaw li l-emittenti ta' pajjiżi terzi jipprovdu informazzjoni li hija sostanzjalment ekwivalenti għall-istandards ta' trasparenza stabbiliti f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/2402, mingħajr ma tiġi imposta aderenza formali mal-mudelli ta' divulgazzjoni tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 65
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher

Proposta għal regolament
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Ir-rekwiżiti tad-diliġenza dovuta applikabbli għat-titolizzazzjonijiet maħruġa minn entitajiet ta' pajjiżi terzi bħalissa jobbligaw lil dawn l-emittenti jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' divulgazzjoni tal-Unjoni, b'mod partikolari l-użu tal-mudelli ta' divulgazzjoni standardizzati stabbiliti fl-atti delegati skont ir-Regolament (UE) 2017/2402. Dan l-obbligu joħloq ostakli bla bżonn għall-investiment, peress li jirrikjedi li l-emittenti ta' pajjiżi terzi jirreplikaw ir-reġim tal-Unjoni anke fejn informazzjoni ekwivalenti jew sostanzjalment simili diġà tkun ipprovduta skont il-qafas domestiku tagħhom. Sabiex jiġi evitat li jiġu limitati l-opportunitajiet ta' investiment għall-investituri tal-UE u biex jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' bażi ta' investituri b'saħħitha għat-titolizzazzjonijiet fl-Unjoni, jenħtieġ li r-rekwiżiti jiġu aġġustati sabiex l-investituri tal-UE, bħala parti mid-diliġenza dovuta tagħhom, jivverifikaw li l-emittenti ta' pajjiżi terzi jipprovdu informazzjoni li hija sostanzjalment ekwivalenti għall-istandards ta' trasparenza stabbiliti f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/2402, mingħajr ma tiġi imposta aderenza formali mal-mudelli ta' divulgazzjoni tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 66
Christophe Gomart

Proposta għal regolament
Premessa 4a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(4a) Ir-rekwiżiti tad-diliġenza dovuta applikabbli għat-titolizzazzjonijiet maħruġa minn entitajiet ta' pajjiżi terzi bħalissa jobbligaw lil dawn l-emittenti jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' divulgazzjoni tal-Unjoni, b'mod partikolari l-użu tal-mudelli ta' divulgazzjoni standardizzati stabbiliti fl-atti delegati skont ir-Regolament (UE) 2017/2402. Dan l-obbligu joħloq ostakli bla bżonn għall-investiment, peress li jirrikjedi li l-emittenti ta' pajjiżi terzi jirreplikaw ir-reġim tal-Unjoni anke fejn informazzjoni ekwivalenti jew sostanzjalment simili diġà tkun ippruvduta skont il-qafas domestiku tagħhom. Sabiex jiġi evitat li jiġu limitati l-opportunitajiet ta' investiment għall-investituri tal-UE u biex jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' bażi ta' investituri b'saħħitha għat-titolizzazzjonijiet fl-Unjoni, jenħtieġ li r-rekwiżiti jiġu aġġustati sabiex l-investituri tal-UE, bħala parti mid-diliġenza dovuta tagħhom, jivverifikaw li l-emittenti ta' pajjiżi terzi jipprovdu informazzjoni li hija sostanzjalment ekwivalenti għall-istandards ta' trasparenza stabbiliti f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/2402, mingħajr ma tiġi imposta aderenza formali mal-mudelli ta' divulgazzjoni tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 67
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) L-oriġinaturi, il-mutwanti oriġinali, l-isponsors jew l-entitajiet bi skop speċjali tat-titolizzazzjoni (SSPEs,) (l-"entitajiet fuq in-naħa tal-bejgħ") li huma stabbiliti fl-Unjoni diġà huma soġġetti għal	(5) L-oriġinaturi, il-mutwanti oriġinali, l-isponsors jew l-entitajiet bi skop speċjali tat-titolizzazzjoni (SSPEs,) (l-"entitajiet fuq in-naħa tal-bejgħ") li huma stabbiliti fl-Unjoni diġà huma soġġetti għal

superviżjoni fl-Unjoni u jistgħu jiġu ssanzjonati f'każ li jiksru l-obbligi tagħhom skont ir-Regolament (UE) 2017/2402. Għalhekk huwa xieraq li l-investituri ma jibqgħux meħtieġa jivverifikaw ***jekk l-entitajiet*** fuq in-naħa tal-bejgħ ***tal-Unjoni jikkonformawx mar-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta stabbiliti fir-Regolament*** (UE) 2017/2402***, meta dawk l-entitajiet ikunu responsabbli f'isem il-partijiet fuq in-naħa tal-bejgħ fit-tranżazzjoni***. Madankollu, jenħtieġ li l-investituri xorta waħda jivverifikaw jekk ***ikkonformawx mal-obbligi tagħhom li għalihom huma responsabbli l-entitajiet*** fuq in-naħa tal-bejgħ ***ta' pajjiżi terzi skont ir-Regolament (UE)*** 2017/2402.

superviżjoni fl-Unjoni u jistgħu jiġu ssanzjonati f'każ li jiksru l-obbligi tagħhom skont ir-Regolament (UE) 2017/2402. Għalhekk huwa xieraq li l-investituri ma jibqgħux meħtieġa jivverifikaw ***il-konformità tal-entitajiet*** fuq in-naħa tal-bejgħ ***li huma stabbiliti fl-Unjoni, ma' ċerti rekwiżiti tar-Regolament*** (UE) 2017/2402. Madankollu, jenħtieġ li l-investituri xorta waħda jivverifikaw jekk ***it-tranżazzjonijiet li jinvolvu entitajiet*** fuq in-naħa tal-bejgħ ***stabbiliti f'pajjiżi terzi, jikkonformawx mar-rekwiżiti li jikkorrispondu ma' dawk tar-Regolament*** (UE) 2017/2402.

Or. en

Emenda 68
Eero Heinäluoma, Nikos Papandreou, Jonás Fernández, René Repasi

Proposta għal regolament
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) L-oriġinaturi, il-mutwanti oriġinali, l-isponsors jew l-entitajiet bi skop speċjali tat-titolizzazzjoni (SSPEs,) (l-"entitajiet fuq in-naħa tal-bejgħ") li huma stabbiliti fl-Unjoni diġà huma soġġetti għal superviżjoni fl-Unjoni u jistgħu jiġu ssanzjonati f'każ li jiksru l-obbligi tagħhom skont ir-Regolament (UE) 2017/2402. Għalhekk huwa xieraq li l-investituri ma jibqgħux meħtieġa jivverifikaw jekk l-entitajiet fuq in-naħa tal-bejgħ tal-Unjoni jikkonformawx mar-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta stabbiliti fir-Regolament (UE) 2017/2402, meta dawk l-entitajiet ikunu responsabbli f'isem il-partijiet fuq in-naħa tal-bejgħ fit-tranżazzjoni. Madankollu, jenħtieġ li l-investituri xorta waħda jivverifikaw jekk ***ikkonformawx*** mal-obbligi tagħhom li	(5) L-oriġinaturi, il-mutwanti oriġinali, l-isponsors jew l-entitajiet bi skop speċjali tat-titolizzazzjoni (SSPEs,) (l-"entitajiet fuq in-naħa tal-bejgħ") li huma stabbiliti fl-Unjoni diġà huma soġġetti għal superviżjoni fl-Unjoni u jistgħu jiġu ssanzjonati f'każ li jiksru l-obbligi tagħhom skont ir-Regolament (UE) 2017/2402. Għalhekk huwa xieraq li l-investituri ma jibqgħux meħtieġa jivverifikaw jekk l-entitajiet fuq in-naħa tal-bejgħ tal-Unjoni jikkonformawx mar-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta stabbiliti fir-Regolament (UE) 2017/2402, meta dawk l-entitajiet ikunu responsabbli f'isem il-partijiet fuq in-naħa tal-bejgħ fit-tranżazzjoni. Madankollu, jenħtieġ li l-investituri xorta waħda jivverifikaw jekk ***tranżazzjonijiet li jinvolvu entitajiet fuq***

għalihom huma responsabbli l-entitajiet fuq in-naħa tal-bejgħ ta' pajjiżi terzi skont ir-Regolament (UE) 2017/2402.

in-naħa tal-bejgħ stabbiliti f'pajjiżi terzi kkonformawx mal-obbligi tagħhom li għalihom huma responsabbli l-entitajiet fuq in-naħa tal-bejgħ ta' pajjiżi terzi skont ir-Regolament (UE) 2017/2402.

Or. en

Emenda 69
Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) ***Peress li l-konformità*** mar-rekwiżiti STS diġà hija soġġetta għal ***sorveljanza u notifika regolatorji separati, l-obbligu għall-investituri*** li jivverifikaw il-konformità ***ma' dawk ir-rekwiżiti huwa żejjed***. ***Barra minn hekk, il-verifika*** tal-konformità mal-kriterji STS ***ma hijiex rilevanti għat-tipi kollha ta' investituri***. ***Għalhekk, ir-rekwiżit korrispondenti jenħtieġ li jitħassar.***	(7) ***Meta l-konformità*** mar-rekwiżiti STS diġà hija soġġetta għal ***valutazzjoni minn verifikatur ta' parti terza, ma huwiex meħtieġ li l-investituri jiġu mġiegħla jerġgħu jivverifikaw ir-rekwiżiti STS. Għalhekk, ir-rekwiżit fuq l-investituri*** li jivverifikaw il-konformità ***mal-kriterji STS jenħtieġ li jitneħħa meta titolizzazzjoni tkun irċeviet valutazzjoni pożittiva ta' konformità STS minn parti terza awtorizzata u taħt superviżjoni skont l-Artikolu 28. Madankollu, valutazzjoni pożittiva*** tal-konformità mal-kriterji STS ***jenħtieġ li ma teżentax lill-investituri mir-responsabbiltà tagħhom li jivvalutaw ir-riskju u l-karatteristiċi ta' kull pożizzjoni ta' titolizzazzjoni li jinvestu fiha***.

Or. en

Emenda 70
Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(8a) Il-garanziji pubbliċi jenħtieġ li jkunu ġġustifikati mill-kapaċità tagħhom li jtejbu l-eżiti ta' min jissellef, b'mod partikolari fis-settur tal-akkomodazzjoni residenzjali, notevolment billi jnaqqsu l-kostijiet tal-finanzjament tal-ipoteki u jappoġġaw żieda fl-investiment f'kostruzzjoni residenzjali ġdida u r-rinnovazzjoni tal-istokk ta' djar eżistenti f'konformità mal-objettivi ta' sostenibbiltà. Il-garanziji applikati għal self ipotekarju sottostanti fl-oriġinazzjoni jistgħu, taħt kundizzjonijiet xierqa, jissodisfaw dawn l-objettivi. B'kuntrast, il-garanziji mogħtija esklużivament fil-livell ta' tranżazzjonijiet ta' titolizzazzjoni primarjament jissussidjaw lill-investituri billi jipproteġuhom minn telf mingħajr ma jiżguraw xi benefiċċju korrispondenti għal min jissellef jew għall-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni. Għalhekk, huwa diffiċli li tali garanziji jiġu rrikonċiljati mal-objettivi ta' politika pubblika li fuqhom huwa bbażat l-intervent tal-Istat fis-swieq tal-akkomodazzjoni u jenħtieġ li jiġu evitati.

Or. en

Emenda 71
Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) ***Il-banek multilaterali tal-iżvilupp jista' jkollhom rwol sinifikanti fl-iffaċilitar tal-aċċess tal-investituri għas-swieq tat-titolizzazzjoni, fit-titjib tal-likwidità, u fl-appoġġ tal-objettivi tal-Unjoni tat-Tfaddil u l-Investimenti.*** Meta pożizzjoni ta' titolizzazzjoni tkun garantita b'mod sħiħ, mingħajr kundizzjoni u b'mod irrevokabbli minn bank multilaterali tal-	(9) Meta pożizzjoni ta' titolizzazzjoni tkun garantita b'mod sħiħ, mingħajr kundizzjoni u b'mod irrevokabbli minn bank multilaterali tal-iżvilupp elenkat fl-Artikolu 117(2) tar-Regolament (UE) ***575/2013[2], l-eżenzjoni tal-investituri istituzzjonali, għajr*** l-entità ***garanti,*** mir-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta skont ***dan*** ir-Regolament ***tirrappreżenta trasferiment de***

iżvilupp elenkat fl-Artikolu 117(2) tar-Regolament (UE) ***575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[2], ir-riskju ta' kreditu li jirriżulta mill-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni jiġi ttrasferit b'mod effettiv mill-grupp ta' assi sottostanti lill-garanti, li jirriżulta f'piż tar-riskju ta' 0 % ta' tali skopertura***. ***Barra minn hekk, tali pożizzjoni ta' titolizzazzjoni hija kkategorizzata bħala assi tal-Livell 1 taħt l-Artikolu 10(1), il-punt (g), tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/61[3]***. ***F'każijiet bħal dawn, huwa xieraq li l-investituri*** istituzzjonali, ***ħlief*** l-entità ***li tipprovdi l-garanzija, jiġu eżentati*** mir-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta ***tagħhom bis-sħiħ*** skont ir-Regolament ***(UE) 2017/2402.***	***facto tal-valutazzjoni tar-riskju u tal-assorbiment tat-telf lis-settur pubbliku. Approċċ bħal dan idgħajjef id-dixxiplina fis-suq, jgħawweġ l-inċentivi għal deċiżjonijiet ta' investiment prudenti u jmur kontra l-prinċipju li r-riskji tat-titolizzazzjoni jenħtieġ li primarjament jinġarru u jiġu vvalutati minn parteċipanti fis-suq privat.***
[2] Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/575/oj).	[2] Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/575/oj).
[3] Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/61 tal-10 ta' Ottubru 2014 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward ir-rekwiżit ta' kopertura tal-likwidità għall-Istituzzjonijiet ta' Kreditu, (ĠU L 11 17.1.2015, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2015/61/oj).	

Or. en

Emenda 72
Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament

Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) ***It-tranżazzjonijiet fejn is-segment tal-ewwel telf ikun jew miżmum jew inkella*** garantit ***mill-Unjoni, mill-banek jew l-istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali skont it-tifsira tal-Artikolu 2, il-punt (3) tar-Regolament (UE) 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4] b'mod inerenti għandhom karatteristiċi li jimmitigaw il-ħtieġa li ssir id-diliġenza dovuta sħiħa u li jitwettaq ir-rekwiżit taż-żamma tar-riskju. Dawn it-tranżazzjonijiet huma soġġetti għal assigurazzjoni mill-garanti, li jwettaq il-proċessi tad-diliġenza dovuta qabel ma jagħti dik il-garanzija. Din il-valutazjzoni tneħħi l-ħtieġa li l-investituri istituzzjonali jwettqu valutazzjoni sħiħa tad-diliġenza dovuta skont ir-Regolament (UE) 2017/2402. Barra minn hekk, l-essenza ta' garanzija hija li l-garanti jassumi r-riskju. Għalhekk, huwa xieraq li jitneħħa r-rekwiżit taż-żamma tar-riskju. Dawn il-bidliet huma mistennija jinkludu l-investiment privat fi strutturi bi tnaqqis tar-riskji b'garanzija pubblika.***	(10) ***Waħda mill-vulnerabbiltajiet ewlenin żvelati mill-kriżi finanzjarja globali kienet l-allinjament dgħajjef tal-interessi bejn l-oriġinaturi u l-investituri, li mmaterjalizza fl-użu mifrux ta' mudell "oriġina u ddistribwixxi" u kkontribwixxa għal deterjorament fl-istandards tal-oriġinazzjoni u tas-servizzjar. B'rispons għal dan, il-qafas tal-Unjoni introduċa, f'konformità mal-istandards internazzjonali, rekwiżiti ta' żamma tar-riskju sabiex jiżgura li l-oriġinaturi jżommu interess ekonomiku materjali f'espożizzjonijiet titolizzati u jżommu inċentivi għal sottoskrizzjoni prudenti tal-kreditu u servizzjar kontinwu. Ir-rinunzja jew in-newtralizzazzjoni ta' dawk ir-rekwiżiti ta' żamma tar-riskju għal titolizzazzjonijiet li fihom l-iskoperturi titolizzati huma kompletament jew parzjalment*** garantiti ***minn entitajiet pubbliċi, timmina dawk l-inċentivi u jdgħajfu d-dixxiplina fis-suq. Approċċ bħal dan jenħtieġ li jiġi evitat peress li effettivament jittrasferixxi t-telf lis-settur pubbliku, inaqqar il-prinċipju tat-teħid tar-riskju privat, u jirriskja li jerġa' jintroduċu aspettattivi ta' appoġġ pubbliku li ma humiex kompatibbli mal-objettivi ta' dan ir-Regolament***.

[4] Ir-Regolament (UE) 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1).

Or. en

Emenda 73
Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) It-tranżazzjonijiet fejn is-segment tal-ewwel telf ikun jew miżmum jew inkella ggarantit ***mill-Unjoni***, mill-banek jew l-istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali skont it-tifsira tal-Artikolu 2, il-punt (3) tar-Regolament (UE) 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4] b'mod inerenti għandhom karatteristiċi li jimmitigaw il-ħtieġa li ssir ***id-diliġenza dovuta sħiħa u*** li jitwettaq ir-rekwiżit taż-żamma tar-riskju. Dawn it-tranżazzjonijiet huma soġġetti għal assigurazzjoni mill-garanti, li jwettaq il-proċessi tad-diliġenza dovuta qabel ma jagħti dik il-garanzija. ***Din il-valutazjzoni tneħħi l-ħtieġa li l-investituri istituzzjonali jwettqu valutazzjoni sħiħa tad-diliġenza dovuta skont ir-Regolament (UE) 2017/2402.*** Barra minn hekk, l-essenza ta' garanzija hija li l-garanti jassumi r-riskju. Għalhekk, huwa xieraq li jitneħħa r-rekwiżit taż-żamma tar-riskju. Dawn il-bidliet huma mistennija jinkludu l-investiment privat fi strutturi bi tnaqqis tar-riskji b'garanzija pubblika.	(10) It-tranżazzjonijiet fejn is-segment tal-ewwel telf ikun jew miżmum jew inkella ggarantit ***minn gvernijiet ċentrali jew banek ċentrali, gvernijiet reġjonali, awtoritajiet lokali u entitajiet tas-settur pubbliku***, mill-banek jew l-istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali skont it-tifsira tal-Artikolu 2, il-punt (3) tar-Regolament (UE) 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4], ***banek multilaterali tal-iżvilupp u l-Unjoni*** b'mod inerenti għandhom karatteristiċi li jimmitigaw il-ħtieġa li jitwettaq ir-rekwiżit taż-żamma tar-riskju. Dawn it-tranżazzjonijiet huma soġġetti għal assigurazzjoni mill-garanti, li jwettaq il-proċessi tad-diliġenza dovuta qabel ma jagħti dik il-garanzija. Barra minn hekk, l-essenza ta' garanzija hija li l-garanti jassumi r-riskju***, li jassumi r-riskju minuri f'isem l-objettivi tal-politika pubblika, billi jfassal programmi li fihom jiddefinixxi l-eliġibbiltà tal-assi u jiżgura sorveljanza kontinwa matul il-ħajja tat-tranżazzjoni***. Għalhekk, huwa xieraq li jitneħħa r-rekwiżit taż-żamma tar-riskju. Dawn il-bidliet huma mistennija jinkludu l-investiment privat fi strutturi bi tnaqqis tar-riskji b'garanzija pubblika.
[4] Ir-Regolament (UE) 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-Fond Ewropew għall-Investimenti	[4] Ir-Regolament (UE) 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-Fond Ewropew għall-Investimenti

Strateġiċi (ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1).

Strateġiċi (ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1).

Or. en

Emenda 74
Eero Heinäluoma, Nikos Papandreou, Jonás Fernández, René Repasi

Proposta għal regolament
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) It-tranżazzjonijiet fejn is-segment tal-ewwel telf ikun jew miżmum jew inkella ggarantit mill-Unjoni, mill-banek jew l-istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali skont it-tifsira tal-Artikolu 2, il-punt (3) tar-Regolament (UE) 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4] b'mod inerenti għandhom karatteristiċi li jimmitigaw il-ħtieġa li ssir id-diliġenza dovuta sħiħa u li jitwettaq ir-rekwiżit taż-żamma tar-riskju. Dawn it-tranżazzjonijiet huma soġġetti għal assigurazzjoni mill-garanti, li jwettaq il-proċessi tad-diliġenza dovuta qabel ma jagħti dik il-garanzija. Din ***il-valutazjzoni*** tneħħi l-ħtieġa li l-investituri istituzzjonali jwettqu valutazzjoni sħiħa tad-diliġenza dovuta skont ir-Regolament (UE) 2017/2402. Barra minn hekk, l-essenza ta' garanzija hija li l-garanti jassumi r-riskju. ***Għalhekk, huwa xieraq li jitneħħa r-rekwiżit taż-żamma tar-riskju.*** Dawn il-bidliet huma mistennija jinkludu l-investiment privat fi strutturi bi tnaqqis tar-riskji b'garanzija pubblika.	(10) It-tranżazzjonijiet fejn is-segment tal-ewwel telf ikun jew miżmum jew inkella ggarantit mill-Unjoni, mill-banek jew l-istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali skont it-tifsira tal-Artikolu 2, il-punt (3) tar-Regolament (UE) 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[4] b'mod inerenti għandhom karatteristiċi li jimmitigaw il-ħtieġa li ssir id-diliġenza dovuta sħiħa u li jitwettaq ir-rekwiżit taż-żamma tar-riskju. Dawn it-tranżazzjonijiet huma soġġetti għal assigurazzjoni mill-garanti, li jwettaq il-proċessi tad-diliġenza dovuta qabel ma jagħti dik il-garanzija. Din ***il-valutazzjoni*** tneħħi l-ħtieġa li l-investituri istituzzjonali jwettqu valutazzjoni sħiħa tad-diliġenza dovuta skont ir-Regolament (UE) 2017/2402. Barra minn hekk, l-essenza ta' garanzija hija li l-garanti jassumi r-riskju. Dawn il-bidliet huma mistennija jinkludu l-investiment privat fi strutturi bi tnaqqis tar-riskji b'garanzija pubblika.

[4] Ir-Regolament (UE) 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-

[4] Ir-Regolament (UE) 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ġunju 2015 dwar il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi, iċ-Ċentru Ewropew ta' Konsulenza għall-Investimenti u l-Portal Ewropew ta' Proġetti ta' Investiment u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1291/2013 u (UE) Nru 1316/2013 — il-

Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1).	Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi (ĠU L 169, 1.7.2015, p. 1).

Or. en

Emenda 75
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher

Proposta għal regolament
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Investitur istituzzjonali li jiddelega l-awtorità biex jieħu deċiżjonijiet dwar il-ġestjoni tal-investiment lil investitur istituzzjonali ieħor jenħtieġ li jkun jista' jagħti struzzjonijiet lid-delegat biex iwettaq l-obbligi tad-diliġenza dovuta stabbiliti fir-Regolament (UE) 2017/2402. ***Madankollu, jenħtieġ li tali delega ma tittrasferixxix ir-responsabbiltà legali.*** L-investitur istituzzjonali li jiddelega jenħtieġ li ***jibqa' fl-aħħar mill-aħħar responsabbli biex jiżgura l-konformità mar-rekwiżiti tad-diliġenza*** dovuta. Dik l-ispeċifikazzjoni hija maħsuba biex tirrifletti l-prattika regolatorja stabbilita u biex tiżgura li l-obbligi jiġu ssodisfati b'mod effettiv filwaqt li jinżammu linji ċari ta' akkontabilità.	(11) Investitur istituzzjonali li jiddelega l-awtorità biex jieħu deċiżjonijiet dwar il-ġestjoni tal-investiment lil investitur istituzzjonali ieħor jenħtieġ li jkun jista' jagħti struzzjonijiet lid-delegat biex iwettaq l-obbligi tad-diliġenza dovuta stabbiliti fir-Regolament (UE) 2017/2402. ***F'tali każijiet,*** l-investitur istituzzjonali li jiddelega jenħtieġ li ***jivvaluta u jimmonitorja l-effettività tal-kapaċità tad-delegat li jwettaq il-kompiti ta' diliġenza*** dovuta ***delegati***. Dik l-ispeċifikazzjoni hija maħsuba biex tirrifletti l-prattika regolatorja stabbilita u biex tiżgura li l-obbligi jiġu ssodisfati b'mod effettiv filwaqt li jinżammu linji ċari ta' akkontabilità.

Or. en

Emenda 76
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Il-mudelli tar-rapportar attwali[5] kemm għat-titolizzazzjonijiet pubbliċi kif ukoll għal dawk privati huma għaljin wisq	(13) Il-mudelli tar-rapportar attwali kemm għat-titolizzazzjonijiet pubbliċi kif ukoll għal dawk privati huma għaljin wisq

u ta’ piż żejjed. Għalhekk jenħtieġ li l-piż fuq l-entitajiet meta jikkonformaw mal-obbligi ta’ rapportar tagħhom jitnaqqas, mingħajr ma jiġi mminat l-għan li tiġi pprovduta trasparenza lis-suq. Il-mudelli ta’ rapportar jenħtieġ li jiġu ssimplifikati biex jitnaqqas l-għadd ta’ oqsma obbligatorji tad-data. Jenħtieġ li r-reviżjoni tal-mudell ikollha l-għan li twassal għal tnaqqis ta’ mill-inqas ***35 %*** tal-oqsma obbligatorji tad-data. Il-konverżjoni ta’ ċerti oqsma obbligatorji f’oqsma volontarji tista’ żżid aktar flessibbiltà, iżda jenħtieġ li tingħata attenzjoni xierqa biex jiġi żgurat li dan ma jikkompromettix il-kwalità jew il-faċilità ta’ użu tad-data.

u ta’ piż żejjed. Għalhekk jenħtieġ li l-piż fuq l-entitajiet meta jikkonformaw mal-obbligi ta’ rapportar tagħhom jitnaqqas, mingħajr ma jiġi mminat l-għan li tiġi pprovduta trasparenza lis-suq. ***It-titolizzazzjonijiet privati jenħtieġ li jkunu eżentati mill-użu ta’ mudelli preskritti.*** Il-mudelli ta’ rapportar ***għal titolizzazzjonijiet pubbliċi*** jenħtieġ li jiġu ssimplifikati biex jitnaqqas l-għadd ta’ oqsma obbligatorji tad-data. Jenħtieġ li r-reviżjoni tal-mudell ikollha l-għan li twassal għal tnaqqis ta’ mill-inqas ***50 %*** tal-oqsma obbligatorji tad-data. Il-konverżjoni ta’ ċerti oqsma obbligatorji f’oqsma volontarji tista’ żżid aktar flessibbiltà, iżda jenħtieġ li tingħata attenzjoni xierqa biex jiġi żgurat li dan ma jikkompromettix il-kwalità jew il-faċilità ta’ użu tad-data.

[5] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1224 tas-16 ta’ Ottubru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw l-informazzjoni u d-dettalji ta’ titolizzazzjoni li għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni mill-oriġinatur, mill-isponsor u mill-SSPE u r-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1225 tad-29 ta’ Ottubru 2019 li jistabbilixxi standards tekniċi ta’ implimentazzjoni fir-rigward tal-format u l-mudelli standardizzati biex l-informazzjoni u d-dettalji ta’ titolizzazzjoni mill-oriġinatur, l-isponsor u l-SSPE jiġu magħmulin disponibbli (ĠU L 289, 3.9.2020, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/1224/oj).

Or. en

Ġustifikazzjoni

Fil-prattika, l-investituri f’titolizzazzjonijiet privati jibbażaw fuq informazzjoni dwar l-iskoperturi mfassla apposta u mhux fuq l-istandards preskritti mill-ESMA.

Emenda 77
Regina Doherty

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Il-mudelli tar-rapportar attwali[5] kemm għat-titolizzazzjonijiet pubbliċi kif ukoll għal dawk privati huma għaljin wisq u ta' piż żejjed. Għalhekk jenħtieġ li l-piż fuq l-entitajiet meta jikkonformaw mal-obbligi ta' rapportar tagħhom jitnaqqas, mingħajr ma jiġi mminat l-għan li tiġi pprovduta trasparenza lis-suq. Il-mudelli ta' rapportar jenħtieġ li jiġu ssimplifikati biex jitnaqqas l-għadd ta' oqsma obbligatorji tad-data. Jenħtieġ li r-reviżjoni tal-mudell ikollha l-għan li twassal għal tnaqqis ta' mill-inqas ***35 %*** tal-oqsma obbligatorji tad-data. Il-konverżjoni ta' ċerti oqsma obbligatorji f'oqsma volontarji tista' żżid aktar flessibbiltà, iżda jenħtieġ li tingħata attenzjoni xierqa biex jiġi żgurat li dan ma jikkompromettix il-kwalità jew il-faċilità ta' użu tad-data.	(13) Il-mudelli tar-rapportar attwali[5] kemm għat-titolizzazzjonijiet pubbliċi kif ukoll għal dawk privati huma għaljin wisq u ta' piż żejjed. Għalhekk jenħtieġ li l-piż fuq l-entitajiet meta jikkonformaw mal-obbligi ta' rapportar tagħhom jitnaqqas, mingħajr ma jiġi mminat l-għan li tiġi pprovduta trasparenza lis-suq. ***It-titolizzazzjonijiet privatijenħtieġ li jkunu eżentati mill-użu ta' mudelli preskritti. Il-mudelli ta' rapportar għal titolizzazzjonijiet pubbliċi***. Il-mudelli ta' rapportar jenħtieġ li jiġu ssimplifikati biex jitnaqqas l-għadd ta' oqsma obbligatorji tad-data. Jenħtieġ li r-reviżjoni tal-mudell ikollha l-għan li twassal għal tnaqqis ta' mill-inqas ***35 %*** tal-oqsma obbligatorji tad-data. Il-konverżjoni ta' ċerti oqsma obbligatorji f'oqsma volontarji tista' żżid aktar flessibbiltà, iżda jenħtieġ li tingħata attenzjoni xierqa biex jiġi żgurat li dan ma jikkompromettix il-kwalità jew il-faċilità ta' użu tad-data.
[5] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1224 tas-16 ta' Ottubru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw l-informazzjoni u d-dettalji ta' titolizzazzjoni li għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni mill-oriġinatur, mill-isponsor u mill-SSPE u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1225 tad-29 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-format u l-mudelli standardizzati biex l-	[5] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1224 tas-16 ta' Ottubru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw l-informazzjoni u d-dettalji ta' titolizzazzjoni li għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni mill-oriġinatur, mill-isponsor u mill-SSPE u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1225 tad-29 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-format u l-mudelli standardizzati biex l-

informazzjoni u d-dettalji ta' titolizzazzjoni mill-oriġinatur, l-isponsor u l-SSPE jiġu magħmulin disponibbli (ĠU L 289, 3.9.2020, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/1224/oj).	informazzjoni u d-dettalji ta' titolizzazzjoni mill-oriġinatur, l-isponsor u l-SSPE jiġu magħmulin disponibbli (ĠU L 289, 3.9.2020, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/1224/oj).
	Or. en

Emenda 78
Eero Heinäluoma, Nikos Papandreou, Jonás Fernández, René Repasi

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Il-mudelli tar-rapportar attwali[5] kemm għat-titolizzazzjonijiet pubbliċi kif ukoll għal dawk privati huma għaljin wisq u ta' piż żejjed. Għalhekk jenħtieġ li l-piż fuq l-entitajiet meta jikkonformaw mal-obbligi ta' rapportar tagħhom jitnaqqas, mingħajr ma jiġi mminat l-għan li tiġi pprovduta trasparenza lis-suq. Il-mudelli ta' rapportar jenħtieġ li jiġu ssimplifikati biex jitnaqqas l-għadd ta' oqsma obbligatorji tad-data. Jenħtieġ li r-reviżjoni tal-mudell ikollha l-għan li twassal għal tnaqqis ***ta' mill-inqas 35 %*** tal-oqsma obbligatorji tad-data. Il-konverżjoni ta' ċerti oqsma obbligatorji f'oqsma volontarji tista' żżid aktar flessibbiltà, iżda jenħtieġ li tingħata attenzjoni xierqa biex jiġi żgurat li dan ma jikkompromettix il-kwalità jew il-faċilità ta' użu tad-data.	(13) Il-mudelli tar-rapportar attwali[5] kemm għat-titolizzazzjonijiet pubbliċi kif ukoll għal dawk privati huma għaljin wisq u ta' piż żejjed. Għalhekk jenħtieġ li l-piż fuq l-entitajiet meta jikkonformaw mal-obbligi ta' rapportar tagħhom jitnaqqas, mingħajr ma jiġi mminat l-għan ***ta' superviżjoni effettiva u*** li tiġi pprovduta trasparenza lis-suq. Il-mudelli ta' rapportar jenħtieġ li jiġu ssimplifikati biex jitnaqqas l-għadd ta' oqsma obbligatorji tad-data. Jenħtieġ li r-reviżjoni tal-mudell ikollha l-għan li twassal għal tnaqqis tal-oqsma obbligatorji tad-data. ***Dan ir-rekwiżit jenħtieġ li jiġi applikat b'mod flessibbli biex jiġi żgurat li l-informazzjoni essenzjali, b'mod partikolari l-informazzjoni rilevanti għall-valutazzjoni tar-riskju tal-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni, tkun tista' tinżamm.*** Il-konverżjoni ta' ċerti oqsma obbligatorji f'oqsma volontarji tista' żżid aktar flessibbiltà, iżda jenħtieġ li tingħata attenzjoni xierqa biex jiġi żgurat li dan ma jikkompromettix il-kwalità jew il-faċilità ***u l-komparabbiltà*** ta' użu tad-data. ***L-isforzi favur is-simplifikazzjoni jenħtieġ li ma jipprekludux il-possibbiltà li jiġu inklużi kampijiet ta' data addizzjonali biex jiġu indirizzati l-prijoritajiet ta' politika***

	emerġenti, bħal data rilevanti għall-monitoraġġ tar-riskji relatati mal-klima u l-ambjent, inkluża dawk relatati mar-riskji fiżiċi u ta' tranżizzjoni. Bħalissa, tali data hija skarsa, u dan jillimita l-kapaċità tal-investituri istituzzjonali u tal-awtoritajiet kompetenti li jivvalutaw u jimmaniġġjaw ir-riskji assoċjati.
[5] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1224 tas-16 ta' Ottubru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw l-informazzjoni u d-dettalji ta' titolizzazzjoni li għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni mill-oriġinatur, mill-isponsor u mill-SSPE u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1225 tad-29 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-format u l-mudelli standardizzati biex l-informazzjoni u d-dettalji ta' titolizzazzjoni mill-oriġinatur, l-isponsor u l-SSPE jiġu magħmulin disponibbli (ĠU L 289, 3.9.2020, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/1224/ojhttp://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/1224/ojhttp://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/1224/oj).	[5] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1224 tas-16 ta' Ottubru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw l-informazzjoni u d-dettalji ta' titolizzazzjoni li għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni mill-oriġinatur, mill-isponsor u mill-SSPE u r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1225 tad-29 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-format u l-mudelli standardizzati biex l-informazzjoni u d-dettalji ta' titolizzazzjoni mill-oriġinatur, l-isponsor u l-SSPE jiġu magħmulin disponibbli (ĠU L 289, 3.9.2020, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/1224/ojhttp://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/1224/ojhttp://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/1224/oj).
	Or. en

Emenda 79
Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) Il-mudelli tar-rapportar attwali[5] kemm għat-titolizzazzjonijiet pubbliċi kif ukoll għal dawk privati huma għaljin wisq	(13) Il-mudelli tar-rapportar attwali[5] kemm għat-titolizzazzjonijiet pubbliċi kif ukoll għal dawk privati huma għaljin wisq

u ta’ piż żejjed. Għalhekk jenħtieġ li l-piż fuq l-entitajiet meta jikkonformaw mal-obbligi ta’ rapportar tagħhom jitnaqqas, mingħajr ma jiġi mminat l-għan li tiġi pprovduta trasparenza lis-suq. Il-mudelli ta’ rapportar jenħtieġ li jiġu ssimplifikati biex jitnaqqas l-għadd ta’ oqsma obbligatorji tad-data. ***Jenħtieġ li r-reviżjoni tal-mudell ikollha l-għan li twassal għal tnaqqis ta’ mill-inqas 35 % tal-oqsma obbligatorji tad-data***. Il-konverżjoni ta’ ċerti oqsma obbligatorji f’oqsma volontarji tista’ żżid aktar flessibbiltà, iżda jenħtieġ li tingħata attenzjoni xierqa biex jiġi żgurat li dan ma jikkompromettix il-kwalità jew il-faċilità ta’ użu tad-data.

[5] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1224 tas-16 ta’ Ottubru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw l-informazzjoni u d-dettalji ta’ titolizzazzjoni li għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni mill-oriġinatur, mill-isponsor u mill-SSPE u r-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1225 tad-29 ta’ Ottubru 2019 li jistabbilixxi standards tekniċi ta’ implimentazzjoni fir-rigward tal-format u l-mudelli standardizzati biex l-informazzjoni u d-dettalji ta’ titolizzazzjoni mill-oriġinatur, l-isponsor u l-SSPE jiġu magħmulin disponibbli (ĠU L 289, 3.9.2020, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/1224/ojhttp://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/1224/ojhttp://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/1224/oj).

u ta’ piż żejjed. Għalhekk jenħtieġ li l-piż fuq l-entitajiet meta jikkonformaw mal-obbligi ta’ rapportar tagħhom jitnaqqas, mingħajr ma jiġi mminat l-għan li tiġi pprovduta trasparenza lis-suq. Il-mudelli ta’ rapportar jenħtieġ li jiġu ssimplifikati biex jitnaqqas l-għadd ta’ oqsma obbligatorji tad-data. Il-konverżjoni ta’ ċerti oqsma obbligatorji f’oqsma volontarji tista’ żżid aktar flessibbiltà, iżda jenħtieġ li tingħata attenzjoni xierqa biex jiġi żgurat li dan ma jikkompromettix il-kwalità jew il-faċilità ta’ użu tad-data. ***Barra minn hekk, l-isforzi favur is-simplifikazzjoni jenħtieġ li ma jipprekludux il-possibbiltà li jiġu inklużi kampijiet addizzjonali meta meħtieġ biex jiġu indirizzati l-prijoritajiet ta’ politika emerġenti, inkluża data rilevanti għall-monitoraġġ tar-riskji relatati mal-klima u l-ambjent.***

[5] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1224 tas-16 ta’ Ottubru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw l-informazzjoni u d-dettalji ta’ titolizzazzjoni li għandhom jitqiegħdu għad-dispożizzjoni mill-oriġinatur, mill-isponsor u mill-SSPE u r-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1225 tad-29 ta’ Ottubru 2019 li jistabbilixxi standards tekniċi ta’ implimentazzjoni fir-rigward tal-format u l-mudelli standardizzati biex l-informazzjoni u d-dettalji ta’ titolizzazzjoni mill-oriġinatur, l-isponsor u l-SSPE jiġu magħmulin disponibbli (ĠU L 289, 3.9.2020, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/1224/ojhttp://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/1224/ojhttp://data.europa.eu/eli/reg_del/2020/1224/oj).

Or. en

Emenda 80
Eero Heinäluoma, Nikos Papandreou, Jonás Fernández, René Repasi

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Il-qafas ta' rapportar jenħtieġ li jqis il-karatteristiċi speċifiċi tat-titolizzazzjonijiet privati. Jenħtieġ li jiġi żviluppat mudell ta' rapportar dedikat u simplifikat għat-titolizzazzjonijiet privati. Meta jiġu speċifikati d-dettalji tar-rekwiżiti ta' rapportar, jenħtieġ li l-informazzjoni li hija meħtieġa li tiġi rrapportata tkun allinjata kemm jista' jkun mill-qrib ma' mudelli oħrajn li jkunu stabbiliti sew, b'mod partikolari mal-gwida dwar in-notifika ta' tranżazzjonijiet ta' titolizzazzjoni żviluppata mill-Bank Ċentrali Ewropew skont l-Artikolu 6(5), il-punt (a), tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013[6]. Kwalunkwe bidla futura fil-gwida tal-Bank Ċentrali Ewropew jenħtieġ li tiġi vvalutata u jista' jkun meħtieġ li l-mudelli ta' rapportar jiġu riveduti, fejn xieraq. Sabiex is-superviżuri jkollhom viżibbiltà bażika tas-suq privat, jenħtieġ li t-titolizzazzjonijiet privati jirrapportaw lir-repożitorji. Jenħtieġ li t-titolizzazzjonijiet privati ma jkunux meħtieġa jirrapportaw l-istess ammont ta' informazzjoni bħat-titolizzazzjonijiet pubbliċi. Il-ħtieġa li t-tranżazzjonijiet privati jirrapportaw lir-repożitorji tat-titolizzazzjoni, bl-użu ta' mudell simplifikat, għandha ttejjeb is-sorveljanza superviżorja u l-monitoraġġ tas-suq. Madankollu, sabiex tinżamm il-kunfidenzjalità tat-tranżazzjonijiet privati, jenħtieġ li d-data minn dawk it-tranżazzjonijiet ma tiġix divulgata pubblikament.	(14) Il-qafas ta' rapportar jenħtieġ li jqis il-karatteristiċi speċifiċi tat-titolizzazzjonijiet privati. Jenħtieġ li jiġi żviluppat mudell ta' rapportar dedikat u simplifikat għat-titolizzazzjonijiet privati. Meta jiġu speċifikati d-dettalji tar-rekwiżiti ta' rapportar, jenħtieġ li l-informazzjoni li hija meħtieġa li tiġi rrapportata tkun allinjata kemm jista' jkun mill-qrib ma' mudelli oħrajn li jkunu stabbiliti sew, b'mod partikolari mal-gwida dwar in-notifika ta' tranżazzjonijiet ta' titolizzazzjoni żviluppata mill-Bank Ċentrali Ewropew skont l-Artikolu 6(5), il-punt (a), tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013[6]. Kwalunkwe bidla futura fil-gwida tal-Bank Ċentrali Ewropew jenħtieġ li tiġi vvalutata u jista' jkun meħtieġ li l-mudelli ta' rapportar jiġu riveduti, fejn xieraq. Sabiex is-superviżuri jkollhom viżibbiltà bażika tas-suq privat, jenħtieġ li t-titolizzazzjonijiet privati jirrapportaw lir-repożitorji. ***L-użu ta' repożitorji tat-titoli għal titolizzazzjonijiet privatise jippermetti lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jnaqqsu l-kostijiet u jibbenefikaw mill-infrastruttura ta' rapportar eżistenti stabbilita skont ir-regolament tat-titolizzazzjoni tal-UE***. Jenħtieġ li t-titolizzazzjonijiet privati ma jkunux meħtieġa jirrapportaw l-istess ammont ta' informazzjoni bħat-titolizzazzjonijiet pubbliċi. Il-ħtieġa li t-tranżazzjonijiet privati jirrapportaw lir-repożitorji tat-titolizzazzjoni, bl-użu ta' mudell simplifikat, għandha ttejjeb is-sorveljanza superviżorja u l-monitoraġġ tas-suq. Madankollu, sabiex tinżamm il-kunfidenzjalità tat-tranżazzjonijiet privati, jenħtieġ li d-data minn dawk it-tranżazzjonijiet ma tiġix divulgata

pubblikament.

[6] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1024/oj).

[6] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1024/oj).

Or. en

Emenda 81
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher

Proposta għal regolament
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Il-qafas ta' rapportar jenħtieġ li jqis il-karatteristiċi speċifiċi tat-titolizzazzjonijiet privati. Jenħtieġ li jiġi żviluppat mudell ta' rapportar dedikat u simplifikat għat-titolizzazzjonijiet privati. Meta jiġu speċifikati d-dettalji tar-rekwiżiti ta' rapportar, jenħtieġ li l-informazzjoni li hija meħtieġa li tiġi rrapportata tkun allinjata kemm jista' jkun mill-qrib ma' mudelli oħrajn li jkunu stabbiliti sew, b'mod partikolari mal-gwida dwar in-notifika ta' tranżazzjonijiet ta' titolizzazzjoni żviluppata mill-Bank Ċentrali Ewropew skont l-Artikolu 6(5), il-punt (a), tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013[6]. Kwalunkwe bidla futura fil-gwida tal-Bank Ċentrali Ewropew jenħtieġ li tiġi vvalutata u jista' jkun meħtieġ li l-mudelli ta' rapportar jiġu riveduti, fejn xieraq. Sabiex is-superviżuri jkollhom viżibbiltà bażika tas-suq privat, jenħtieġ li t-titolizzazzjonijiet privati jirrapportaw lir-repożitorji. Jenħtieġ li t-titolizzazzjonijiet privati ma jkunux meħtieġa jirrapportaw l-istess ammont ta'	(14) Il-qafas ta' rapportar jenħtieġ li jqis il-karatteristiċi speċifiċi tat-titolizzazzjonijiet privati. Jenħtieġ li jiġi żviluppat mudell ta' rapportar dedikat u simplifikat għat-titolizzazzjonijiet privati. Meta jiġu speċifikati d-dettalji tar-rekwiżiti ta' rapportar, jenħtieġ li l-informazzjoni li hija meħtieġa li tiġi rrapportata tkun allinjata kemm jista' jkun mill-qrib ma' mudelli oħrajn li jkunu stabbiliti sew, b'mod partikolari mal-gwida dwar in-notifika ta' tranżazzjonijiet ta' titolizzazzjoni żviluppata mill-Bank Ċentrali Ewropew skont l-Artikolu 6(5), il-punt (a), tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013[6]. Kwalunkwe bidla futura fil-gwida tal-Bank Ċentrali Ewropew jenħtieġ li tiġi vvalutata u jista' jkun meħtieġ li l-mudelli ta' rapportar jiġu riveduti, fejn xieraq. Sabiex is-superviżuri jkollhom viżibbiltà bażika tas-suq privat, jenħtieġ li t-titolizzazzjonijiet privati jirrapportaw lir-repożitorji. Jenħtieġ li t-titolizzazzjonijiet privati ma jkunux meħtieġa jirrapportaw l-istess ammont ta'

informazzjoni bħat-titolizzazzjonijiet pubbliċi. Il-ħtieġa li t-tranżazzjonijiet privati jirrapportaw lir-repożitorji tat-titolizzazzjoni, bl-użu ta' mudell simplifikat, għandha ttejjeb is-sorveljanza superviżorja u l-monitoraġġ tas-suq. Madankollu, sabiex ***tinżamm il-kunfidenzjalità tat-tranżazzjonijiet*** privati, jenħtieġ li d-data minn dawk it-tranżazzjonijiet ma tiġix divulgata pubblikament.	informazzjoni bħat-titolizzazzjonijiet pubbliċi. Il-ħtieġa li t-tranżazzjonijiet privati jirrapportaw lir-repożitorji tat-titolizzazzjoni, bl-użu ta' mudell simplifikat, għandha ttejjeb is-sorveljanza superviżorja u l-monitoraġġ tas-suq. Madankollu, sabiex ***jiġi żgurat il-livell għoli meħtieġ ta' kunfidenzjalità dwar it-tranżazzjonijiet*** privati, jenħtieġ li d-data minn dawk it-tranżazzjonijiet ma tiġix divulgata pubblikament.
[6] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1024/oj).	[6] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1024/2013 tal-15 ta' Ottubru 2013 li jikkonferixxi kompiti speċifiċi lill-Bank Ċentrali Ewropew fir-rigward ta' politiki relatati mas-superviżjoni prudenzjali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (ĠU L 287, 29.10.2013, p. 63, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2013/1024/oj).

Or. en

Emenda 82
Angelika Winzig

Proposta għal regolament
Premessa 15a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(15a) Sabiex tiġi ssalvagwardjata ċ-ċertezza legali u jiġi evitat tfixkil żejjed fit-tranżazzjonijiet pendenti, it-titolizzazzjonijiet eżistenti fid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jibbenefikaw minn anterjorità sħiħa. Fl-istess ħin, l-istituzzjonijiet jenħtieġ li jżommu l-possibbiltà, fuq bażi fakultattiva, li japplikaw it-trattament prudenzjali emendat għat-tranżazzjonijiet eżistenti, meta dan ikun xieraq, fi kwalunkwe ħin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 83
Eero Heinäluoma, Nikos Papandreou, Jonás Fernández, René Repasi

Proposta għal regolament
Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(16) Sabiex jiġi appoġġat l-aċċess għall-finanzjament ibbażat fuq is-suq għall-SMEs, u biex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' titolizzazzjonijiet transfruntieri li jinvolvu skoperturi minn diversi Stati Membri, jenħtieġ li jiġu riveduti l-kriterji għall-omoġeneità tal-gruppi ta' assi. Filwaqt li huwa possibbli li jkun hemm titolizzazzjonijiet li jinvolvu skoperturi minn diversi Stati Membri, ir-rekwiżit ta' omoġeneità, kif definit fil-preżent, jitqies bħala ostaklu għat-titolizzazzjonijiet tal-SMEs. Sabiex jingħeleb dak l-ostaklu, aggregazzjoni ta' skoperturi sottostanti jenħtieġ li titqies omoġenja meta mill-inqas ***70 %*** tal-iskoperturi fl-oriġinazzjoni jkunu jikkonsistu minn skoperturi għall-SMEs. Dak il-limitu aktar baxx jirrikonoxxi l-ħtiġijiet u l-karatteristiċi speċifiċi tal-finanzjament tal-SMEs u jiżgura li l-aggregazzjonijiet imħallta ma' komponent predominanti tal-SMEs ikunu jistgħu jibbenefikaw miċ-ċertezza legali u mill-effiċjenzi operazzjonali assoċjati ma' aggregazzjonijiet omoġeni. Il-porzjon li jifdal tal-aggregazzjoni jenħtieġ li jitħalla jinkludi tipi oħra ta' skoperturi, anke minn Stati Membri differenti, mingħajr ma jiġi affettwat l-istatus tat-titolizzazzjoni bħala STS.	(16) Sabiex jiġi appoġġat l-aċċess għall-finanzjament ibbażat fuq is-suq għall-SMEs, u biex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' titolizzazzjonijiet transfruntieri li jinvolvu skoperturi minn diversi Stati Membri, jenħtieġ li jiġu riveduti l-kriterji għall-omoġeneità tal-gruppi ta' assi. Filwaqt li huwa possibbli li jkun hemm titolizzazzjonijiet li jinvolvu skoperturi minn diversi Stati Membri, ir-rekwiżit ta' omoġeneità, kif definit fil-preżent, jitqies bħala ostaklu għat-titolizzazzjonijiet tal-SMEs. Sabiex jingħeleb dak l-ostaklu, aggregazzjoni ta' skoperturi sottostanti jenħtieġ li titqies omoġenja meta mill-inqas ***80 %*** tal-iskoperturi fl-oriġinazzjoni jkunu jikkonsistu minn skoperturi għall-SMEs. Dak il-limitu aktar baxx jirrikonoxxi l-ħtiġijiet u l-karatteristiċi speċifiċi tal-finanzjament tal-SMEs u jiżgura li l-aggregazzjonijiet imħallta ma' komponent predominanti tal-SMEs ikunu jistgħu jibbenefikaw miċ-ċertezza legali u mill-effiċjenzi operazzjonali assoċjati ma' aggregazzjonijiet omoġeni. Il-porzjon li jifdal tal-aggregazzjoni jenħtieġ li jitħalla jinkludi tipi oħra ta' skoperturi ***minn tipi oħrajn ta' intrapriżi jew korporazzjonijiet***, anke minn Stati Membri differenti, mingħajr ma jiġi affettwat l-istatus tat-titolizzazzjoni bħala STS.

Or. en

Emenda 84
Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) ***Fl-2021, ir-Regolament (UE) 2017/2402 ġie emendat bir-Regolament (UE) 2021/557 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10] biex jestendi l-qafas STS għal*** titolizzazzjonijiet sintetiċi. ***Kif indikat fir-rapport tal-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, dik l-estensjoni tat-tikketta STS wasslet għal riżultati sodisfaċenti f'termini tal-ftuħ tat-triq għal ħruġ ġdid u t-tħeġġiġ ta' aktar attività f'dan is-segment tas-suq. Madankollu, l-implimentazzjoni prattika tar-rekwiżiti STS żvelat il-ħtieġa li jittejbu aktar iċ-ċarezza u l-konsistenza f'rekwiżiti speċifiċi b'xi aġġustamenti tekniċi.***	(17) ***Il-qafas għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata huwa maħsub biex jidentifika strutturi ta' titolizzazzjoni li huma strutturalment robusti, legalment sempliċi u reżiljenti taħt stress, b'mod partikolari billi jiżgura trasferiment ċar tal-iskoperturi sottostanti u rabta diretta bejn il-prestazzjoni tal-assi u l-flussi tal-flus tal-investituri.*** Titolizzazzjonijiet sintetiċi ***ma jinvolvux it-trasferiment tal-iskoperturi sottostanti, jibbażaw fuq arranġamenti ta' protezzjoni tal-kreditu u l-prestazzjoni tal-kontroparti, u jinvolvu saffi addizzjonali ta' kumplessità kuntrattwali, legali u operazzjonali. Bħala riżultat, it-trasferiment tar-riskju f'titolizzazzjonijiet sintetiċi jista' jkun kondizzjonali u riversibbli, b'mod partikolari fi żminijiet ta' stress finanzjarju. Fid-dawl ta' dawn il-karatteristiċi, u filwaqt li jitqiesu l-istandards internazzjonali u l-gwida tal-Bord għall-Istabbiltà Finanzjarja dwar titolizzazzjonijiet sempliċi, trasparenti u komparabbli[9a], it-titolizzazzjonijiet sintetiċi jenħtieġ li ma jikkwalifikawx bħala titolizzazzjonijiet STS jew ma jibbenefikawx mit-trattament regolatorju preferenzjali assoċjat.***
	[9a] Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja, Bord tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli "Criteria for identifying simple, transparent and comparable securitisations" (Kriterji għall-identifikazzjoni ta' titolizzazzjonijiet sempliċi, trasparenti u komparabbli), Lulju 2015, prinċipju 5 "Asset selection and transfer" (Għażla u trasferiment tal-assi)]
[10] Ir-Regolament (UE) 2021/557 tal-	

Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2021 li jemenda r-Regolament (UE) 2017/2402 li jistabbilixxi qafas ġenerali għat-titolizzazzjoni u li joħloq qafas speċifiku għal titolizzazzjoni sempliċi, trasparenti u standardizzata biex jgħin l-irkupru mill-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 116, 6.4.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/557/oj).

Or. en

Emenda 85
Regina Doherty

Proposta għal regolament
Premessa 17

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) Fl-2021, ir-Regolament (UE) 2017/2402 ġie emendat bir-Regolament (UE) 2021/557 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10] biex jestendi l-qafas STS għal titolizzazzjonijiet sintetiċi. Kif indikat fir-rapport tal-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, dik l-estensjoni tat-tikketta STS wasslet għal riżultati sodisfaċenti f'termini tal-ftuħ tat-triq għal ħruġ ġdid u t-tħeġġiġ ta' aktar attività f'dan is-segment tas-suq. Madankollu, l-implimentazzjoni prattika tar-rekwiżiti STS żvelat il-ħtieġa li jittejbu aktar iċ-ċarezza u l-konsistenza f'rekwiżiti speċifiċi b'xi aġġustamenti tekniċi.	(17) Fl-2021, ir-Regolament (UE) 2017/2402 ġie emendat bir-Regolament (UE) 2021/557 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10] biex jestendi l-qafas STS għal titolizzazzjonijiet sintetiċi. ***Ma għandu jiddivulga l-ebda informazzjoni lil kwalunkwe persuna fir-rigward ta' titolizzazzjonijiet privati ħlief kif meħtieġ minn dan l-Artikolu 17.*** Kif indikat fir-rapport tal-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, dik l-estensjoni tat-tikketta STS wasslet għal riżultati sodisfaċenti f'termini tal-ftuħ tat-triq għal ħruġ ġdid u t-tħeġġiġ ta' aktar attività f'dan is-segment tas-suq. Madankollu, l-implimentazzjoni prattika tar-rekwiżiti STS żvelat il-ħtieġa li jittejbu aktar iċ-ċarezza u l-konsistenza f'rekwiżiti speċifiċi b'xi aġġustamenti tekniċi.
[10] Ir-Regolament (UE) 2021/557 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2021 li jemenda r-Regolament (UE) 2017/2402 li jistabbilixxi qafas ġenerali għat-titolizzazzjoni u li joħloq qafas speċifiku għal titolizzazzjoni sempliċi,	[10] Ir-Regolament (UE) 2021/557 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2021 li jemenda r-Regolament (UE) 2017/2402 li jistabbilixxi qafas ġenerali għat-titolizzazzjoni u li joħloq qafas speċifiku għal titolizzazzjoni sempliċi,

trasparenti u standardizzata biex jgħin l-irkupru mill-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 116, 6.4.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/557/oj).	trasparenti u standardizzata biex jgħin l-irkupru mill-kriżi tal-COVID-19 (ĠU L 116, 6.4.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/557/oj).

Or. en

Emenda 86
Eero Heinäluoma, Nikos Papandreou, Jonás Fernández, René Repasi

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Il-kriterju attwali li jirrikjedi l-protezzjoni tal-kreditu għandu jiġi ffinanzjat fil-qafas STS għat-titolizzazzjoni sintetika fil-karta bilanċjali taħt ir-reġim STS illimita l-kapaċità tal-kumpaniji tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni li jipparteċipaw fis-suq tat-titolizzazzjoni STS fil-karta bilanċjali. Dan huwa ta' detriment għall-iżvilupp tas-suq STS u l-kapaċità tal-oriġinaturi li jittrasferixxu r-riskju ta' kreditu barra mis-sistema bankarja. Madankollu, biex il-protezzjoni tal-kreditu mhux iffinanzjat titħalla tkun eliġibbli għat-tikketta STS, jenħtieġ li din ma timminax il-kwalità tat-tikketta STS jew l-affidabbiltà tal-ftehim tal-protezzjoni tal-kreditu, u jenħtieġ ukoll li ma toħloqx inċentivi biex l-impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni mingħajr esperjenza jew mhux diversifikati jsiru esposti għal livelli għoljin ta' riskju. Għalhekk huwa xieraq li jiġu stabbiliti salvagwardji biex jiġi żgurat li l-parteċipazzjoni tkun limitata għall-assiguraturi b'ċertu livell ta' robustezza u diversifikazzjoni. Għalhekk, l-eliġibbiltà għall-forniment ta' protezzjoni tal-kreditu mhux iffinanzjata taħt it-tikketta STS jenħtieġ li tkun akkumpanjata minn rekwiżiti relatati mad-diversifikazzjoni, is-solvenza, il-kejl tar-riskju, u d-daqs minimu tal-fornitur	***imħassar***

tal-protezzjoni. B'mod speċifiku, fir-rigward tal-kejl tar-riskju, l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jenħtieġ li tuża mudell intern approvat biex tikkalkula r-rekwiżiti tal-kapital għal tali ftehimiet ta' protezzjoni tal-kreditu. Fir-rigward tas-solvenza, l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jenħtieġ li tikkonforma mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza u mar-Rekwiżit Kapitali Minimu msemmi fl-Artikoli 100 u 128 tad-Direttiva 2009/138/KE, rispettivament, u jenħtieġ li tkun ġiet assenjata għall-iskala tal-kwalità kreditizja 3 jew aħjar. Fir-rigward tad-diversifikazzjoni, l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jenħtieġ li topera b'mod effettiv attivitajiet ta' negozju f'mill-inqas żewġ klassijiet ta' assigurazzjoni mhux tal-ħajja, li jenħtieġ li jnaqqsu l-esponiment żejjed għal kwalunkwe tip ta' riskju uniku. Fl-aħħar nett, fir-rigward tad-daqs minimu, l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jenħtieġ li jkollha assi totali ta' aktar minn EUR 20 biljun.

Or. en

Emenda 87
Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Premessa 22

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(22) Il-kriterju attwali li jirrikjedi l-protezzjoni tal-kreditu għandu jiġi ffinanzjat ***fil-qafas STS*** għat-titolizzazzjoni sintetika fil-karta bilanċjali taħt ***ir-reġim*** STS illimita l-kapaċità tal-kumpaniji tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni li jipparteċipaw fis-suq tat-titolizzazzjoni STS fil-karta bilanċjali. Dan huwa ta' detriment għall-iżvilupp tas-suq STS u l-kapaċità tal-oriġinaturi li jittrasferixxu r-	(22) Il-kriterju attwali li jirrikjedi l-protezzjoni tal-kreditu għandu jiġi ffinanzjat ***taħt il-qafas*** STS għat-titolizzazzjoni sintetika fil-karta bilanċjali illimita l-kapaċità tal-kumpaniji tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni li jipparteċipaw fis-suq tat-titolizzazzjoni STS fil-karta bilanċjali. Dan huwa ta' detriment għall-iżvilupp tas-suq STS u l-kapaċità tal-oriġinaturi li jittrasferixxu r-

riskju ta’ kreditu barra mis-sistema bankarja. Madankollu, biex il-protezzjoni tal-kreditu mhux iffinanzjat titħalla tkun eliġibbli għat-tikketta STS, jenħtieġ li din ma timminax il-kwalità tat-tikketta STS jew l-affidabbiltà tal-ftehim tal-protezzjoni tal-kreditu, u jenħtieġ ukoll li ma toħloqx inċentivi biex l-impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni mingħajr esperjenza jew mhux diversifikati jsiru esposti għal livelli għoljin ta’ riskju. Għalhekk huwa xieraq li jiġu stabbiliti salvagwardji biex jiġi żgurat li l-parteċipazzjoni tkun limitata għall-assiguraturi b’ċertu livell ta’ robustezza u diversifikazzjoni. Għalhekk, l-eliġibbiltà għall-forniment ta’ protezzjoni tal-kreditu mhux iffinanzjata taħt it-tikketta STS jenħtieġ li tkun akkumpanjata minn rekwiżiti relatati mad-diversifikazzjoni, is-solvenza, il-kejl tar-riskju, u d-daqs minimu tal-fornitur tal-protezzjoni. B’mod speċifiku, fir-rigward tal-kejl tar-riskju, l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jenħtieġ li tuża mudell intern approvat biex tikkalkula r-rekwiżiti tal-kapital għal tali ftehimiet ta’ protezzjoni tal-kreditu. Fir-rigward tas-solvenza, l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jenħtieġ li tikkonforma mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza u mar-Rekwiżit Kapitali Minimu msemmi fl-Artikoli 100 u 128 tad-Direttiva 2009/138/KE, rispettivament, u jenħtieġ li tkun ġiet assenjata għall-iskala tal-kwalità kreditizja 3 jew aħjar. Fir-rigward tad-diversifikazzjoni, l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jenħtieġ li ***topera b’mod effettiv*** attivitajiet ta’ negozju ***f’mill-inqas żewġ*** klassijiet ta’ assigurazzjoni mhux tal-ħajja, li jenħtieġ li jnaqqsu l-esponiment żejjed għal kwalunkwe tip ta’ riskju uniku. Fl-aħħar nett, fir-rigward tad-daqs minimu, l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jenħtieġ li jkollha assi totali ta’ aktar minn EUR ***20*** biljun.

riskju ta’ kreditu barra mis-sistema bankarja. Madankollu, biex il-protezzjoni tal-kreditu mhux iffinanzjat titħalla tkun eliġibbli għat-tikketta STS, jenħtieġ li din ma timminax il-kwalità tat-tikketta STS jew l-affidabbiltà tal-ftehim tal-protezzjoni tal-kreditu, u jenħtieġ ukoll li ma toħloqx inċentivi biex l-impriżi tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni mingħajr esperjenza jew mhux diversifikati jsiru esposti għal livelli għoljin ta’ riskju. Għalhekk huwa xieraq li jiġu stabbiliti salvagwardji biex jiġi żgurat li l-parteċipazzjoni tkun limitata għall-assiguraturi ***jew ir-riassiguraturi*** b’ċertu livell ta’ robustezza u diversifikazzjoni. Għalhekk, l-eliġibbiltà għall-forniment ta’ protezzjoni tal-kreditu mhux iffinanzjata taħt it-tikketta STS jenħtieġ li tkun akkumpanjata minn rekwiżiti relatati mad-diversifikazzjoni, is-solvenza, il-kejl tar-riskju, u d-daqs minimu tal-fornitur tal-protezzjoni. B’mod speċifiku, fir-rigward tal-kejl tar-riskju, l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jenħtieġ li tuża mudell intern approvat***, aktar milli l-formola standard,*** biex tikkalkula r-rekwiżiti tal-kapital għal tali ftehimiet ta’ protezzjoni tal-kreditu. Fir-rigward tas-solvenza, l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jenħtieġ li tikkonforma mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza u mar-Rekwiżit Kapitali Minimu msemmi fl-Artikoli 100 u 128 tad-Direttiva 2009/138/KE, rispettivament, u jenħtieġ li tkun ġiet assenjata għall-iskala tal-kwalità kreditizja ***2 jew aħjar fiż-żmien meta l-protezzjoni tal-kreditu ġiet rikonoxxuta għall-ewwel darba u jkollha skala attwali tal-kwalità kreditizja*** 3 jew aħjar. Fir-rigward tad-diversifikazzjoni, l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jenħtieġ li ***jkollha*** attivitajiet ta’ negozju ***sinifikanti*** f’mill-inqas żewġ klassijiet ta’ assigurazzjoni mhux tal-ħajja ***li ma humiex korrelatati mal-għoti ta’ protezzjoni tal-kreditu***, li jenħtieġ li jnaqqsu l-esponiment żejjed għal kwalunkwe tip ta’ riskju uniku.

Fl-aħħar nett, fir-rigward tad-daqs minimu, l-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni***, jew taħt ċerti kundizzjonijiet il-kumpanija omm tagħha,*** jenħtieġ li jkollha assi totali ta' aktar minn EUR ***15-il*** biljun.

Or. en

Emenda 88
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher

Proposta għal regolament
Premessa 22a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(22a) Il-kunċett ta' "skop uniku" ġie introdott fl-2015 mill-Kummissjoni Ewropea sempliċement biex tagħlaq lakuna potenzjali fiż-żamma tar-riskju identifikata mill-EBA. F'dan ir-rigward, l-EBA jenħtieġ li tiċċara l-kundizzjonijiet ta' "port sikur" fejn entità ma għandhiex titqies li ġiet stabbilita jew li topera għall-iskop uniku li tittitolizza l-iskoperturi. Meta entità ma tissodisfax il-kundizzjonijiet kif stabbiliti fil-kjarifika tal-EBA, l-iskop li għalih l-entità ġiet stabbilita u topera jenħtieġ li jiġi vvalutat fuq bażi ta' każ b'każ, abbażi tas-sitwazzjoni u l-iskop reali, sabiex jintwera li għandha sustanza reali. Barra minn hekk, kumpaniji jew pjattaformi Ewropej ta' self speċjalizzat li jagħixxu bħala oriġinatur u ritenitur, bħal dawk li jipprovdu self lill-SMEs, kreditu għall-konsumatur jew ipoteki residenzjali, li jistgħu juru b'mod ċar li t-titolizzazzjoni tal-iskoperturi ma hijiex skop iżda mezz biex jiffinanzjaw in-negozju tagħhom, għandhom jitqiesu li jissodisfaw dan it-test tal-iskop uniku. Bl-istess mod, il-Fondi, li jagħixxu bħala oriġinatur u ritenitur, stabbiliti u ġestiti minn entità sponsor bħal maniġers tal-assi jew trustees, dment li l-entitajiet sponsor

	ikunu jistgħu juru b'mod ċar li t-titolizzazzjoni tal-iskoperturi ma hijiex skop iżda mezz biex jiffinanzjaw in-negozju tagħhom, għandhom jitqiesu li jissodisfaw dan it-test tal-iskop uniku.

Or. en

Emenda 89
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Premessa 23

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(23) Il-verifikaturi ta' partijiet terzi għandhom rwol fil-valutazzjoni tal-konformità tat-titolizzazzjonijiet mal-kriterji STS. Ir-Regolament (UE) 2017/2402 jirrikjedi biss li l-verifikaturi ta' partijiet terzi jiġu awtorizzati mill-awtoritajiet ***kompetenti*** nazzjonali. Tali awtorizzazzjoni hija, madankollu, ta' assigurazzjoni limitata jekk l-awtoritajiet kompetenti ma jkunux f'pożizzjoni li jivvalutaw jekk dawk il-verifikaturi ta' partijiet terzi għadhomx jikkonformaw mal-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tagħhom fuq bażi kontinwa. Għalhekk huwa xieraq li jiġi stabbilit li ***l-awtoritajiet kompetenti huma*** responsabbli ***wkoll*** għas-superviżjoni kontinwa ta' tali verifikaturi ta' partijiet terzi u ***jingħataw is-setgħa*** adegwata biex ***jagħmlu*** dan.	(23) Il-verifikaturi ta' partijiet terzi għandhom rwol fil-valutazzjoni tal-konformità tat-titolizzazzjonijiet mal-kriterji STS. Ir-Regolament (UE) 2017/2402 jirrikjedi biss li l-verifikaturi ta' partijiet terzi jiġu awtorizzati mill-awtoritajiet nazzjonali ***kompetenti***. Tali awtorizzazzjoni hija, madankollu, ta' assigurazzjoni limitata jekk l-awtoritajiet kompetenti ma jkunux f'pożizzjoni li jivvalutaw jekk dawk il-verifikaturi ta' partijiet terzi għadhomx jikkonformaw mal-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni tagħhom fuq bażi kontinwa. ***Bil-għan li tiġi żgurata l-konsistenza fis-superviżjoni ta' verifikaturi ta' partijiet terzi u fil-monitoraġġ fuq bażi rikorrenti,*** huwa xieraq li jiġi stabbilit li ***l-ESMA hija*** responsabbli ***għall-awtorizzazzjoni u*** għas-superviżjoni kontinwa ta' tali verifikaturi ta' partijiet terzi u ***tingħata s-setgħa*** adegwata biex ***tagħmel*** dan.

Or. en

Emenda 90
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament

Premessa 24

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(24) Sabiex jiġu żgurati l-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi tar-Regolament (UE) 2017/2402, huwa meħtieġ li jiġu ċċarati r-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet kompetenti fis-superviżjoni tal-konformità tal-partijiet rilevanti kollha involuti f'titolizzazzjoni. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jissorveljaw l-imġiba tal-oriġinaturi, tal-isponsors, tal-mutwanti oriġinali, u tal-SSPEs. ***Dan jinkludi verifika ta' jekk tranżazzjonijiet tat-titolizzazzjoni individwali jikkonformawx mar-rekwiżiti applikabbli skont dan ir-Regolament.***	(24) Sabiex jiġu żgurati l-implimentazzjoni u l-infurzar effettivi tar-Regolament (UE) 2017/2402, huwa meħtieġ li jiġu ċċarati r-responsabbiltajiet tal-awtoritajiet kompetenti fis-superviżjoni tal-konformità tal-partijiet rilevanti kollha involuti f'titolizzazzjoni. L-awtoritajiet kompetenti jenħtieġ li jissorveljaw l-imġiba tal-oriġinaturi, tal-isponsors, tal-mutwanti oriġinali, u tal-SSPEs.

Or. en

Emenda 91
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Sabiex tissaħħaħ il-konformità mar-Regolament (UE) 2017/2402, u sabiex tittejjeb l-effettività tiegħu, jenħtieġ li l-ambitu tas-setgħat ta' sanzjonar skont l-Artikolu 32 ta' dak ir-Regolament jitwessa' biex jinkludi b'mod espliċitu l-ksur tal-obbligi tad-diliġenza dovuta. L-investituri istituzzjonali għandhom rwol ewlieni fl-iżgurar tas-soliditá u t-trasparenza tas-suq tat-titolizzazzjoni billi jwettqu d-diliġenza dovuta xierqa qabel u matul l-iskoperturi tagħhom. Sabiex jiġi żgurat infurzar konsistenti madwar l-Unjoni ta' dawk ir-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta, jenħtieġ li jiġi speċifikat li n-nuqqas ta' konformità ma' dawk ir-rekwiżiti għandu jkun soġġett għal miżuri ta' rimedju u sanzjonijiet amministrattivi	***imħassar***

mill-awtoritajiet kompetenti.

Or. en

Emenda 92
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Sabiex tissaħħaħ il-konformità mar-Regolament (UE) 2017/2402, u sabiex tittejjeb l-effettività tiegħu, jenħtieġ li l-ambitu tas-setgħat ta' sanzjonar skont l-Artikolu 32 ta' dak ir-Regolament jitwessa' biex jinkludi b'mod espliċitu l-ksur tal-obbligi tad-diliġenza dovuta. L-investituri istituzzjonali għandhom rwol ewlieni fl-iżgurar tas-soliditä u t-trasparenza tas-suq tat-titolizzazzjoni billi jwettqu d-diliġenza dovuta xierqa qabel u matul l-iskoperturi tagħhom. Sabiex jiġi żgurat infurzar konsistenti madwar l-Unjoni ta' dawk ir-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta, jenħtieġ li jiġi speċifikat li n-nuqqas ta' konformità ma' dawk ir-rekwiżiti għandu jkun soġġett għal miżuri ta' rimedju u sanzjonijiet amministrattivi mill-awtoritajiet kompetenti.	***imħassar***

Or. en

Emenda 93
Regina Doherty

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Sabiex tissaħħaħ il-konformità mar-Regolament (UE) 2017/2402, u sabiex tittejjeb l-effettività tiegħu, jenħtieġ	***imħassar***

li l-ambitu tas-setgħat ta' sanzjonar skont l-Artikolu 32 ta' dak ir-Regolament jitwessa' biex jinkludi b'mod espliċitu l-ksur tal-obbligi tad-diliġenza dovuta. L-investituri istituzzjonali għandhom rwol ewlieni fl-iżgurar tas-soliditá u t-trasparenza tas-suq tat-titolizzazzjoni billi jwettqu d-diliġenza dovuta xierqa qabel u matul l-iskoperturi tagħhom. Sabiex jiġi żgurat infurzar konsistenti madwar l-Unjoni ta' dawk ir-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta, jenħtieġ li jiġi speċifikat li n-nuqqas ta' konformitá ma' dawk ir-rekwiżiti għandu jkun soġġett għal miżuri ta' rimedju u sanzjonijiet amministrattivi mill-awtoritajiet kompetenti.

Or. en

Emenda 94
Christophe Gomart

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Sabiex tissaħħaħ il-konformitá mar-Regolament (UE) 2017/2402, u sabiex tittejjeb l-effettivitá tiegħu, jenħtieġ li l-ambitu tas-setgħat ta' sanzjonar skont l-Artikolu 32 ta' dak ir-Regolament jitwessa' biex jinkludi b'mod espliċitu l-ksur tal-obbligi tad-diliġenza dovuta. L-investituri istituzzjonali għandhom rwol ewlieni fl-iżgurar tas-soliditá u t-trasparenza tas-suq tat-titolizzazzjoni billi jwettqu d-diliġenza dovuta xierqa qabel u matul l-iskoperturi tagħhom. Sabiex jiġi żgurat infurzar konsistenti madwar l-Unjoni ta' dawk ir-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta, jenħtieġ li jiġi speċifikat li n-nuqqas ta' konformitá ma' dawk ir-rekwiżiti għandu jkun soġġett għal miżuri ta' rimedju u sanzjonijiet amministrattivi mill-awtoritajiet kompetenti.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-Kummissjoni tipproponi reġim ġdid ta' penali speċifiku għall-investituri li jonqsu milli jikkonformaw mal-obbligi ta' verifika meħtieġa, b'multi sa 10 % tal-fatturat tagħhom. Dan ir-reġim ġdid jista' jaġixxi bħala deterrent u jmur kontra l-objettiv mixtieq li tingħata spinta lis-suq tat-titolizzazzjoni. Nirrakkomandaw li ma jiġix introdott reġim ġdid ta' penali marbut ma' obbligi ta' trasparenza, u minflok issir referenza għal reġimi ta' penali speċifiċi għas-settur eżistenti (CRR għall-istituzzjonijiet bankarji, Solvenza II għall-assiguraturi, UCITS u AIFM għall-maniġers tal-assi u l-fondi ta' investiment).

Emenda 95
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Sabiex tissaħħaħ il-konformità mar-Regolament (UE) 2017/2402, u sabiex tittejjeb l-effettività tiegħu, jenħtieġ li l-ambitu tas-setgħat ta' sanzjonar skont l-Artikolu 32 ta' dak ir-Regolament jitwessa' biex jinkludi b'mod espliċitu l-ksur tal-obbligi tad-diliġenza dovuta. L-investituri istituzzjonali għandhom rwol ewlieni fl-iżgurar tas-soliditá u t-trasparenza tas-suq tat-titolizzazzjoni billi jwettqu d-diliġenza dovuta xierqa qabel u matul l-iskoperturi tagħhom. Sabiex jiġi żgurat infurzar konsistenti madwar l-Unjoni ta' dawk ir-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta, jenħtieġ li jiġi speċifikat li n-nuqqas ta' konformità ma' dawk ir-rekwiżiti għandu jkun soġġett għal miżuri ta' rimedju u sanzjonijiet amministrattivi mill-awtoritajiet kompetenti.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-reġimi ta' sanzjonijiet eżistenti huma diġà wesgħin biżżejjed.

Emenda 96
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(25) Sabiex tissaħħaħ il-konformità mar-Regolament (UE) 2017/2402, u sabiex tittejjeb l-effettività tiegħu, jenħtieġ li l-ambitu tas-setgħat ta' sanzjonar skont l-Artikolu 32 ta' dak ir-Regolament jitwessa' biex jinkludi b'mod espliċitu l-ksur tal-obbligi tad-diliġenza dovuta. L-investituri istituzzjonali għandhom rwol ewlieni fl-iżgurar tas-soliditá u t-trasparenza tas-suq tat-titolizzazzjoni billi jwettqu d-diliġenza dovuta xierqa qabel u matul l-iskoperturi tagħhom. ***Sabiex jiġi żgurat infurzar konsistenti madwar l-Unjoni ta' dawk ir-rekwiżiti ta' diliġenza dovuta, jenħtieġ li jiġi speċifikat li n-nuqqas ta' konformità ma' dawk ir-rekwiżiti għandu jkun soġġett għal miżuri ta' rimedju u sanzjonijiet amministrattivi mill-awtoritajiet kompetenti.***	(25) Sabiex tissaħħaħ il-konformità mar-Regolament (UE) 2017/2402, u sabiex tittejjeb l-effettività tiegħu, jenħtieġ li l-ambitu tas-setgħat ta' sanzjonar skont l-Artikolu 32 ta' dak ir-Regolament jitwessa' biex jinkludi b'mod espliċitu l-ksur tal-obbligi tad-diliġenza dovuta. L-investituri istituzzjonali għandhom rwol ewlieni fl-iżgurar tas-soliditá u t-trasparenza tas-suq tat-titolizzazzjoni billi jwettqu d-diliġenza dovuta xierqa qabel u matul l-iskoperturi tagħhom.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Dan ir-rekwiżit jidher sproporzjonat.

Emenda 97
Auke Zijlstra

Proposta għal regolament
Premessa 26

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(26) It-trawwim ***tal-konverġenza*** superviżorja huwa essenzjali għall-funzjonament xieraq u għall-iżvilupp ulterjuri tas-suq tat-titolizzazzjoni li jlaqqa' flimkien firxa wiesgħa ta' atturi ekonomiċi	(26) It-trawwim ***tal-kooperazzjoni*** superviżorja huwa essenzjali għall-funzjonament xieraq u għall-iżvilupp ulterjuri tas-suq tat-titolizzazzjoni li jlaqqa' flimkien firxa wiesgħa ta' atturi ekonomiċi

li spiss ikunu bbażati f'ġuriżdizzjonijiet differenti, anke għall-istess tranżazzjoni. L-involviment ta' diversi awtoritajiet kompetenti, flimkien mal-kumplessità attwali tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, jenfasizza l-ħtieġa li ***tissaħħaħ il-koordinazzjoni*** superviżorja. Is-simplifikazzjoni u ***t-tisħiħ*** tal-oqfsa eżistenti għall-koordinazzjoni superviżorja, fejn fattibbli, jenħtieġ li jappoġġaw l-għan usa' ta' simplifikazzjoni fir-regolamentazzjoni u s-superviżjoni. ***Tista' tinkiseb konverġenza aktar b'saħħitha*** bl-użu aktar effiċjenti u effettiv tas-setgħat eżistenti allokati lill-ASE u lill-awtoritajiet kompetenti. ***Dan ir-riżultat jenħtieġ li jiġi appoġġat ukoll billi jingħata rwol aktar prominenti lill-EBA, li jenħtieġ li tassumi ġestjoni permanenti tal-kwistjonijiet ta' koordinazzjoni tas-superviżjoni għas-suq tat-titolizzazzjoni fl-Unjoni.***	li spiss ikunu bbażati f'ġuriżdizzjonijiet differenti, anke għall-istess tranżazzjoni. L-involviment ta' diversi awtoritajiet kompetenti, flimkien mal-kumplessità attwali tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, jenfasizza l-ħtieġa li ***tiġi ssimplifikata l-koordinazzjoni*** superviżorja. Is-simplifikazzjoni u ***t-tisħiħ*** tal-oqfsa eżistenti għall-koordinazzjoni superviżorja, fejn fattibbli, jenħtieġ li jappoġġaw l-għan usa' ta' simplifikazzjoni fir-regolamentazzjoni u s-superviżjoni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Is-superviżjoni taħdem aħjar f'xi Stati Membri milli f'oħrajn. Għandnaninċentivaw lis-superviżuri aktar dgħajfa biex itejbu l-prestazzjoni tagħhom, aktar milli nikkastigaw lis-superviżuri funzjonali billi nneħħulhom il-kompetenzi tagħhom minħabba l-problemi f'awtoritajiet superviżorji oħra. Barra minn hekk, minħabba l-konċentrazzjoni tat-titolizzazzjoni f'għadd limitat ta' Stati Membri, is-superviżjoni tal-konverġenza fil-livell Ewropew hija sproporzjonata.

Emenda 98
Auke Zijlstra

Proposta għal regolament
Premessa 27

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(27) Il-Kumitat tat-Titolizzazzjoni tal-Kumitat Konġunt, magħmul minn awtoritajiet kompetenti tas-suq u prudenzjali, jenħtieġ li jiffoka fuq kwistjonijiet li jirriżultaw mis-superviżjoni u jenħtieġ li jiffaċilita u jippromwovi ***l-***	(27) Il-Kumitat tat-Titolizzazzjoni tal-Kumitat Konġunt, magħmul minn awtoritajiet kompetenti tas-suq u prudenzjali, jenħtieġ li jiffoka fuq kwistjonijiet li jirriżultaw mis-superviżjoni u jenħtieġ li jiffaċilita u jippromwovi ***l-***

konvergenza superviżorja permezz ta' prattiki superviżorji komuni. ***Il-mandat attwali tal-JCSC jenħtieġ li jiġi rieżaminat biex issir enfasi fuq il-konvergenza superviżorja u l-ħidma relatata mal-Artikolu 44 ta' dan ir-Regolament. Il-JCSC jista' jiltaqa' f'formati differenti jew jistabbilixxi sottogruppi għal kompiti speċifiċi skont il-kwistjonijiet li għandhom jiġu diskussi. L-EBA jenħtieġ li tipprovdi s-segretarjat u viċi president għall-Kumitat tat-Titolizzazzjoni tal-Kumitat Konġunt fuq bażi permanenti, filwaqt li tissostitwixxi u tappoġġa lill-president fit-twettiq tad-dmirijiet tiegħu. Fin-nuqqas tal-president, il-viċi president jenħtieġ li jwettaq il-kompiti tal-president, inkluż f'sitwazzjonijiet fejn ma jiġi elett l-ebda president. Ir-rappreżentanti ta' dan il-korp mis-suq parteċipanti u l-awtoritajiet kompetenti prudenzjali jenħtieġ li jkollhom il-livell xieraq ta' għarfien u esperjenza fi kwistjonijiet li jkunu qed jiġu diskussi. Il-monitoraġġ regolari tal-istat tas-suq u l-evalwazzjoni tal-qafas superviżorju tat-titolizzazzjoni fl-Unjoni permezz ta' rapporti ta' monitoraġġ, l-iżvilupp ta' linji gwida u reviżjonijiet regolari bejn il-pari jkomplu jsaħħu l-qafas superviżorju li jippromwovi l-aħjar prattiki (superviżorji).***

kooperazzjoni superviżorja permezz ta' prattiki superviżorji komuni.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Is-superviżjoni taħdem aħjar f'xi Stati Membri milli f'oħrajn. Għandnaninċentivaw lis-superviżuri aktar dgħajfa biex itejbu l-prestazzjoni tagħhom, aktar milli nikkastigaw lis-superviżuri funzjonali billi nneħħulhom il-kompetenzi tagħhom minħabba l-problemi f'awtoritajiet superviżorji oħra. Barra minn hekk, minħabba l-konċentrazzjoni tat-titolizzazzjoni f'għadd limitat ta' Stati Membri, is-superviżjoni tal-konvergenza fil-livell Ewropew hija sproporzjonata.

Emenda 99
Tomáš Kubín

Proposta għal regolament

Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) Fil-każ ta' titolizzazzjonijiet transfruntieri, il-ħatra ta' superviżur ewlieni tissimplifika s-superviżjoni tal-konformità mar-Regolament (UE) 2017/2402 u tiżgura konsistenza u koordinazzjoni aħjar fost l-awtoritajiet kompetenti differenti. Is-superviżur ewlieni jenħtieġ li jinħatar minn fost l-awtoritajiet kompetenti tal-entitajiet involuti fit-tranżazzjoni, bid-deċiżjoni meħuda mill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati. F'każ ta' nuqqas ta' qbil, il-kwistjoni jenħtieġ li tiġi indirizzata fil-livell tal-Kumitat tat-Titolizzazzjoni tal-Kumitat Konġunt. Kull meta tranżazzjoni ġdida tinvolvi entitajiet taħt superviżjoni mill-istess awtoritajiet kompetenti, il-mexxej maħtur qabel jista' jżomm dak ir-rwol.	***imħassar***

Or. en

Emenda 100
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Premessa 29

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(29) Fil-każ ta' titolizzazzjonijiet transfruntieri, il-ħatra ta' superviżur ewlieni tissimplifika s-superviżjoni tal-konformità mar-Regolament (UE) 2017/2402 u tiżgura konsistenza u koordinazzjoni aħjar fost l-awtoritajiet kompetenti differenti. Is-superviżur ewlieni jenħtieġ li jinħatar minn fost l-awtoritajiet kompetenti tal-entitajiet involuti fit-tranżazzjoni, bid-deċiżjoni meħuda mill-awtoritajiet kompetenti kkonċernati. F'każ ta' nuqqas ta' qbil, il-kwistjoni jenħtieġ li tiġi indirizzata fil-	***imħassar***

livell tal-Kumitat tat-Titolizzazzjoni tal-Kumitat Konġunt. Kull meta tranżazzjoni ġdida tinvolvi entitajiet taħt superviżjoni mill-istess awtoritajiet kompetenti, il-mexxej maħtur qabel jista' jżomm dak ir-rwol.

Or. en

Emenda 101
Eero Heinäluoma, Nikos Papandreou, Jonás Fernández, René Repasi

Proposta għal regolament
Premessa 29a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(29a) F'konformità mal-objettivi tal-Kummissjoni Ewropea ta' simplifikazzjoni, tnaqqis tal-piżijiet tar-rapportar, l-iżgurar ta' superviżjoni konsistenti u effettiva madwar l-Unjoni u l-avvanz tal-aġenda tal-Unjoni tat-Tfaddil u tal-Investimenti, jenħtieġ li l-ESMA tinħatar bħala l-awtorità kompetenti għas-superviżjoni tal-konformità mal-Artikoli 18 sa 27 ta' dan ir-Regolament mill-oriġinaturi, l-isponsors, u l-SSPEs biex jiġu żgurati superviżjoni u infurzar konsistenti fil-livell tal-Unjoni. Sabiex twettaq dan ir-rwol, jenħtieġ li l-ESMA tingħata s-setgħat investigattivi u ta' infurzar meħtieġa, inkluża l-kapaċità li titlob informazzjoni, twettaq verifiki fuq il-post, u timponi miżuri u sanzjonijiet amministrattivi meta jkun xieraq.

Or. en

Emenda 102
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Premessa 29a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(29a) F'konformità mal-objettivi tal-Kummissjoni Ewropea ta' simplifikazzjoni, tnaqqis tal-piżijiet tar-rapportar, l-iżgurar ta' superviżjoni konsistenti u effettiva madwar l-Unjoni u l-avvanz tal-aġenda tal-SIU, jenħtieġ li l-ESMA tinħatar bħala l-awtorità kompetenti għas-superviżjoni tal-konformità mal-Artikoli 18 sa 27 ta' dan ir-Regolament mill-oriġinaturi, l-isponsors, u l-SSPEs, sabiex jiġu żgurati superviżjoni u infurzar konsistenti fil-livell tal-Unjoni.

Or. en

Emenda 103
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Premessa 29b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(29b) Sabiex tissaħħaħ il-fiduċja tal-investituri, huwa xieraq ukoll li l-ESMA tingħata kompetenza ġenerali għar-reġistrazzjoni u s-superviżjoni kontinwa tal-Verifikaturi ta' Partijiet Terzi fl-Unjoni. L-inkarigar tal-ESMA bir-responsabbiltà esklużiva għal dawk il-kwistjonijiet jenħtieġ li jiżgura kundizzjonijiet ekwi f'termini ta' rekwiżiti ta' reġistrazzjoni u superviżjoni kontinwa u jelimina r-riskju ta' arbitraġġ regolatorju madwar l-Istati Membri. Fl-istess ħin, din ir-responsabbiltà esklużiva mistennija tottimizza l-allokazzjoni tar-riżorsi superviżorji fil-livell tal-Unjoni, u b'hekk tagħmel lill-ESMA ċ-ċentru tal-għarfien espert u ttejjeb l-effiċjenza tas-superviżjoni.

Or. en

Emenda 104
Eero Heinäluoma, Nikos Papandreou, Jonás Fernández, René Repasi

Proposta għal regolament
Premessa 29b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(29b) Sabiex jiġi żgurat finanzjament xieraq tal-kompiti superviżorji l-ġodda tagħha, f'konformità ma' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-ESMA tingħata s-setgħa li timponi tariffi annwali fuq l-entitajiet li jissottomettu notifiki STS. Dawn it-tariffi jenħtieġ li jirriflettu l-kostijiet superviżorji tal-ESMA, ikunu proporzjonati għall-fatturat tal-entità, meta mqabbla mal-fatturat totali tal-entitajiet kollha bħal dawn għal dak il-perjodu.

Or. en

Emenda 105
Eero Heinäluoma, Nikos Papandreou, Jonás Fernández, René Repasi

Proposta għal regolament
Premessa 29c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(29c) Jenħtieġ li jiġu żgurati kooperazzjoni mill-qrib u skambju ta' informazzjoni f'waqtu bejn l-ESMA, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, u l-Bank Ċentrali Ewropew, b'mod partikolari fir-rigward tas-superviżjoni ta' istituzzjonijiet sinifikanti skont l-Artikoli 6 sa 9. Is-sejbiet relatati mal-governanza u l-indikaturi tar-riskju jenħtieġ li jiġu kondiviżi biex tiġi evitata d-duplikazzjoni u jiġi żgurat approċċ superviżorju effiċjenti u koordinat fil-mandati prudenzjali u ta' protezzjoni tal-investituri.

Or. en

Emenda 106
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Premessa 29c (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(29c) Sabiex twettaq dawn ir-rwoli, jenħtieġ li l-ESMA tingħata s-setgħat investigattivi u ta' infurzar meħtieġa, inkluża l-kapaċità li titlob informazzjoni, twettaq verifiki fuq il-post, u timponi miżuri u sanzjonijiet amministrattivi meta jkun xieraq.

Or. en

Emenda 107
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Premessa 29d (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(29d) Sabiex jiġi żgurat finanzjament xieraq tal-kompiti superviżorji l-ġodda tagħha, f'konformità ma' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-ESMA tingħata s-setgħa li timponi tariffi annwali fuq l-entitajiet li jissottomettu notifiki STS u fuq verifikaturi ta' partijiet terzi. Dawn it-tariffi jenħtieġ li jirriflettu l-kostijiet superviżorji tal-ESMA, ikunu proporzjonati għall-fatturat tal-entità, meta mqabbla mal-fatturat totali tal-entitajiet kollha bħal dawn għal dak il-perjodu.

Or. en

Emenda 108
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Premessa 29e (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(29e) Jenħtieġ li jiġu żgurati kooperazzjoni mill-qrib u skambju ta' informazzjoni f'waqtu bejn l-ESMA, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, u l-Bank Ċentrali Ewropew, b'mod partikolari fir-rigward tas-superviżjoni ta' istituzzjonijiet sinifikanti skont l-Artikoli 6 sa 9. Is-sejbiet relatati mal-governanza u l-indikaturi tar-riskju jenħtieġ li jiġu kondiviżi biex tiġi evitata d-duplikazzjoni u jiġi żgurat approċċ superviżorju effiċjenti u koordinat fil-mandati prudenzjali u ta' protezzjoni tal-investituri.

Or. en

Emenda 109
Eero Heinäluoma, Nikos Papandreou, Jonás Fernández, René Repasi

Proposta għal regolament
Premessa 30

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(30) Huwa importanti li jiġi żgurat li l-qafas regolatorju għat-titolizzazzjonijiet jibqa' effettiv u jadatta għax-xenarju finanzjarju li qed jevolvi. Għal dik ir-raġuni, il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrevedi b'mod komprensiv l-impatt u l-funzjonalità ta' dan ir-Regolament fi żmien 5 snin wara l-adozzjoni tiegħu, b'attenzjoni bir-reqqa għall-influwenza tiegħu fuq is-suq tat-titolizzazzjoni u l-implikazzjonijiet ekonomiċi usa' tiegħu. Dak ir-rieżami jenħtieġ li jiffoka fuq aspetti kritiċi, inklużi d-dinamika tas-suq, l-aċċessibbiltà tal-kreditu b'mod partikolari għall-SMEs, l-	(30) Huwa importanti li jiġi żgurat li l-qafas regolatorju għat-titolizzazzjonijiet jibqa' effettiv u jadatta għax-xenarju finanzjarju li qed jevolvi. Għal dik ir-raġuni, il-Kummissjoni jenħtieġ li tirrevedi b'mod komprensiv l-impatt u l-funzjonalità ta' dan ir-Regolament fi żmien 5 snin wara l-adozzjoni tiegħu, b'attenzjoni bir-reqqa għall-influwenza tiegħu fuq is-suq tat-titolizzazzjoni u l-implikazzjonijiet ekonomiċi usa' tiegħu. Dak ir-rieżami jenħtieġ li jiffoka fuq aspetti kritiċi, inklużi d-dinamika tas-suq, l-aċċessibbiltà tal-kreditu b'mod partikolari għall-SMEs, l-

investimenti, u l-interkonnettività tal-istituzzjonijiet finanzjarji li hija vitali għaż-żamma tal-istabbiltà tas-settur finanzjarju. Filwaqt li tikkombina l-għarfien mir-rapporti msemmija fl-Artikolu 44 tar-Regolament (UE) 2017/2402 u fl-analiżijiet ulterjuri, il-Kummissjoni jenħtieġ li tiddetermina l-ħtieġa għal aġġornamenti leġiżlattivi biex jiġi ssalvagwardjat ir-rwol tar-Regolament (UE) 2017/2402 fl-appoġġ għal ekonomija reżiljenti u dinamika fl-Unjoni Ewropea.	investimenti, u l-interkonnettività tal-istituzzjonijiet finanzjarji li hija vitali għaż-żamma tal-istabbiltà tas-settur finanzjarju. Filwaqt li tikkombina l-għarfien mir-rapporti msemmija fl-Artikolu ***31 u fl-Artikolu*** 44 tar-Regolament (UE) 2017/2402 u fl-analiżijiet ulterjuri, il-Kummissjoni jenħtieġ li tiddetermina l-ħtieġa għal aġġornamenti leġiżlattivi biex jiġi ssalvagwardjat ir-rwol tar-Regolament (UE) 2017/2402 fl-appoġġ għal ekonomija reżiljenti u dinamika fl-Unjoni Ewropea.
	Or. en

Emenda 110
Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 30a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(30a) It-titolizzazzjoni tista' tinfluwenza materjalment kemm l-ipprezzar kif ukoll l-allokazzjoni tal-kreditu bankarju, b'mod partikolari billi tiffaċilita l-espansjoni tas-self ipotekarju. Fis-swieq tal-akkomodazzjoni kkaratterizzati minn restrizzjonijiet strutturali u domanda qawwija mill-investituri, tali espansjoni tal-kreditu tirriskja li tiġi kapitalizzata fi prezzijiet u kirjiet ogħla tal-akkomodazzjoni, u b'hekk iddgħajjef l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni u l-aċċess għaliha, speċjalment għal dawk li qed jixtru għall-ewwel darba. Fid-dawl ta' dawn ir-riskji, huwa essenzjali li jiġi skrutinizzat mill-qrib l-impatt tat-titolizzazzjoni fuq l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni, l-aċċess għall-akkomodazzjoni u l-allokazzjoni tal-kreditu bankarju.
	Or. en

Emenda 111
Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Premessa 30b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(30b) Sabiex jiġi żgurat li t-titolizzazzjoni tappoġġa l-ekonomija reali mingħajr ma ddgħajjef l-aċċess għal akkomodazzjoni adegwata u affordabbli, huwa xieraq li jiġu mmonitorjati l-effetti tagħha fuq l-eżiti tal-akkomodazzjoni. B'mod partikolari, valutazzjoni tal-livell u l-evoluzzjoni tal-preklużjonijiet ta' dritt ipotekarju u azzjonijiet oħra ta' infurzar assoċjati ma' tranżazzjonijiet ta' titolizzazzjoni li jinvolvu proprjetà immobbli residenzjali, meta mqabbla ma' skoperturi mhux titolizzati ta' klassijiet ta' assi korrispondenti, tista' tipprovdi evidenza utli dwar jekk il-prattiki ta' servizzjar marbuta ma' tranżazzjonijiet ta' titolizzazzjoni jaffettwawx id-dinamika tal-preklużjoni tad-dritt ipotekarju u l-istabbiltà tal-akkomodazzjoni. Monitoraġġ bħal dan jenħtieġ li jkun il-bażi għar-riežami tal-Kummissjoni ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 112
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 1 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) fl-Artikolu 1, jiżdied il-paragrafu li

	ġej:
	"2a. Dan ir-Regolament għandu l-għan li jrawwem suq ta' titolizzazzjoni tal-Unjoni sostenibbli u reżiljenti li jikkontribwixxi għall-istabbiltà finanzjarja, jippromwovi t-trasferiment effettiv tar-riskju ta' kreditu lil hinn mis-settur bankarju u jevita konċentrazzjoni żejda tar-riskju fl-istituzzjonijiet ta' kreditu."

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-iżvilupp tas-suq ma jridx idgħajjef l-istabbiltà jew iwassal għar-riċiklaġġ tar-riskju intrabankarju.

Emenda 113
Giovanni Crosetto, Mariateresa Vivaldini, Denis Nesci, Francesco Ventola, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1a – punt a – punt i (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – parti introduttorja

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(1a) (a) fl-Artikolu 2, il-punt (1) huwa emendat kif ġej:
	(i) il-parti introduttorja hija emendata kif ġej:
(1) "titolizzazzjoni" tfisser tranżazzjoni jew skema, li biha riskju ta' kreditu assoċjat mal-iskopertura jew aggregazzjoni ta' skoperturi tkun segmentata, u jkollha karatteristiċi kollha li ġejjin:	"(1) "titolizzazzjoni" tfisser tranżazzjoni jew skema, li biha riskju ta' kreditu assoċjat mal-iskopertura ***sottostanti*** jew aggregazzjoni ta' skoperturi ***sottostanti*** tkun segmentata, u jkollha karatteristiċi kollha li ġejjin:"

Or. en

(Ir-Regolament (UE) 2017/2402)

Emenda 114

Giovanni Crosetto, Mariateresa Vivaldini, Denis Nesci, Francesco Ventola, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1a – punt a – punt ii (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 1 – punt ca (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ii) jiżdied il-punt li ġej:
	"***(ca) it-tranżazzjoni jew l-iskema ma hijiex waħda mit-tranżazzjonijiet eżentati speċifikati fl-istandards tekniċi regolatorji msemmija fit-tieni paragrafu."***

Or. en

(Ir-Regolament (UE) 2017/2402)

Emenda 115
Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) fl-Artikolu 2, jiddaħħal il-punt li ġej:
	"(3a) 'kreditur' tfisser il-mutwant oriġinali jew f'titolizzazzjoni tradizzjonali l-oriġinatur jew l-SSPE, jew, meta jkun applikabbli, investitur, sa fejn dik l-entità żżomm id-drittijiet ekonomiċi li jirriżultaw mill-ftehim ta' kreditu sottostanti;"

Or. en

Emenda 116
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(1a) fl-Artikolu 2, il-punt (5) huwa sostitwit b'dan li ġej:
(5) **"**sponsor**"** tfisser istituzzjoni ta' kreditu, sew jekk lokalizzata fl-Unjoni u sew jekk le, ***kif definita fil-punt (1) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013***, jew ditta tal-investiment ***kif definita fil-punt (1) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/65/UE*** għajr oriġinatur, li:	***"***(5) **'**sponsor**'** tfisser istituzzjoni ta' kreditu, sew jekk lokalizzata fl-Unjoni u sew jekk le,jew ditta tal-investiment ***awtorizzata f'konformità mad-Direttiva 2014/65/UE, jew maniġer ta' fondi ta' investiment alternattivi awtorizzat skont id-Direttiva 2011/61/UE, jew kumpanija maniġerjali awtorizzata skont id-Direttiva 2009/65/KE,*** għajr oriġinatur, li
(a) tistabbilixxi u tamministra ***programm ta' karti kummerċjali garantiti b'assi jew*** titolizzazzjoni ***oħra li tixtri skoperturi mingħand entitajiet terzi, jew***	***tistabbilixxi u timmaniġġja titolizzazzjoni."***
(b) tistabbilixxi programm ta' karti kummerċjali garantiti b'assi jew titolizzazzjoni oħra li tixtri skoperturi mingħand entitajiet terzi u tiddelega l-immaniġġar ta' kuljum ta' portafoll attiv involut f'dik it-titolizzazzjoni lil entità awtorizzata biex twettaq tali attività f'konformità mad-Direttiva 2009/65/KE, id-Direttiva 2011/61/UE jew id-Direttiva 2014/65/UE.	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda twessa' d-definizzjoni ta' sponsor. F'konformità mar-rakkomandazzjoni tal-ESA (JC 2025 14), ara l-punt 15.

Emenda 117
Regina Doherty

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(1a) fl-Artikolu 2, il-punt (5) huwa sostitwit b'dan li ġej:
(5) "sponsor" tfisser istituzzjoni ta' kreditu, ***sew jekk lokalizzata fl-Unjoni u sew jekk le***, kif definita fil-punt (1) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, jew ditta tal-investiment kif definita fil-punt (1) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/65/UE għajr oriġinatur, li	(5) "sponsor" tfisser istituzzjoni ta' kreditu kif definita fil-punt (1) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, jew ditta tal-investiment kif definita fil-punt (1) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/65/UE ***f'kull każ kemm jekk lokalizzata fl-Unjoni jew le***, għajr oriġinatur, li***:***
(a) tistabbilixxi u tamministra programm ta' karti kummerċjali garantiti b'assi jew titolizzazzjoni oħra li tixtri skoperturi mingħand entitajiet terzi, jew	tistabbilixxi u tamministra programm ta' karti kummerċjali garantiti b'assi jew titolizzazzjoni oħra li tixtri skoperturi mingħand entitajiet terzi, jew
(b) tistabbilixxi programm ta' karti kummerċjali garantiti b'assi jew titolizzazzjoni oħra li tixtri skoperturi mingħand entitajiet terzi u tiddelega l-immaniġġar ta' kuljum ta' portafoll attiv involut f'dik it-titolizzazzjoni lil entità awtorizzata biex twettaq tali attività f'konformità mad-Direttiva 2009/65/KE, id-Direttiva 2011/61/UE jew id-Direttiva 2014/65/UE;	(b) tistabbilixxi programm ta' karti kummerċjali garantiti b'assi jew titolizzazzjoni oħra li tixtri skoperturi mingħand entitajiet terzi u tiddelega l-immaniġġar ta' kuljum ta' portafoll attiv involut f'dik it-titolizzazzjoni lil entità awtorizzata biex twettaq tali attività f'konformità mad-Direttiva 2009/65/KE, id-Direttiva 2011/61/UE jew id-Direttiva 2014/65/UE;

Or. en

Emenda 118
Regina Doherty

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1b (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 12 – punt d

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(1b) fl-Artikolu 2, il-punt (12), il-punt (d), huwa sostitwit b'dan li ġej:
(d) maniġer ta' fond ta' investiment alternattiv (AIFM) kif definit fil-punt (b) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2011/61/UE li jimmaniġġa u/jew iqiegħed fis-swieq	(d) maniġer ta' fond ta' investiment alternattiv (AIFM) kif definit fil-punt (b) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2011/61/UE ***stabbilit fl-Unjoni u awtorizzat fl-Unjoni***

fondi ta’ investiment alternattiv fl-Unjoni;	***f’konformità mad-Direttiva 2011/61/UE,*** li jimmaniġġa u/jew iqiegħed fis-swieq fondi ta’ investiment alternattiv fl-Unjoni;

Or. en

Emenda 119
Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 32

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) “titolizzazzjoni pubblika” tfisser titolizzazzjoni ***li tissodisfa kwalunkwe wieħed mill-kriterji li ġejjin***:	(32) “titolizzazzjoni pubblika” tfisser titolizzazzjoni ***fejn*** irid jitfassal prospett għal dik it-titolizzazzjoni skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[29];
(a) irid jitfassal prospett għal dik it-titolizzazzjoni skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[29];	
(b) it-titolizzazzjoni tiġi kummerċjalizzata b’noti li jikkostitwixxu pożizzjonijiet ta’ titolizzazzjoni ammessi għan-negozjar f’ċentru tan-negozjar tal-Unjoni kif definit fl-Artikolu 4(1), il-punt (24) tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[30];	
(c) it-titolizzazzjoni tkun ikkummerċjalizzata lill-investituri u t-termini u l-kundizzjonijiet ma jkunux negozjabbli bejn il-partijiet.	

Or. en

Emenda 120
Auke Zijlstra

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2

Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 32 – parti introduttorja u punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(32) "titolizzazzjoni pubblika" tfisser titolizzazzjoni ***li tissodisfa kwalunkwe wieħed mill-kriterji li ġejjin:***	(32) "titolizzazzjoni pubblika" tfisser titolizzazzjoni ***fejn*** irid jitfassal prospett għal dik it-titolizzazzjoni skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[29];
(a) irid jitfassal prospett għal dik it-titolizzazzjoni skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2017/1129 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[29];	

Or. en

Emenda 121
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 32 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) it-titolizzazzjoni tiġi kummerċjalizzata b'noti li jikkostitwixxu pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni ammessi għan-negozjar f'ċentru tan-negozjar tal-Unjoni kif definit fl-Artikolu 4(1), il-punt (24) tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[12];	***imħassar***
[12] Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (riformulazzjoni) (ĠU L 173 12.6.2014, p. 349, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2014/65/oj).";	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-definizzjoni estiża ta' titolizzazzjoni pubblika tfisser li kważi t-titolizzazzjonijiet kollha se jkunu soġġetti għal rekwiżiti ta' rapportar aktar oneruż u kumplessi. Dan mhux biss se jżid il-kostijiet għall-investituri iżda se jiskoraġġixxi wkoll it-titolizzazzjoni privata. Dan huwa partikolarment problematiku għall-investituri li qed ifittxu skoperturi jew klassijiet ta' assi speċifiċi ħafna.

Emenda 122
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 32 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) it-titolizzazzjoni tkun ikkummerċjalizzata lill-investituri u t-termini u l-kundizzjonijiet ma jkunux negozjabbli bejn il-partijiet.	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Id-definizzjoni estiża ta' titolizzazzjoni pubblika tfisser li kważi t-titolizzazzjonijiet kollha se jkunu soġġetti għal rekwiżiti ta' rapportar aktar oneruż u kumplessi. Dan mhux biss se jżid il-kostijiet għall-investituri iżda se jiskoraġġixxi wkoll it-titolizzazzjoni privata. Dan huwa partikolarment problematiku għall-investituri li qed ifittxu skoperturi jew klassijiet ta' assi speċifiċi ħafna.

Emenda 123
Auke Zijlstra

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 33

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(33) "titolizzazzjoni privata" tfisser titolizzazzjoni li ma ***tissodisfa l-ebda***	(33) "titolizzazzjoni privata" tfisser titolizzazzjoni li ma ***tissodisfax il-kriterju***

wieħed mill-kriterji stabbiliti fil-punt (32).	***stabbilit*** fil-punt (32).

Or. en

Emenda 124
Fernando Navarrete Rojas, Regina Doherty, Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 33a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(33a) "tranżazzjoni ripetuta" tfisser tranżazzjoni:
	(a) stabbilita mill-istess oriġinatur jew mill-mutwant oriġinali;
	(b) meta l-aggregazzjoni ta' skoperturi sottostanti tkun tal-istess tip ta' assi, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi relatati mal-flussi tal-flus tat-tip ta' assi, inklużi l-karatteristiċi kuntrattwali u ta' prepagament tagħhom;
	(c) meta r-riskju ta' kreditu ġenerali tal-aggregazzjoni ta' skoperturi sottostanti huwa l-istess jew aktar baxx; u
	(d) li għandha l-istess karatteristiċi strutturali ġenerali bħal fi tranżazzjoni ta' titolizzazzjoni preċedenti.;

Or. en

Emenda 125
Giovanni Crosetto, Mariateresa Vivaldini, Denis Nesci, Francesco Ventola, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 33a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(33a) "skopertura sottostanti" tfisser assi

finanzjarju awtolikwidanti inkluż self, kiri, ipoteka, riċevibbli garantit jew mhux garantit.

Or. en

Emenda 126
Giovanni Crosetto, Mariateresa Vivaldini, Denis Nesci, Francesco Ventola, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 2a (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 2 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) fl-Artikolu 2, jiżdied il-paragrafu li ġej:
	"1a. L-ESMA, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-EBA u mal-EIOPA, għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji biex tispeċifika t-tranżazzjonijiet jew l-iskemi li ma għandhomx jitqiesu bħala titolizzazzjoni kif definit fil-paragrafu 1, il-punt (1)(ca).
	Is-setgħa hija delegata lill-Kummissjoni biex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) ***Nru 1095/2010."***

Or. en

(Ir-Regolament (UE) 2017/2402)

Emenda 127
Fernando Navarrete Rojas, Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt -a (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 5 – paragrafu 1 – parti introduttorja u punt a u b

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-a) fil-paragrafu 1, il-parti introduttorja u l-punti (a) u (b) huma sostitwiti b'dan li ġej:
1. Qabel ma ***jkollu pożizzjoni*** ta' titolizzazzjoni, investitur istituzzjonali, għajr l-oriġinatur, l-isponsor jew il-mutwant oriġinali, għandu ***jivverifika*** li:	"1. Qabel ma ***jiġi espost għar-riskju ta' kreditu*** ta' titolizzazzjoni, investitur istituzzjonali, għajr l-oriġinatur, l-isponsor jew il-mutwant oriġinali, għandu ***jiżgura li għandu livell raġonevoli ta' assigurazzjoni proporzjonat mar-riskju fiċ-ċirkostanzi tal-investiment propost*** li:
(a) meta l-oriġinatur jew il-mutwant oriġinali stabbilit fl-Unjoni ma jkunx istituzzjoni ta' kreditu jew ditta tal-investiment kif definit fil-punti (1) u (2) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-oriġinatur jew il-mutwant oriġinali jagħti l-krediti kollha tiegħu li jwasslu għall-iskoperturi sottostanti fuq il-bażi ta' kriterji solidi u definiti sew u proċessi stabbiliti b'mod ċar għall-approvazzjoni, l-emenda, it-tiġdid u l-finanzjament ta' dawk il-krediti u għandu sistemi effettivi fis-seħħ biex japplika dawk il-kriterji u l-proċessi f'konformità mal-Artikolu 9(1) ta' dan ir-Regolament;	(a) meta l-oriġinatur jew il-mutwant oriġinali stabbilit fl-Unjoni ma jkunx istituzzjoni ta' kreditu jew ditta tal-investiment kif definit fil-punti (1) u (2) tal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-oriġinatur jew il-mutwant oriġinali jagħti l-krediti kollha tiegħu li jwasslu għall-iskoperturi sottostanti ***jew jiġġenera riċevibbli tan-negozju*** fuq il-bażi ta' kriterji solidi u definiti sew u proċessi stabbiliti b'mod ċar għall-approvazzjoni, l-emenda, it-tiġdid u l-finanzjament ta' dawk il-krediti u għandu sistemi effettivi fis-seħħ biex japplika dawk il-kriterji u l-proċessi f'konformità mal-Artikolu 9(1) ta' dan ir-Regolament;
(b) meta l-oriġinatur jew il-mutwant oriġinali jkun stabbilit f'pajjiż terz, l-oriġinatur jew il-mutwant oriġinali jagħti l-krediti kollha li jwasslu għall-iskoperturi sottostanti abbażi ta' kriterji solidi u definiti sew u proċessi stabbiliti b'mod ċar għall-approvazzjoni, l-emendar, it-tiġdid u l-finanzjament ta' dawk il-krediti u għandu sistemi effettivi fis-seħħ biex japplika dawk il-kriterji u l-proċessi biex jiżgura li l-għoti ta' kreditu huwa bbażat fuq valutazzjoni bir-reqqa tal-affidabbiltà kreditizja tal-obbligant;	(b) meta l-oriġinatur jew il-mutwant oriġinali jkun stabbilit f'pajjiż terz, l-oriġinatur jew il-mutwant oriġinali jagħti l-krediti kollha li jwasslu għall-iskoperturi sottostanti ***jew jiġġenera riċevibbli tan-negozju*** abbażi ta' kriterji solidi u definiti sew u proċessi stabbiliti b'mod ċar għall-approvazzjoni, l-emendar, it-tiġdid u l-finanzjament ta' dawk il-krediti u għandu sistemi effettivi fis-seħħ biex japplika dawk il-kriterji u l-proċessi biex jiżgura li l-għoti ta' kreditu huwa bbażat fuq valutazzjoni bir-reqqa tal-affidabbiltà kreditizja tal-obbligant;"

Or. en

Emenda 128
Auke Zijlstra

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a – punt ii
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) jekk l-oriġinatur, l-isponsor jew l-SSPE maħtura f'konformità mal-Artikolu 7(2) tkun stabbilita f'pajjiż terz u tkun għamlet disponibbli l-informazzjoni mehtieġa mill-Artikolu 7(1) f'konformità mal-frekwenza u l-modalitajiet previsti f'dak il-paragrafu;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

In its current form, Article 5(1)(e) constitutes a material obstacle to the objectives of the SIU. The provision places a formal compliance test on institutional investors which, in practice, is difficult to apply to non-EU securitisations. As a result, European investors are discouraged from investing in such products, which not only limits international diversification but also puts pressure on overall liquidity in the European securitisation market. Access to international securitisations strengthens the position of European investors, enhances their risk-diversification opportunities, and contributes to the development of expertise and market practices that can also be utilised within the EU. The deletion of Article 5(1)(e) would therefore contribute to a more balanced and better-functioning European securitisation market and support the broader objectives of the SIU agenda.

Emenda 129
Regina Doherty

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a – punt ii
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) jekk l-oriġinatur, l-isponsor jew l-SSPE ***maħtura f'konformità mal-Artikolu 7(2)*** tkun stabbilita f'pajjiż terz ***u tkun għamlet disponibbli l-informazzjoni***	(e) jekk l-oriġinatur, l-isponsor jew l-SSPE tkun stabbilita f'pajjiż terz***:***

meħtieġa mill-Artikolu 7(1) f'konformità mal-frekwenza u l-modalitajiet previsti f'dak il-paragrafu;

(i) tkun divulgat biżżejjed informazzjoni dwar ir-riskju u t-trasparenza b'tali mod li l-investitur istituzzjonali jkun sodisfatt li jista' jivvaluta b'mod indipendenti r-riskju ta' kreditu tal-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni, u

(ii) timpenja ruħha li tagħmel tali informazzjoni disponibbli fuq bażi kontinwa, mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-investitur istituzzjonali li jitlob informazzjoni addizzjonali, jekk jitqies neċessarju, sabiex jimmonitorja l-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni tiegħu u biex jissodisfa l-proċeduri bil-miktub tiegħu;

Or. en

Emenda 130
Fernando Navarrete Rojas, Regina Doherty, Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a – punt ii
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) jekk l-oriġinatur, l-isponsor jew l-SSPE ***maħtura f'konformità mal-Artikolu 7(2)*** tkun stabbilita f'pajjiż terz ***u tkun għamlet disponibbli l-informazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 7(1) f'konformità mal-frekwenza u l-modalitajiet previsti f'dak il-paragrafu***;	(e) jekk l-oriġinatur, l-isponsor jew l-SSPE tkun stabbilita f'pajjiż terz ***u tkun divulgat biżżejjed informazzjoni dwar ir-riskju b'tali mod li l-investitur istituzzjonali jkun sodisfatt li jista' jivvaluta b'mod indipendenti r-riskju ta' kreditu tal-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni, u timpenja ruħha li tagħmel tali informazzjoni disponibbli fuq bażi kontinwa, mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-investitur istituzzjonali li jitlob informazzjoni addizzjonali, jekk jitqies neċessarju, sabiex jimmonitorja l-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni tiegħu u biex jissodisfa l-proċeduri bil-miktub tiegħu***;

Or. en

Emenda 131
Giovanni Crosetto, Mariateresa Vivaldini, Denis Nesci, Francesco Ventola, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a – punt ii
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) jekk l-oriġinatur, l-isponsor jew l-SSPE ***maħtura f'konformità mal-Artikolu 7(2)*** tkun stabbilita f'pajjiż terz u tkun għamlet disponibbli ***l-informazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 7(1)*** f'konformità ***mal-frekwenza u l-modalitajiet previsti f'dak il-paragrafu***;	(e) jekk l-oriġinatur, l-isponsor jew l-SSPE tkun stabbilita f'pajjiż terz u tkun ***(i)*** għamlet disponibbli ***biżżejjed informazzjoni biex tissodisfa lill-investitur istituzzjonali li hija kapaċi tivvaluta b'mod indipendenti r-riskji taż-żamma tal-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni; u (ii) impenjat ruħha li tagħmel aktar informazzjoni disponibbli fuq bażi kontinwa, ta' tip li jippermetti lill-investitur istituzzjonali jimmonitorja l-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni*** f'konformità ***mal-proċeduri bil-miktub tagħha msemmija fil-punt (a) tal-paragrafu (4)***;

Or. en

Emenda 132
Christophe Gomart

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a – punt ii
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) jekk l-oriġinatur, l-isponsor jew l-SSPE ***maħtura f'konformità mal-Artikolu 7(2)*** tkun stabbilita f'pajjiż terz u tkun għamlet disponibbli l-informazzjoni ***meħtieġa mill-Artikolu*** 7(1) f'konformità	(e) jekk l-oriġinatur, l-isponsor jew l-SSPE tkun stabbilita f'pajjiż terz u tkun għamlet disponibbli ***mill-inqas*** l-informazzjoni ***sostanzjalment ekwivalenti għal dik elenkata fl-Artikolu*** 7(1)***, li kienet***

mal-frekwenza u l-modalitajiet previsti f'dak il-paragrafu;	***tkun applikabbli kieku dawn l-entitajiet kienu stabbiliti fl-Unjoni,*** f'konformità mal-frekwenza u l-modalitajiet previsti f'dak il-paragrafu;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ir-rekwiżiti tad-diliġenza dovuta applikabbli għat-titolizzazzjonijiet maħruġa minn entitajiet ta' pajjiżi terzi bħalissa jobbligaw lil dawn l-emittenti jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' divulgazzjoni tal-UE, b'mod partikolari l-użu tal-mudelli ta' divulgazzjoni standardizzati stabbiliti fl-atti delegati skont ir-Regolament (UE) 2017/2402. Dan l-obbligu joħloq ostakli għall-opportunitajiet ta' investiment għall-investituri tal-UE.

Emenda 133
Lídia Pereira

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a – punt ii
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) jekk l-oriġinatur, l-isponsor jew l-SSPE maħtura f'konformità mal-Artikolu 7(2) tkun stabbilita f'pajjiż terz u tkun għamlet disponibbli l-informazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 7(1) ***f'konformità mal-frekwenza u l-modalitajiet previsti f'dak il-paragrafu***;	(e) jekk l-oriġinatur, l-isponsor jew l-SSPE maħtura f'konformità mal-Artikolu 7(2) tkun stabbilita f'pajjiż terz u tkun għamlet disponibbli l-informazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 7(1);

Or. en

Emenda 134
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a – punt ii
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(e) jekk l-oriġinatur, l-isponsor jew l-SSPE maħtura f'konformità mal-Artikolu 7(2) tkun stabbilita f'pajjiż terz u tkun għamlet disponibbli ***l-informazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 7(1) f'konformità mal-frekwenza u l-modalitajiet previsti f'dak il-paragrafu***;	(e) jekk l-oriġinatur, l-isponsor jew l-SSPE maħtura f'konformità mal-Artikolu 7(2) tkun stabbilita f'pajjiż terz u tkun għamlet disponibbli ***livell ta' informazzjoni li huwa komparabbli ma' rekwiżiti tal-UE u li jippermetti valutazzjoni dettaljata biżżejjed tat-titolizzazzjoni minn investituri istituzzjonali***;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tagħti lill-investituri tal-UE aċċess għal swieq internazzjonali tat-titolizzazzjoni li għandhom imnejn ma jkollhomx l-istess granularità ta'divulgazzjoni bħall-UE billi jibbażaw fuq divulgazzjoni bbażata fuq il-prinċipji.

Emenda 135
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Anouk Van Brug

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a – punt ii
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) jekk l-oriġinatur, l-isponsor jew l-SSPE ***maħtura f'konformità mal-Artikolu 7(2)*** tkun stabbilita f'pajjiż terz u tkun għamlet disponibbli ***l-informazzjoni meħtieġa mill-Artikolu*** 7(1) ***f'konformità mal-frekwenza u l-modalitajiet previsti f'dak il-paragrafu;***	(e) jekk l-oriġinatur, l-isponsor jew l-SSPE tkun stabbilita f'pajjiż terz u tkun għamlet disponibbli ***informazzjoni sostanzjalment ekwivalenti għal dik elenkata fl-Artikolu*** 7(1)***, li kienet tkun applikabbli li kieku dawn l-entitajiet kienu stabbiliti fl-Unjoni***;

Or. en

Emenda 136
Fernando Navarrete Rojas, Regina Doherty, Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt a – punt iia (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iia) jiżdied is-subparagrafu li ġej:
	B'deroga, il-punti (a), (b) u (f) ma għandhomx japplikaw fil-każ ta' tranżazzjonijiet ripetuti. F'każijiet bħal dawn, l-investitur istituzzjonali jista' jibbaża fuq il-verifiki oriġinali mwettqa preċedentement.

Or. en

Emenda 137
Giovanni Crosetto, Mariateresa Vivaldini, Denis Nesci, Francesco Ventola, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt iia (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 5 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iia) jiżdied is-subparagrafu li ġej:
	Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "pożizzjoni ta' titolizzazzjoni" tfisser skopertura diretta għal titolizzazzjoni maħruġa minn SSPE.

Or. en

Emenda 138
Fernando Navarrete Rojas, Regina Doherty, Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt aa (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(aa) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

2. B’deroga mill-paragrafu 1, fir-rigward ta’ tranżazzjonijiet ABCP appoġġati b’mod sħiħ, ir-rekwiżit speċifikat fil-punt (a) tal-paragrafu 1 għandu japplika għall-isponsor. F’każijiet bħal dawn, l-isponsor għandu jivverifika li l-oriġinatur jew il-mutwant oriġinali li ma jkunx istituzzjoni ta’ kreditu jew ditta tal-investiment jagħti l-krediti kollha li jwasslu għall-ħolqien tal-iskoperturi sottostanti abbażi ta’ kriterji solidi u definiti sew u proċessi stabbiliti b’mod ċar għall-approvazzjoni, l-emendar, it-tiġdid u l-finanzjament ta’ dawk il-krediti u jkollu sistemi effettivi fis-seħħ biex japplikaw dawk il-kriterji u l-proċessi skont l-Artikolu 9(1).	“2. B’deroga mill-paragrafu 1, fir-rigward ta’ tranżazzjonijiet ABCP appoġġati b’mod sħiħ, ir-rekwiżit speċifikat fil-punt (a) tal-paragrafu 1 għandu japplika għall-isponsor. F’każijiet bħal dawn, l-isponsor għandu jivverifika li l-oriġinatur jew il-mutwant oriġinali li ma jkunx istituzzjoni ta’ kreditu jew ditta tal-investiment jagħti l-krediti kollha li jwasslu għall-ħolqien tal-iskoperturi sottostanti ***jew jiġġenera riċevibbli tan-negozju*** abbażi ta’ kriterji solidi u definiti sew u proċessi stabbiliti b’mod ċar għall-approvazzjoni, l-emendar, it-tiġdid u l-finanzjament ta’ dawk il-krediti u jkollu sistemi effettivi fis-seħħ biex japplikaw dawk il-kriterji u l-proċessi skont l-Artikolu 9(1).”

Or. en

Emenda 139
Eero Heinäluoma, Nikos Papandreou, Jonás Fernández, René Repasi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt b – punt –i (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 5 – paragrafu 3 – parti introduttorja

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(- i) ***il-parti introduttorja*** hija sostitwita b’dan li ġej:
3. Qabel ma jkollu pożizzjoni ta’ titolizzazzjoni, investitur istituzzjonali, għajr l-oriġinatur, l-isponsor jew il-mutwant oriġinali, għandu jwettaq stima tad-diliġenza dovuta li tippermettilu li jivvaluta r-riskji involuti. Din l-istima għandha tinkludi, minn tal-anqas, dawn kollha li ġejjin:	“3. Qabel ma jkollu pożizzjoni ta’ titolizzazzjoni, investitur istituzzjonali, għajr l-oriġinatur, l-isponsor jew il-mutwant oriġinali, għandu jwettaq stima tad-diliġenza dovuta ***proporzjonata*** li tippermettilu li jivvaluta r-riskji involuti. Din l-istima għandha tinkludi, minn tal-anqas, dawn kollha li ġejjin:”;

Or. en

Emenda 140
Eero Heinäluoma, Nikos Papandreou, Jonás Fernández, René Repasi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt b – punt iia (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 5 – paragrafu 3 – subparagrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iia) jiżdied is-subparagrafu li ġej:
	"Meta tiġi kkunsidrata l-proporzjonalità tal-valutazzjoni tad-diliġenza dovuta skont dan il-paragrafu 3, l-ambitu u l-profondità xierqa tagħha jistgħu jitnaqqsu minn fatturi bħar-riskju ta' kreditu u s-superjorità relattiva tal-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni u t-titjib fil-kreditu relatat, u jekk il-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni hijiex relatata ma' tranżazzjoni ripetuta.";'

Or. en

Emenda 141
Eero Heinäluoma, Nikos Papandreou, Jonás Fernández, René Repasi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c – punt ia (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 5 – paragrafu 4 – punt e

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(ia) ***il-punt (e) huwa sostitwit b'dan li ġej:***
(e) ikun kapaċi juri lill-awtoritajiet kompetenti tiegħu, fuq talba, li għandu fehim komprensiv u profond tal-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni u l-iskoperturi sottostanti tagħha u li implimenta politiki u proċeduri miktubin għall-immaniġġar tar-riskju tal-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni u għaż-żamma ta' reġistri għall-verifiki u d-diliġenza dovuta f'konformità mal-paragrafi 1 u 2 u ta' kwalunkwe informazzjoni oħra rilevanti; ***u***	"(e) ikun kapaċi juri lill-awtoritajiet kompetenti tiegħu, fuq talba, li għandu fehim komprensiv u profond tal-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni u l-iskoperturi sottostanti tagħha u li implimenta politiki u proċeduri miktubin għall-immaniġġar tar-riskju tal-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni ***proporzjonali għall-profil ta' riskju tiegħu*** u għaż-żamma ta' reġistri għall-verifiki u d-diliġenza dovuta f'konformità mal-paragrafi 1 u 2 u ta' kwalunkwe informazzjoni oħra rilevanti;";

Or. en

Emenda 142
Eero Heinäluoma, Nikos Papandreou, Jonás Fernández, René Repasi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt c – punt iia (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 5 – paragrafu 4 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iia) jiżdied is-subparagrafu li ġej:
	"Meta tiġi kkunsidrata l-proporzjonalità tal-obbligi skont il-punti (a), (b), (d) u (e) skont dan il-paragrafu, investitur istituzzjonali jista' jqis ir-riskju tal-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni u fatturi bħas-superjorità tal-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni u t-titjib fil-kreditu relatat u jekk il-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni hijiex relatata ma' tranżazzjoni ripetuta.";

Or. en

Emenda 143
Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt d
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 5 – paragrafu 4a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4a) Il-paragrafi 1 sa 4 ma għandhomx japplikaw għal investituri li jżommu pożizzjoni ta' titolizzazzjoni fejn tali pożizzjoni ta' titolizzazzjoni tkun garantita minn bank multilaterali tal-iżvilupp elenkat fl-Artikolu 117(2) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013.	***imħassar***
Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, il-garanzija għandha tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artikoli 213 u 215 tar-	

Regolament (UE) Nru 575/2013.

Or. en

Emenda 144
Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt d
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 5 – paragrafu 4b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4b) Il-paragrafi 1 u 4 ma għandhomx japplikaw għal investituri istituzzjonali li jżommu pożizzjoni ta' titolizzazzjoni meta s-segment tal-ewwel telf li jkun jirrappreżenta mill-inqqas 15 % tal-valur nominali tal-iskoperturi titolizzati jkun miżmum jew iggarantit mill-Unjoni jew mill-banek jew istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali skont it-tifsira tal-Artikolu 2, il-punt (3) tar-Regolament (UE) 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.;	***imħassar***

Or. en

Emenda 145
Giovanni Crosetto, Mariateresa Vivaldini, Denis Nesci, Francesco Ventola, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt d
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 5 – paragrafu 4b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4b) Il-paragrafi 1 u 4 ma għandhomx japplikaw għal investituri istituzzjonali li jżommu pożizzjoni ta' titolizzazzjoni meta s-segment tal-ewwel telf li jkun	4b. Il-paragrafi 1 u 4 ma għandhomx japplikaw għal investituri istituzzjonali li jżommu pożizzjoni ta' titolizzazzjoni meta s-segment tal-ewwel telf li jkun

jirrappreżenta mill-inqqas ***15 %*** tal-valur nominali tal-iskoperturi titolizzati jkun miżmum jew iggarantit mill-Unjoni jew mill-banek jew istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali skont it-tifsira tal-Artikolu 2, il-punt (3) tar-Regolament (UE) 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.;	jirrappreżenta ta' mill-inqqas ***8 %*** tal-valur nominali tal-iskoperturi titolizzati jkun miżmum jew iggarantit mill-Unjoni jew mill-banek jew istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali skont it-tifsira tal-Artikolu 2, il-punt (3) tar-Regolament (UE) 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.;

Or. en

Emenda 146
Marco Falcone, Fulvio Martusciello

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt d
Emenda għar-Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 1 – paragrafu 4b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4b) Il-paragrafi 1 u 4 ma għandhomx japplikaw għal investituri istituzzjonali li jżommu pożizzjoni ta' titolizzazzjoni meta s-segment tal-ewwel telf li jkun jirrappreżenta mill-inqqas ***15 %*** tal-valur nominali tal-iskoperturi titolizzati jkun miżmum jew iggarantit mill-Unjoni jew mill-banek jew istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali skont it-tifsira tal-Artikolu 2, il-punt (3) tar-Regolament (UE) 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.;	4b. Il-paragrafi 1 u 4 ma għandhomx japplikaw għal investituri istituzzjonali li jżommu pożizzjoni ta' titolizzazzjoni meta s-segment tal-ewwel telf li jkun jirrappreżenta ta' mill-inqqas ***8 %*** tal-valur nominali tal-iskoperturi titolizzati jkun miżmum jew iggarantit mill-Unjoni jew mill-banek jew istituzzjonijiet promozzjonali nazzjonali skont it-tifsira tal-Artikolu 2, il-punt (3) tar-Regolament (UE) 2015/1017 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.; *(Din l-emenda tapplika għat-test leġiżlattiv kollu li qed jiġi eżaminat. L-adozzjoni tagħha timponi adattamenti tekniċi fit-test kollu.)*

Or. en

Ġustifikazzjoni

Aħna nilqgħu r-rinunzja proposta mill-Kummissjoni għall-obbligu taż-żamma tar-riskju għall-oriġinatur u d-diliġenza dovuta għall-investitur, iżda l-kundizzjoni speċifika tidher eċċessiva u mhux applikabbli.

Emenda 147
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt e
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 5 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***
"(5) Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1 sa 4 ta' dan l-Artikolu, meta investitur istituzzjonali jkun ta lil investitur istituzzjonali ieħor l-awtorità li jieħu deċiżjonijiet ta' ġestjoni ta' investiment li jistgħu jesponuh għal titolizzazzjoni, l-investitur istituzzjonali li jiddelega jista' jagħti struzzjonijiet lill-investitur istituzzjonali delegat taħt dan l-Artikolu fir-rigward ta' kwalunkwe esponiment għal titolizzazzjoni li jirriżulta minn dawk id-deċiżjonijiet. Ir-responsabbiltà tal-investitur istituzzjonali li jiddelega taħt dan l-Artikolu ma għandhiex tkun affettwata mill-fatt li l-investitur istituzzjonali jkun iddelega l-funzjonijiet."	

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandhom japplikaw sanzjonijiet lill-parti maniġerjali biss, kif inhu l-każ skont ir-regoli attwali.

Emenda 148
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt e
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 5 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Mingħajr preġudizzju għall-	(5) Mingħajr preġudizzju għall-

paragrafi 1 sa 4 ta' dan l-Artikolu, meta investitur istituzzjonali jkun ta lil investitur istituzzjonali ieħor l-awtorità li jieħu deċiżjonijiet ta' ġestjoni ta' investiment li jistgħu jesponuh għal titolizzazzjoni, l-investitur istituzzjonali ***li jiddelega*** jista' jagħti struzzjonijiet ***lill-investitur istituzzjonali delegat*** taħt dan l-Artikolu fir-rigward ta' kwalunkwe esponiment għal titolizzazzjoni li jirriżulta minn dawk id-deċiżjonijiet. ***Ir-responsabbiltà tal-investitur*** istituzzjonali ***li jiddelega taħt*** dan l-Artikolu ***ma għandhiex tkun affettwata mill-fatt li*** l-investitur istituzzjonali ***jkun iddelega l-funzjonijiet***.

paragrafi 1 sa 4 ta' dan l-Artikolu, fejn investitur istituzzjonali jkun ta lil investitur istituzzjonali ieħor l-awtorità li jieħu deċiżjonijiet ta' ġestjoni ta' investiment li jistgħu jesponuh għal titolizzazzjoni, l-investitur istituzzjonali jista' jagħti struzzjonijiet ***lil dik il-parti li qed tiġġestixxi*** biex twettaq l-obbligi tagħha taħt dan l-Artikolu fir-rigward ta' kwalunkwe skopertura għal titolizzazzjoni li tirriżulta minn dawk id-deċiżjonijiet. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fejn investitur*** istituzzjonali ***jkun ingħata struzzjoni skont*** dan ***il-paragrafu biex iwettaq l-obbligi ta' investitur istituzzjonali ieħor u jonqos milli jagħmel dan, kwalunkwe sanzjoni skont l-Artikoli 32 u 33 jew leġiżlazzjoni settorjali rilevanti għandha tiġi imposta fuq il-parti li qed tiġġestixxi u mhux fuq*** l-investitur istituzzjonali ***li huwa espost għat-titolizzazzjoni. Qabel ma jagħti struzzjonijiet lill-parti li qed tiġġestixxi biex tissodisfa l-obbligi tagħha skont dan l-Artikolu, l-investitur istituzzjonali għandu jiżgura li l-parti li qed tiġġestixxi jkollha esperjenza preċedenti fit-twettiq tal-obbligi tad-diliġenza dovuta f'isimha stess jew f'isem partijiet oħra***.

Or. en

Emenda 149
Fernando Navarrete Rojas, Regina Doherty, Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt e
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 5 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1 sa 4 ta' dan l-Artikolu, meta investitur istituzzjonali jkun ta lil investitur istituzzjonali ieħor l-awtorità li jieħu deċiżjonijiet ta' ġestjoni ta' investiment li	5. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1 sa 4 ta' dan l-Artikolu, fejn investitur istituzzjonali jkun ta lil investitur istituzzjonali ieħor l-awtorità li jieħu deċiżjonijiet ta' ġestjoni ta' investiment li

jistgħu jesponuh għal titolizzazzjoni, l-investitur istituzzjonali ***li jiddelega*** jista' jagħti struzzjonijiet ***lill-investitur istituzzjonali delegat*** biex twettaq l-obbligi tagħha taħt dan l-Artikolu fir-rigward ta' kwalunkwe esponiment għal titolizzazzjoni li jirriżulta minn dawk id-deċiżjonijiet. ***Ir-responsabbiltà tal-investitur*** istituzzjonali li jiddelega ***taħt dan l-Artikolu ma għandhiex tkun affettwata mill-fatt*** li ***l-investitur istituzzjonali jkun iddelega l-funzjonijiet.***	jistgħu jesponuh għal titolizzazzjoni, l-investitur istituzzjonali jista' jagħti struzzjonijiet ***lil dik il-parti li qed tiġġestixxi*** biex twettaq l-obbligi tagħha taħt dan l-Artikolu fir-rigward ta' kwalunkwe skopertura għal titolizzazzjoni li tirriżulta minn dawk id-deċiżjonijiet. ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li fejn investitur istituzzjonali jkun ingħata struzzjoni skont dan il-paragrafu biex iwettaq l-obbligi ta' investitur istituzzjonali ieħor u jonqos milli jagħmel dan, kwalunkwe sanzjoni skont l-Artikoli 32 u 33 tista' tiġi imposta fuq il-parti li qed tiġġestixxi u mhux fuq l-investitur istituzzjonali li huwa espost għal titolizzazzjoni. Qabel ma jagħti struzzjonijiet lill-parti li qed tiġġestixxi biex tissodisfa l-obbligi tagħha skont dan l-Artikolu, l-investitur*** istituzzjonali li jiddelega ***għandu jiżgura*** li ***l-parti li qed tiġġestixxi għandha esperjenza preċedenti fit-twettiq tal-obbligi tad-diliġenza dovuta f'isimha stess jew f'isem partijiet oħra***.
	Or. en

Emenda 150
Regina Doherty

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt e
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 5 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1 sa 4 ta' dan l-Artikolu, meta investitur istituzzjonali jkun ta lil investitur istituzzjonali ieħor l-awtorità li jieħu deċiżjonijiet ta' ġestjoni ta' investiment li jistgħu jesponuh għal titolizzazzjoni, l-investitur istituzzjonali ***li jiddelega*** jista' jagħti struzzjonijiet ***lill-investitur istituzzjonali delegat*** biex twettaq l-obbligi tagħha taħt dan l-Artikolu fir-rigward ta'	5. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1 sa 4 ta' dan l-Artikolu, fejn investitur istituzzjonali jkun ta lil investitur istituzzjonali ieħor l-awtorità li jieħu deċiżjonijiet ta' ġestjoni ta' investiment li jistgħu jesponuh għal titolizzazzjoni, l-investitur istituzzjonali jista' jagħti struzzjonijiet ***lil dik il-parti li qed tiġġestixxi*** biex twettaq l-obbligi tagħha taħt dan l-Artikolu fir-rigward ta'

kwalunkwe esponiment għal titolizzazzjoni li jirriżulta minn dawk id-deċiżjonijiet. ***Ir-responsabbiltà tal-investitur*** istituzzjonali ***li jiddelega*** taħt dan ***l-Artikolu ma għandhiex tkun affettwata mill-fatt li*** l-investitur istituzzjonali ***jkun iddelega l-funzjonijiet.***	kwalunkwe skopertura għal titolizzazzjoni li tirriżulta minn dawk id-deċiżjonijiet. ***Meta investitur*** istituzzjonali ***jkun ingħata struzzjoni*** taħt dan ***il-paragrafu biex iwettaq l-obbligi ta' investitur istituzzjonali ieħor u jonqos milli jagħmel dan, kwalunkwe sanzjoni skont l-Artikoli 32 u 33 tista' tiġi imposta fuq il-parti li qed tiġġestixxi u mhux fuq*** l-investitur istituzzjonali ***li huwa espost għal titolizzazzjoni.***
	Or. en

Emenda 151
Regina Doherty

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 3 – punt e
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 5 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1 sa 4 ta' dan l-Artikolu, meta investitur istituzzjonali jkun ta lil investitur istituzzjonali ieħor l-awtorità li jieħu deċiżjonijiet ta' ġestjoni ta' investiment li jistgħu jesponuh għal titolizzazzjoni, l-investitur istituzzjonali li jiddelega jista' jagħti struzzjonijiet lill-investitur istituzzjonali delegat taħt dan l-Artikolu fir-rigward ta' kwalunkwe esponiment għal titolizzazzjoni li jirriżulta minn dawk id-deċiżjonijiet. ***Ir-responsabbiltà tal-investitur*** istituzzjonali ***li jiddelega*** taħt dan ***l-Artikolu ma għandhiex tkun affettwata mill-fatt li*** l-investitur istituzzjonali ***jkun iddelega l-funzjonijiet.***	5. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 1 sa 4 ta' dan l-Artikolu, meta investitur istituzzjonali jkun ta lil investitur istituzzjonali ieħor l-awtorità li jieħu deċiżjonijiet ta' ġestjoni ta' investiment li jistgħu jesponuh għal titolizzazzjoni, l-investitur istituzzjonali li jiddelega jista' jagħti struzzjonijiet lill-investitur istituzzjonali delegat taħt dan l-Artikolu fir-rigward ta' kwalunkwe esponiment għal titolizzazzjoni li jirriżulta minn dawk id-deċiżjonijiet. ***Ir-responsabbiltà tal-investitur*** istituzzjonali ***li jiddelega*** taħt dan ***l-Artikolu ma għandhiex tkun affettwata mill-fatt li*** l-investitur istituzzjonali ***jkun iddelega l-funzjonijiet. Hija permessa delega kuntrattwali tar-responsabbiltà regolatorja primarja bejn il-prinċipali u d-delegati tagħhom.***
	Or. en

Emenda 152
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt -a (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 6 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-a) fil-paragrafu 1, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:
Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, entità ma titqiesx li hija oriġinatur meta l-entità tkun ġiet stabbilita jew topera bl-uniku skop li tittitolizza skoperturi.	Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, entità ma titqiesx li hija oriġinatur meta l-entità tkun ġiet stabbilita jew topera bl-uniku skop li tittitolizza skoperturi. ***Entità ma għandhiex titqies li hija stabbilita jew li qed topera għall-iskop uniku li tittitolizza skoperturi meta l-iskop tagħha jkun li tiġġenera dħul mill-iskoperturi li għandhom jiġu titolizzati u tidħol fit-tranżazzjoni ta' titolizzazzjoni biss biex tiffinanzja jew tiffinanzja mill-ġdid dawn l-iskoperturi.***

Or. en

Emenda 153
Regina Doherty

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt -a (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 6 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-a) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:
	4a. Ir-rekwiżiti msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jiġu ssodisfati abbażi tas-sitwazzjoni konsolidata tar-ritenitur, determinata f'konformità mar-regoli, l-istandards u l-prinċipji kontabilistiċi applikabbli għal dak il-grupp.

Or. en

Emenda 154
Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt a
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 6 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***fil-paragrafu*** 5, ***jiżdied il-punt (f):***	(a) ***jitħassar il-paragrafu*** 5***;***
(f) l-Unjoni.	

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02017R2402-20210409)

Emenda 155
Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt b
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 6 – paragrafu 5a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) jiddaħħal il-paragrafu 5a:	***imħassar***
"(5a) Il-paragrafu 1 ma għandux japplika meta s-segment tal-ewwel telf li jirrappreżenta ta' mill-inqas 15 % tal-valur nominali tal-iskoperturi titolizzati jkun miżmum jew iggarantit minn xi waħda mill-entitajiet elenkati taħt il-punti (a) sa (f) tal-paragrafu 5."	

Or. en

Emenda 156
Eero Heinäluoma, Nikos Papandreou, Jonás Fernández, René Repasi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt b
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 6 – paragrafu 5a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5a) Il-paragrafu 1 ma għandux japplika meta s-segment tal-ewwel telf li jirrappreżenta ta' mill-inqas 15 % tal-valur nominali tal-iskoperturi titolizzati jkun miżmum jew iggarantit minn xi waħda mill-entitajiet elenkati taħt il-punti (a) sa (f) tal-paragrafu 5.	***imħassar***

Or. en

Emenda 157
Marco Falcone, Fulvio Martusciello

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt b
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 6 – paragrafu 5a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5a) Il-paragrafu 1 ma għandux japplika meta s-segment tal-ewwel telf li jirrappreżenta ta' mill-inqas ***15 %*** tal-valur nominali tal-iskoperturi titolizzati jkun miżmum jew iggarantit minn xi waħda mill-entitajiet elenkati taħt il-punti (a) sa (f) tal-paragrafu 5.	5a. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika meta s-segment tal-ewwel telf li jirrappreżenta ta' mill-inqas ***8 %*** tal-valur nominali tal-iskoperturi titolizzati jkun miżmum jew iggarantit minn xi waħda mill-entitajiet elenkati taħt il-punti (a) sa (f) tal-paragrafu 5. *(Din l-emenda tapplika għat-test leġiżlattiv kollu li qed jiġi eżaminat. L-adozzjoni tagħha timponi adattamenti tekniċi fit-test kollu.)*

Or. en

Ġustifikazzjoni

Aħna nilqgħu r-rinunzja proposta mill-Kummissjoni għall-obbligu taż-żamma tar-riskju għall-oriġinatur u d-diliġenza dovuta għall-investitur, iżda l-kundizzjoni speċifika tidher eċċessiva u mhux applikabbli. Ma huwiex ċar jekk jitkejjilx mal-ħruġ jew meta jinxtara. Fi kwalunkwe każ, huwa diffiċli li tinġabar l-informazzjoni.

Emenda 158
Fernando Navarrete Rojas, Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt b
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 6 – paragrafu 5a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5a) Il-paragrafu 1 ma għandux japplika meta s-segment tal-ewwel telf li jirrappreżenta ta' mill-inqas 15 % tal-valur nominali tal-iskoperturi titolizzati ***jkun*** miżmum jew iggarantit minn xi waħda mill-entitajiet elenkati taħt il-punti (a) sa (f) tal-paragrafu 5.	5a. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika meta s-segment tal-ewwel telf li jirrappreżenta ta' mill-inqas 15 % tal-valur nominali tal-iskoperturi titolizzati***, għal titoli mhux STS u 10 % għal STS, ikun*** miżmum jew iggarantit minn xi waħda mill-entitajiet elenkati taħt il-punti (a) sa (f) tal-paragrafu 5.

Or. en

Emenda 159
Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt b
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 6 – paragrafu 5a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5a) Il-paragrafu 1 ma għandux japplika meta s-segment tal-ewwel telf li jirrappreżenta ***ta' mill-inqas*** 15 % tal-valur nominali tal-iskoperturi titolizzati ***jkun*** miżmum ***jew*** iggarantit minn ***xi waħda mill-entitajiet elenkati taħt il-punti*** (a) sa (f) tal-paragrafu 5.	5a. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika ***għal titolizzazzjonijiet*** meta s-segment tal-ewwel telf li jirrappreżenta ***mhux inqas minn*** 15 % tal-valur nominali tal-iskoperturi titolizzati***, ikun*** miżmum ***bis-sħiħ*** jew iggarantit ***bis-sħiħ*** minn ***entità msemmija fil-punti*** (a)***, (b) u (d) sa (f) tal-paragrafu 5 u jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:*** ***(a) il-kriterji ta' eliġibbiltà għall-iskoperturi titolizzati huma stabbiliti u approvati mill-entità msemmija fil-punti (a), (b) u (d) sa (f) tal-paragrafu 5 qabel il-ħolqien tal-pożizzjonijiet ta'***

titolizzazzjoni, u l-ebda parti oħra ma għandha d-diskrezzjoni li tbiddel jew twarrab tali kriterji;

(b) l-entità msemmija fil-punti (a), (b) u (d) sa (f) tal-paragrafu 5 teżerċita sorveljanza tal-iskoperturi titolizzati fid-dawl tal-kriterji ta' eliġibbiltà stabbiliti matul il-ħajja tat-titolizzazzjoni;

(c) it-titolizzazzjoni tinkludi biss żewġ segmenti, b'segment wieħed superjuri għall-pożizzjoni tal-ewwel telf;

(d) it-titolizzazzjoni ma tikkwalifikax bħala titolizzazzjoni NPE;

(e) l-entità msemmija fil-punti (a), (b) u (d) sa (f) tal-paragrafu 5 iżżomm jew tiggarantixxi s-segment tal-ewwel telf fuq bażi kontinwa u ma tistax tiħħeġġja jew inkella tittrasferixxi r-riskju ta' kreditu assoċjat ma' dak is-segment lil entità mhux imsemmija fil-punti (a), (b) u (d) sa (f) tal-paragrafu 5.***"***

Or. en

Emenda 160
Giovanni Crosetto, Mariateresa Vivaldini, Denis Nesci, Francesco Ventola, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt b
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 6 – paragrafu 5a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5a) Il-paragrafu 1 ma għandux japplika meta s-segment tal-ewwel telf li jirrappreżenta ta' mill-inqas ***15 %*** tal-valur nominali tal-iskoperturi titolizzati jkun miżmum jew iggarantit minn xi waħda mill-entitajiet elenkati taħt il-punti (a) sa (f) tal-paragrafu 5.	5a. Il-paragrafu 1 ma għandux japplika meta s-segment tal-ewwel telf li jirrappreżenta ta' mill-inqas ***8 %*** tal-valur nominali tal-iskoperturi titolizzati jkun miżmum jew iggarantit minn xi waħda mill-entitajiet elenkati taħt il-punti (a) sa (f) tal-paragrafu 5.

Or. en

Emenda 161
Auke Zijlstra

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt ba (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 6 – paragrafu 5 aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:
	5aa. Dan l-Artikolu ma għandux japplika għal titolizzazzjonijiet sintetiċi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:
	(a) it-titolizzazzjonijiet sintetiċi joriġinaw minn Istituzzjoni tal-Iżvilupp Bilaterali jew bank jew istituzzjoni promozzjonali nazzjonali kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (3), tar-Regolament (UE) 2015/1017;
	(b) is-segment tal-ewwel telf ikun garantit minn kwalunkwe waħda mill-entitajiet imsemmija fil-punti (a) sa (b) u (d) sa (f) tal-Artikolu 6(5) ta' dan ir-Regolament;
	(c) is-segment mhux garantit jinżamm kompletament mill-oriġinatur sal-maturità; u
	(d) il-garanti jkun stabbilixxa u approva l-kriterji ta' eliġibbiltà għall-iskoperturi sottostanti garantiti qabel il-ħolqien tal-iskoperturi, u l-ebda parti oħra ma jkollha d-diskrezzjoni li tbiddel jew twarrab tali kriterji;

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa proporzjonali li jkun hemm rinunzja għall-ewwel telf meta jkunu involuti biss entitajiet pubbliċi. Madankollu, huwa importanti li dan ma jwassalx għal konsegwenzi mhux intenzjonati, eż. riklassifikazzjoni awtomatika ta' programmi ffinanzjati mill-UE li bħalissa huma kklassifikati bħala titolizzazzjonijiet sintetiċi bħala garanziji finanzjarji normali.

Emenda 162
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt ba (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 6 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:
	6a. Meta segment tal-ewwel telf li jirrappreżenta mill-inqas 15 % tal-valur nominali tat-titolizzazzjoni jkun garantit jew miżmum mill-Unjoni, Stat Membru jew bank promozzjonali nazzjonali, jistgħu japplikaw aġġustamenti proporzjonati għar-rekwiżiti tad-diliġenza dovuta u tat-trasparenza. Tali arranġamenti ma għandhomx jeżentaw it-tranżazzjoni mir-rekwiżit taż-żamma tar-riskju stabbilit fil-paragrafu 1.

Or. en

Emenda 163
Eero Heinäluoma, Nikos Papandreou, Jonás Fernández, René Repasi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4 – punt ba (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 6 – paragrafu 7 – punt ga (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) fil-paragrafu 7, jiżdied il-punt li ġej:
	(ga) il-metodoloġija għall-valutazzjoni ta' jekk entità ġietx stabbilita jew toperax għall-iskop uniku li tititolizza l-iskoperturi"

Or. en

Emenda 164
Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 4b (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4b) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:
	Artikolu 6a
	Rekwiżiti ta' diliġenza dovuta għall-krediturі u s-servizzjanti dwar il-kondotta tan-negozju, il-ġbir tad-dejn u l-miżuri ta' tolleranza
	1. Qabel ma jibdew kwalunkwe attività ta' ġbir tad-dejn, is-servizzjanti għandhom jibagħtu lid-debitur notifika obbligatorja dwar id-dejn li tipprovdi evidenza ċara u mhux ambigwa tal-eżistenza tad-dejn, li jirriżulta minn ftehim ta' kreditu. Dik in-notifika għandha tinkludi mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:
	(a) evidenza ċara tad-dejn, ibbażata fuq il-ftehim ta' kreditu rilevanti;
	(b) l-identifikazzjoni tal-kreditur inklużi d-dettalji tal-kuntatt tiegħu;
	(c) meta jkun applikabbli, l-identifikazzjoni tas-servizzjant tal-kreditu u deskrizzjoni tad-drittijiet tiegħu;
	(d) il-bażi legali tad-dejn, informazzjoni diżaggregata dettaljata tal-ammonti mitluba u s-sors tagħhom, inklużi l-kapital, l-imgħax, il-penali u l-kostijiet proċedurali, meta jkun applikabbli;
	(e) deskrizzjoni konċiża tad-drittijiet ewlenin tad-debitur, inkluż, bħala minimu, protezzjoni minn fastidju u prattiki qarrieqa;
	(f) referenza ta' kuntatt fejn id-debitur jista' jikseb informazzjoni u pariri f'każijiet ta' diffikultajiet bil-ħlas.

2. Is-servizzjanti għandhom joqogħdu lura milli:

(a) ma jnaqqsux pagamenti preċedenti mill-ammonti mitluba;

(b) jibagħtu komunikazzjonijiet li huma stigmatizzanti, intimidanti jew qarrieqa, inkluż theddid legali mhux xieraq jew informazzjoni li tista' tqarraq lid-debitur;

(c) jikkuntattjaw persuni għajr id-debitur, inklużi qraba tad-debitur, ħlief fejn espliċitament permess mid-dritt tal-Unjoni jew nazzjonali.

3. Meta d-debitur ikun qed jesperjenza diffikultajiet bil-ħlas, il-krediturі u s-servizzjanti għandhom jeżerċitaw id-diliġenza dovuta u l-għalmu tagħhom biex japplikaw, kif xieraq, miżuri ta' tolleranza raġonevoli u vijabbli, flimkien mal-miżuri previsti fl-Artikolu 28 tad-Direttiva 2014/17/UE.

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, debitur li jesperjenza diffikultajiet bil-ħlas għandu jfisser debitur li kkonkluda ftehim ta' kreditu li ġie kklassifikat, jew x'aktarx li jiġi kklassifikat, bħala mhux produttiv f'konformità mad-dritt applikabbli tal-Unjoni.

4. Il-miżuri ta' tolleranza għandhom, bħala minimu, jinkludu l-għażliet li ġejjin, li għandhom jiġu kkomunikati lid-debituri f'formati standardizzati, abbażi ta' valutazzjoni tal-affordabbiltà:

(a) opzjonijiet dwar rifinanzjament parzjali tal-ftehim ta' kreditu;

(b) għażliet għall-modifika, għall-benefiċċju tad-debitur, tat-termini u l-kundizzjonijiet tal-ftehim ta' kreditu, inklużi, fost l-oħrajn:

(i) estensjoni tal-maturità tas-self;

(ii) bidla fit-tip ta' self;

(iii) differiment tal-ħlas ta' parti mill-pagamenti parzjali jew tagħhom kollha għal perjodu definit;

(iv) modifika tar-rata tal-imgħax, soġġetta għal limitu massimu, inklużi pawżi mill-pagamenti u perjodi ta' grazzja;

(v) ripagamenti parzjali u riakkwisti tad-dejn;

(vi) kambju tal-munita;

(vii) kanċellazzjoni parzjali u konsolidazzjoni tad-dejn.

5. Is-servizzjanti għandhom jippreżentaw lill-awtoritajiet kompetenti, fuq bażi annwali, rapport li jiġbor fil-qosor il-politiki u l-proċessi ta' tolleranza tagħhom, inklużi proċeduri biex jiġu identifikati, fi stadju bikri, debituri li jesperjenzaw diffikultajiet fil-ħlas. Dak ir-rapport għandu jinkludi, bħala minimu, l-għadd ta' debituri li bbenefikaw minn miżuri ta' tolleranza; u deskrizzjoni tal-miżuri ta' tolleranza applikati u dawk li wrew li kienu effettivi matul is-sena ta' qabel.

6. L-Awtorità Bankarja Ewropea għandha tiżviluppa abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw ir-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 2, 3 u 4.

L-EBA għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [12-il xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

Is-setgħa hija ddelegata lill-Kummissjoni biex tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija fl-ewwel subparagrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

Or. en

Emenda 165
Fernando Navarrete Rojas, Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt a
Regolament (UE) 2017/2402

Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***fil-paragrafu*** 1, ***ir-raba' subparagrafu*** huwa sostitwit b'dan li ġej:	(a) ***il-paragrafu*** 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
Fil-każ ta' ABCP jew ta' titolizzazzjoni ta' aggregazzjonijiet ta' esponimenti fuq terminu qasir granulari ħafna, l-informazzjoni deskritta fil-punti (a), (c)(ii) u (e)(i) tal-ewwel subparagrafu għandha tkun disponibbli f'forma aggregata għad-detenturi ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni u, fuq talba, għall-investituri potenzjali.;	***1. L-oriġinatur, l-isponsor u l-SSPE ta' titolizzazzjoni għandhom jagħmlu disponibbli għad-detenturi ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni, għall-awtoritajiet kompetenti u, fuq talba, għall-investituri potenzjali, l-informazzjoni materjalment rilevanti proporzjonata għar-riskju, mingħajr ma tkun soġġetta għal format ta' mudell speċifiku, ħlief kif previst fil-paragrafu 2 rigward ir-Repożitorji ta' Titolizzazzjoni:***
	(a) informazzjoni dwar l-iskoperturi sottostanti li tippermetti lill-investituri jivvalutaw ir-riskju ta' kreditu. Fil-każ ta' titolizzazzjoni pubblika, tali informazzjoni għandha tiġi pprovduta fuq bażi ta' self b'self. Fil-każ ta' titolizzazzjoni li ma hijiex pubblika, tali informazzjoni tista' tiġi pprovduta fuq bażi aggregata dment li tkun biżżejjed għall-valutazzjoni tar-riskju ta' kreditu f'konformità mal-obbligi tal-investituri skont l-Artikolu 5.
	(b) id-dokumentazzjoni sottostanti rilevanti kollha li hija essenzjali għall-fehim tat-tranżazzjoni inklużi, meta jkun applikabbli, dettalji dwar (A) l-istruttura tal-ftehim, (B) il-karatteristiċi tal-iskopertura, il-flussi tal-flus, inkluż il-kaskata tat-telf, it-titjib tal-kreditu u l-karatteristiċi tal-appoġġ tal-likwidità, (C) id-drittijiet tal-vot tal-investituri istituzzjonali u (D) kwalunkwe skattatur u avveniment li jista' jkollhom impatt materjali fuq il-prestazzjoni tal-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni;
	(c) fil-każ ta' titolizzazzjonijiet STS, in-notifika STS imsemmija fl-Artikolu 27;
	(d) rapporti tal-investituri li fihom (A) id-data materjalment rilevanti kollha dwar il-kwalità tal-kreditu u l-prestazzjoni tal-iskoperturi sottostanti, (B) informazzjoni

dwar avvenimenti li jiskattaw bidliet fil-prijorità tal-pagamenti jew is-sostituzzjoni ta' kwalunkwe kontroparti, u, fil-każ ta' titolizzazzjoni li ma hijiex tranżazzjoni ABCP, data dwar il-flussi tal-flus iġġenerati mill-iskoperturi sottostanti u mill-obbligazzjonijiet tat-titolizzazzjoni, u (C) il-kalkolu u l-modalità taż-żamma ta' interess ekonomiku nett materjali fit-tranżazzjoni mill-oriġinatur, l-isponsor jew il-mutwant oriġinali;

(e) kwalunkwe informazzjoni privileġġjata b'rabta mat-titolizzazzjoni li l-oriġinatur, l-isponsor jew l-SSPE hija obbligata tagħmel pubblika f'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar abbuż minn informazzjoni privileġġjata u manipulazzjoni tas-suq;

(f) kwalunkwe avveniment sinifikanti bħal (A) ksur materjali tal-obbligi previsti fid-dokumenti tat-tranżazzjoni, inkluż kwalunkwe rimedju, rinunzja jew kunsens ipprovdut sussegwentement fir-rigward ta' tali ksur; (B) bidla fil-karatteristiċi strutturali li tista' tħalli impatt materjali fuq il-prestazzjoni tat-titolizzazzjoni; (C) bidla fil-karatteristiċi tar-riskju tat-titolizzazzjoni jew tal-iskoperturi sottostanti li jista' jkollha impatt materjali fuq il-prestazzjoni tat-titolizzazzjoni; (D) fil-każ ta' titolizzazzjonijiet STS, meta t-titolizzazzjoni ma tibqax tissodisfa r-rekwiżiti STS jew meta l-awtoritajiet kompetenti jkunu ħadu azzjonijiet ta' rimedju jew amministrattivi; (E) kwalunkwe emenda materjali għad-dokumenti ta' tranżazzjoni.

Kemm għall-investimenti fis-suq primarju kif ukoll f'dak sekondarju, verżjoni aġġornata ta' kwalunkwe informazzjoni inkluża fil-punt (e) għandha tkun disponibbli għall-investituri mill-aktar fis possibbli wara kwalunkwe bidla materjali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda ssaħħaħ approċċ ibbażat fuq il-prinċipji għad-divulgazzjoni skont l-Artikolu 7 billi tillimita l-mudelli standardizzati obbligatorji għal skopijiet strettament superviżorji. L-espansjoni tal-mudelli preskrittivi żiedet il-kostijiet tal-konformità mingħajr trasparenza proporzjonata jew benefiċċji ta' protezzjoni tal-investituri. Il-limitazzjoni tal-mudelli għall-ħtiġijiet superviżorji tiżgura informazzjoni konsistenti għall-awtoritajiet, filwaqt li tippermetti divulgazzjoni proporzjonata, flessibbli u speċifika għat-tranżazzjonijiet għall-investituri, u b'hekk tnaqqas il-piżijiet amministrattivi mingħajr ma ddgħajjef is-sorveljanza superviżorja.

Emenda 166
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt - a
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-a) ***fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, il-parti introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:***
1. L-oriġinatur, l-isponsor u l-SSPE ta' titolizzazzjoni għandu, f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, jagħmlu disponibbli tal-inqas l-informazzjoni li ġejja għad-detenturi ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni, għall-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 29 u, fuq talba, għal investituri potenzjali:	***1. Jekk ikunu stabbiliti fl-Unjoni Ewropea,*** l-oriġinatur, l-isponsor u l-SSPE ta' titolizzazzjoni għandu, f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu, jagħmlu disponibbli tal-inqas l-informazzjoni li ġejja għad-detenturi ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni, għall-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 29 u, fuq talba, għal investituri potenzjali:

Or. en

Emenda 167
Christophe Gomart

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt -a (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test fis-seħħ	*Emenda*

	(-a) fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, il-parti introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:
L-oriġinatur, l-isponsor u l-SSPE ta' titolizzazzjoni ***għandu***, ***f'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu***, jagħmlu disponibbli tal-inqas l-informazzjoni li ġejja għad-detenturi ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni, għall-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 29 u, fuq talba, għal investituri potenzjali:	***F'konformità mal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu,*** l-oriġinatur, l-isponsor u l-SSPE ta' titolizzazzjoni***, jekk ikunu stabbiliti fl-UE***, ***għandhom*** jagħmlu disponibbli tal-inqas l-informazzjoni li ġejja għad-detenturi ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni, għall-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 29 u, fuq talba, għal investituri potenzjali:

Or. en

Emenda 168
Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt -a (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c – punt iia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-a) fil-paragrafu 1, il-punt c, jiddaħħal il-punt li ġej:
	"(iia) dettalji dwar il-karatteristiċi tal-iskoperturi sottostanti, inkluża informazzjoni dwar l-allinjament tal-attivitajiet ekonomiċi sottostanti ffinanzjati minn dawk l-iskoperturi mar-Regolament (UE) 2020/852, u d-divulgazzjonijiet relatati mas-sostenibbiltà applikabbli ***skont ir-Regolament (UE) 2019/2088."***

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02017R2402-20210409)

Emenda 169
Giovanni Crosetto, Mariateresa Vivaldini, Denis Nesci, Francesco Ventola, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt a
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fil-każ ta' ABCP jew ta' titolizzazzjoni ta' aggregazzjonijiet ***ta' esponimenti fuq terminu qasir*** granulari ħafna, l-informazzjoni deskritta fil-punti (a), (c)(ii) u (e)(i) tal-ewwel subparagrafu għandha tkun disponibbli f'forma aggregata għad-detenturi ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni u, fuq talba, għall-investituri potenzjali.;	Fil-każ ta' ABCP jew ta' titolizzazzjoni ta' aggregazzjonijiet granulari ħafna, l-informazzjoni deskritta fil-punti (a), (c)(ii) u (e)(i) tal-ewwel subparagrafu għandha tkun disponibbli f'forma aggregata għad-detenturi ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni u, fuq talba, għall-investituri potenzjali. ***Għall-finijiet ta' dan is-subparagrafu, aggregazzjonijiet granulari ħafna ta' skoperturi tfisser aggregazzjoni ta' skoperturi fejn is-somma tal-ħames l-akbar skoperturi singoli, netta minn kwalunkwe protezzjoni ta' kreditu eliġibbli f'konformità mal-Kapitolu 4, tirrappreżenta inqas minn 5 % tal-aggregazzjoni totali;***

Or. en

Emenda 170
Marco Falcone, Fulvio Martusciello

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt a
Emenda għar-Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fil-każ ta' ABCP jew ta' titolizzazzjoni ta' aggregazzjonijiet ***ta' esponimenti fuq terminu qasir*** granulari ħafna, l-informazzjoni deskritta fil-punti (a), (c)(ii) u (e)(i) tal-ewwel subparagrafu għandha tkun disponibbli f'forma aggregata għad-detenturi ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni u, fuq talba, għall-investituri potenzjali.;	Fil-każ ta' ABCP jew ta' titolizzazzjoni ta' aggregazzjonijiet granulari ħafna, l-informazzjoni deskritta fil-punti (a), (c)(ii) u (e)(i) tal-ewwel subparagrafu għandha tkun disponibbli f'forma aggregata għad-detenturi ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni u, fuq talba, għall-investituri potenzjali. ***Għall-finijiet ta' dan is-subparagrafu, aggregazzjonijiet granulari ħafna ta' skoperturi tfisser aggregazzjoni ta'***

skoperturi fejn is-somma tal-ħames l-akbar skoperturi singoli, netta minn kwalunkwe protezzjoni ta' kreditu eliġibbli f'konformità mal-Kapitolu 4, tirrappreżenta inqas minn 5 % tal-aggregazzjoni totali.;

(Din l-emenda tapplika għat-test leġiżlattiv kollu li qed jiġi eżaminat. L-adozzjoni tagħha timponi adattamenti tekniċi fit-test kollu.)

Or. en

(Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt a)

Ġustifikazzjoni

Fin-nuqqas ta' definizzjoni, it-terminu "aggregazzjoni granulari ħafna" ma huwiex definit, jew, fi kwalunkwe każ, jista' jkun soġġett għal interpretazzjonijiet estremament konservattivi li ma jkunux applikabbli għal riċevibbli tan-negozju, minħabba t-tip ta' informazzjoni meħtieġa.

Emenda 171
Regina Doherty

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt a
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Fil-każ ta' ABCP jew ta' titolizzazzjoni ta' aggregazzjonijiet ***ta' esponimenti fuq terminu qasir*** granulari ħafna, l-informazzjoni deskritta fil-punti (a), (c)(ii) u (e)(i) tal-ewwel subparagrafu għandha tkun disponibbli f'forma aggregata għad-detenturi ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni u, fuq talba, għall-investituri potenzjali.;	Fil-każ ta' ABCP jew ta' titolizzazzjoni ta' aggregazzjonijiet granulari ħafna, l-informazzjoni deskritta fil-punti (a), (c)(ii) u (e)(i) tal-ewwel subparagrafu għandha tkun disponibbli f'forma aggregata għad-detenturi ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni u, fuq talba, għall-investituri potenzjali.;

Or. en

Emenda 172
Fernando Navarrete Rojas, Regina Doherty, Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt b
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***fil-paragrafu*** 2***, it-tielet subparagrafu*** huwa sostitwit b'dan li ġej:	(b) ***il-paragrafu*** 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:
	Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, għall-finijiet esklużivi ta' superviżjoni u monitoraġġ tar-riskju sistemiku, l-oriġinatur, l-isponsor u l-SSPE ta' titolizzazzjoni għandhom jinnominaw bejniethom entità waħda biex tissodisfa l-informazzjoni msemmija fil-punti (a) u (d) fir-Repożitorji tat-Titolizzazzjoni bl-użu tal-mudelli simplifikati.
It-titolizzazzjonijiet privati għandhom ikunu soġġetti għal qafas ta' rapportar distint li jirrikonoxxi l-karatteristiċi uniċi tagħhom, li jvarjaw minn titolizzazzjoni pubblika, f'mudell ta' rapportar dedikat u simplifikat. Dak il-mudell ta' rapportar dedikat u simplifikat għandu jiżgura li l-informazzjoni essenzjali rilevanti għall-awtoritajiet ***kompetenti*** nazzjonali tiġi rrapportata b'mod adegwat, mingħajr ma tiġi imposta l-firxa sħiħa tal-obbligi ta' rapportar applikabbli għat-titolizzazzjonijiet pubbliċi. It-titolizzazzjonijiet privati għandhom jissodisfaw l-obbligi tagħhom taħt dan is-subparagrafu minn [data stabbilita f'dan l-Artikolu, il-paragrafi 3 u 4, ir-raba' subparagrafi.].	It-titolizzazzjonijiet privati għandhom ikunu soġġetti għal qafas ta' rapportar distint li jirrikonoxxi l-karatteristiċi uniċi tagħhom, li jvarjaw minn titolizzazzjoni pubblika, f'mudell ta' rapportar dedikat u simplifikat. Dak il-mudell ta' rapportar dedikat u simplifikat għandu ***jkun esklużivament għall-finijiet ta' superviżjoni.*** Għandu jiżgura li l-informazzjoni essenzjali rilevanti għall-awtoritajiet nazzjonali ***kompetenti*** tiġi rrapportata b'mod adegwat, mingħajr ma tiġi imposta l-firxa sħiħa tal-obbligi ta' rapportar applikabbli għat-titolizzazzjonijiet pubbliċi. It-titolizzazzjonijiet privati għandhom jissodisfaw l-obbligi tagħhom taħt dan is-subparagrafu minn [data stabbilita f'dan l-Artikolu, il-paragrafi 3 u 4, ir-raba' subparagrafi.].
	Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1, għall-finijiet tas-superviżjoni u l-monitoraġġ tar-riskju sistemiku, l-oriġinatur, l-isponsor u l-SSPE ta' titolizzazzjoni għandhom jinnominaw entità waħda, li tista' tkun waħda minnhom jew parti terza, biex tissodisfa r-rekwiżiti ta'

informazzjoni msemmija fil-punti (a) u (d) tal-paragrafu 1 billi tittrażmettiha lir-Repożitorji ta' Titolizzazzjoni bl-użu ta':

(a) fil-każ ta' titolizzazzjoni pubblika, il-mudelli stabbiliti mill-Istandards Tekniċi Regolatorji (RTS) imsemmija fil-paragrafu 3;

(b) fil-każ ta' titolizzazzjoni li ma hijiex pubblika, il-mudelli simplifikati stabbiliti speċifikament għal tranżazzjonijiet bħal dawn mill-Istandards Tekniċi Regolatorji (RTS) imsemmija fil-paragrafu 3.

It-titolizzazzjonijiet intragrupp għandhom ikunu eżentati mill-obbligu li tiġi trażmessa informazzjoni lil Repożitorju ta' Titolizzazzjoni fejn jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(a) l-oriġinatur, l-isponsor u l-SSPE huma parti mill-istess grupp u huma inklużi fl-istess superviżjoni fuq bażi konsolidata;

(b) il-kontropartijiet ikunu soġġetti għal proċeduri ċentralizzati xierqa ta' evalwazzjoni, kejl u kontroll tar-riskji;

(c) it-tranżazzjoni ma tiġix konkluża bejn istituzzjoni ta' kreditu u impriża tal-assigurazzjoni jew impriża tar-riassigurazzjoni; u

(d) l-entità maħtura f'konformità mal-paragrafu 2 tkun innotifikat lill-awtorità kompetenti tagħha bl-intenzjoni li tapplika din l-eżenzjoni.

L-eżenzjoni għandha tieqaf tapplika fejn pożizzjoni ta' titolizzazzjoni tiġi trasferita lil entità li ma hijiex parti mill-grupp. F'każ bħal dan, l-entità maħtura għandha tikkonforma ma' dan il-paragrafu mid-data tat-trasferiment.

Meta titolizzazzjoni tkun eżentata mill-obbligu li tittrażmetti informazzjoni lil Repożitorju ta' Titolizzazzjoni skont ir-raba' subparagrafu (eżenzjoni intragrupp), l-entità maħtura għandha: (a) tinnotifika lill-awtorità kompetenti dwar l-eżistenza tat-tranżazzjoni mingħajr

dewmien żejjed wara l-oriġinazzjoni tagħha, billi tipprovdi dettalji bażiċi inkluż l-identifikatur uniku, l-ammont nozzjonali u d-data tal-maturità; u (b) tipprovdi lill-awtorità kompetenti, fuq talba tagħha, l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 fil-ħin. L-awtorità kompetenti tista' titlob tali informazzjoni biex tissorvelja l-konformità ma' dan ir-Regolament jew biex tivvaluta r-riskji għall-istabbiltà finanzjarja. Għall-finijiet ta' dan il-punt, l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta f'format li jiżgura l-leġġibbiltà u l-proċessabbiltà tagħha.

Or. en

Emenda 173
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt b
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
It-titolizzazzjonijiet privati għandhom ikunu soġġetti għal qafas ta' rapportar distint li jirrikonoxxi l-karatteristiċi uniċi tagħhom, li jvarjaw minn titolizzazzjoni pubblika, f'mudell ta' rapportar dedikat u simplifikat. Dak il-mudell ta' rapportar dedikat u simplifikat għandu jiżgura li l-informazzjoni essenzjali rilevanti għall-awtoritajiet ***kompetenti*** nazzjonali tiġi rrapportata b'mod adegwat, mingħajr ma tiġi imposta l-firxa sħiħa tal-obbligi ta' rapportar applikabbli għat-titolizzazzjonijiet pubbliċi. It-titolizzazzjonijiet privati għandhom jissodisfaw l-obbligi tagħhom taħt dan is-subparagrafu minn [data stabbilita f'dan l-Artikolu, il-paragrafi 3 u 4, ir-raba' subparagrafi.].	It-titolizzazzjonijiet privati għandhom ikunu soġġetti għal qafas ta' rapportar distint ***u mnaqqas*** li jirrikonoxxi l-karatteristiċi uniċi tagħhom, li jvarjaw minn titolizzazzjoni pubblika, f'mudell ta' rapportar dedikat u simplifikat. Dak il-mudell ta' rapportar dedikat u simplifikat għandu jiżgura li l-informazzjoni essenzjali rilevanti għall-awtoritajiet nazzjonali ***kompetenti***tiġi rrapportata b'mod adegwat, ***filwaqt li tirrispetta r-rekwiżiti stretti ta' kunfidenzjalità,*** mingħajr ma tiġi imposta l-firxa sħiħa tal-obbligi ta' rapportar applikabbli għat-titolizzazzjonijiet pubbliċi. It-titolizzazzjonijiet privati għandhom jissodisfaw l-obbligi tagħhom taħt dan is-subparagrafu minn [data stabbilita f'dan l-Artikolu, il-paragrafi 3 u 4, ir-raba' subparagrafi.].

Or. en

Emenda 174
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt b
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
It-titolizzazzjonijiet privati għandhom ikunu soġġetti għal qafas ta' ***rapportar*** distint li jirrikonoxxi l-karatteristiċi uniċi tagħhom, li jvarjaw minn titolizzazzjoni pubblika, f'mudell ***ta' rapportar*** dedikat u simplifikat. Dak il-mudell ta' ***rapportar*** dedikat u simplifikat għandu jiżgura li l-informazzjoni essenzjali rilevanti għall-awtoritajiet ***kompetenti*** nazzjonali tiġi ***rrapportata*** b'mod adegwat, mingħajr ma tiġi imposta l-firxa sħiħa tal-obbligi ta' ***rapportar*** applikabbli għat-titolizzazzjonijiet pubbliċi. It-titolizzazzjonijiet privati għandhom jissodisfaw l-obbligi tagħhom taħt dan is-subparagrafu minn [data stabbilita f'dan l-Artikolu, il-paragrafi 3 u 4, ir-raba' subparagrafi.].	It-titolizzazzjonijiet privati għandhom ikunu soġġetti għal qafas ta' ***trasparenza*** distint li jirrikonoxxi l-karatteristiċi uniċi tagħhom, li jvarjaw minn titolizzazzjoni pubblika, f'mudell ta' ***trasparenza*** dedikat u simplifikat. Dak il-mudell ta' ***trasparenza*** dedikat u simplifikat għandu jiżgura li l-informazzjoni essenzjali rilevanti għall-awtoritajiet nazzjonali ***kompetenti ssir disponibbli*** b'mod adegwat, mingħajr ma tiġi imposta l-firxa sħiħa tal-obbligi ta' ***trasparenza*** applikabbli għat-titolizzazzjonijiet pubbliċi. It-titolizzazzjonijiet privati għandhom jissodisfaw l-obbligi tagħhom taħt dan is-subparagrafu minn [data stabbilita f'dan l-Artikolu, il-paragrafi 3 u 4, ir-raba' subparagrafi.].

Or. en

Emenda 175
Eero Heinäluoma, Nikos Papandreou, Jonás Fernández, René Repasi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt b
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 7 – paragrafu 2 – subparagrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
It-titolizzazzjonijiet privati għandhom ikunu soġġetti għal qafas ta' rapportar	**"**It-titolizzazzjonijiet privati għandhom ikunu soġġetti għal qafas ta' rapportar

distint li jirrikonoxxi l-karatteristiċi uniċi tagħhom, li jvarjaw minn titolizzazzjoni pubblika, f'mudell ta' rapportar dedikat u simplifikat. Dak il-mudell ta' rapportar dedikat u simplifikat għandu jiżgura li l-informazzjoni essenzjali rilevanti għall-awtoritajiet kompetenti ***nazzjonali*** tiġi rrapportata b'mod adegwat, mingħajr ma tiġi imposta l-firxa sħiħa tal-obbligi ta' rapportar applikabbli għat-titolizzazzjonijiet pubbliċi. It-titolizzazzjonijiet privati għandhom jissodisfaw l-obbligi tagħhom taħt dan is-subparagrafu minn [data stabbilita f'dan l-Artikolu, il-paragrafi 3 u 4, ir-raba' subparagrafi.***]***.	distint li jirrikonoxxi l-karatteristiċi uniċi tagħhom, li jvarjaw minn titolizzazzjoni pubblika, f'mudell ta' rapportar dedikat u simplifikat. Dak il-mudell ta' rapportar dedikat u simplifikat għandu jiżgura li l-informazzjoni essenzjali rilevanti għall-awtoritajiet kompetenti tiġi rrapportata b'mod adegwat, mingħajr ma tiġi imposta l-firxa sħiħa tal-obbligi ta' rapportar applikabbli għat-titolizzazzjonijiet pubbliċi. It-titolizzazzjonijiet privati għandhom jissodisfaw l-obbligi tagħhom taħt dan is-subparagrafu minn [data stabbilita f'dan l-Artikolu, il-paragrafi 3 u 4, ir-raba' subparagrafi.

Or. en

Emenda 176
Giovanni Crosetto, Mariateresa Vivaldini, Denis Nesci, Francesco Ventola, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt c
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-ASE għandhom jiżviluppaw, permezz tal-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, taħt it-tmexxija tal-EBA u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-ESMA u mal-EIOPA, abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010 u (UE) Nru 1095/2010 biex jispeċifikaw l-informazzjoni li l-oriġinatur, l-isponsor u l-SSPE għandhom jipprovdu biex jikkonformaw mal-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, il-punti (a) u (e), u l-paragrafu 2 filwaqt li jqisu:	***imħassar***
(a) l-utilità tal-informazzjoni għad-detentur tal-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni u	

għas-superviżuri;

(b) jekk it-titolizzazzjoni hijiex pubblika jew privata;

(c) jekk il-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni hijiex ta' natura b'terminu qasir;

(d) fil-każ ta' tranżazzjoni ABCP, jekk dik it-tranżazzjoni hijiex appoġġata bis-sħiħ minn sponsor.

L-ASE, permezz tal-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, taħt it-tmexxija tal-EBA u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-ESMA u mal-EIOPA, għandhom jissottomettu dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [6 xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija f'dan il-paragrafu f'konformità mal-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010 u (UE) Nru 1095/2010.

L-istandards tekniċi regolatorji għandhom jidħlu fis-seħħ [12-il xahar] wara l-adozzjoni mill-Kummissjoni.

Mill-inqas kull 3 snin mid-data tal-adozzjoni tagħhom mill-Kummissjoni, l-ASE, permezz tal-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, għandhom jivvalutaw l-istandards tekniċi regolatorji biex jiddeterminaw ir-rilevanza u l-preċiżjoni kontinwa tagħhom, biex jiżguraw li jibqgħu effettivi, aġġornati, allinjati mal-prattiki u mal-ħtiġijiet tas-suq. L-ASE, permezz tal-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bir-riżultati tal-valutazzjoni.

Or. en

Emenda 177

Fernando Navarrete Rojas, Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt c
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-ASE għandhom jiżviluppaw, permezz tal-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, taħt it-tmexxija tal-EBA u f'kooperazzjoni mill-qrib ***mal-ESMA*** u mal-EIOPA, abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010 u (UE) Nru 1095/2010 biex jispeċifikaw l-informazzjoni li l-oriġinatur, l-isponsor u l-SSPE għandhom jipprovdu biex jikkonformaw mal-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, il-punti (a) u (e), u l-paragrafu 2 filwaqt li jqisu:	***L-ESMA***, f'kooperazzjoni mill-qrib ***mal-EBA*** u mal-EIOPA, ***għandha tiżviluppa*** abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010 u (UE) Nru 1095/2010 biex jispeċifikaw l-informazzjoni li l-oriġinatur, l-isponsor u l-SSPE għandhom jipprovdu biex jikkonformaw mal-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, il-punti (a) u (e), u l-paragrafu 2 filwaqt li jqisu:

Or. en

Emenda 178
Eero Heinäluoma, Nikos Papandreou, Jonás Fernández, René Repasi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt c
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) l-utilità tal-informazzjoni għad-detentur tal-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni u għas-superviżuri;	(a) l-utilità ***u l-komparabbiltà*** tal-informazzjoni għad-detentur tal-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni u għas-superviżuri;

Or. en

Emenda 179
Eero Heinäluoma, Nikos Papandreou, Jonás Fernández, René Repasi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt c
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) ir-rekwiżiti tad-data skont atti legali oħra tal-Unjoni li huma rilevanti għall-monitoraġġ tat-tibdil fil-klima u r-riskji ambjentali, inklużi dawk relatati mar-riskji fiżiċi u ta' tranżizzjoni.

Or. en

Emenda 180
Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt c
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) ir-rekwiżiti tad-data skont atti legali oħra tal-Unjoni li huma rilevanti għall-monitoraġġ tat-tibdil fil-klima u r-riskji ambjentali.

Or. en

Emenda 181
Giovanni Crosetto, Mariateresa Vivaldini, Denis Nesci, Francesco Ventola, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt c
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-ASE, permezz tal-Kumitat Konġunt tal-	L-ASE, permezz tal-Kumitat Konġunt tal-

Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, taħt it-tmexxija tal-EBA u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-ESMA u mal-EIOPA, għandhom jissottomettu dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni ***sa [6 xhur*** wara d-data ***tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju]***.	Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, taħt it-tmexxija tal-EBA u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-ESMA u mal-EIOPA, għandhom jissottomettu dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni ***fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħhom f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Wara dan għandu japplika perjodu tranżitorju ta' 12-il xahar, li matulu l-oriġinatur, l-isponsor, u l-SSPE jistgħu jippreżentaw jew l-informazzjoni meħtieġa skont l-istandards tekniċi regolatorji li jkunu għadhom kif ġew adottati jew, inkella, l-informazzjoni li qabel kienet meħtieġa skont il-qafas ta' divulgazzjoni preeżistenti. Barra minn hekk, l-entità responsabbli għar-rapportar tal-informazzjoni fir-rigward ta' titolizzazzjoni, fejn inħarġu titoli jew inħolqu pożizzjonijiet fit-12-il xahar*** wara d-data ***tal-adozzjoni mill-Kummissjoni jew qabel, tista' tagħżel li tkompli tikkonforma mal-istandards tekniċi regolatorji applikabbli f'dak iż-żmien jew tagħżel li tapplika l-istandards tekniċi regolatorji li jkunu għadhom kif ġew adottati***.
	Or. en

Emenda 182
Fernando Navarrete Rojas, Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt c
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-ASE, permezz tal-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, taħt it-tmexxija tal-EBA u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-ESMA u mal-EIOPA, għandhom jissottomettu dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [6 xhur wara d-data tad-	***L-ESMA għandha tissottometti*** dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa [6 xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].

Or. en

Emenda 183
Fernando Navarrete Rojas, Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt c
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 7 – paragrafu 3 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-istandards tekniċi regolatorji għandhom jidħlu fis-seħħ [12-il xahar] wara l-adozzjoni mill-Kummissjoni.	L-istandards tekniċi regolatorji għandhom jidħlu fis-seħħ [12-il xahar] wara l-adozzjoni mill-Kummissjoni. ***L-entità responsabbli għar-rapportar tal-informazzjoni fir-rigward ta' titolizzazzjonijiet li t-titoli tagħhom jinħarġu (jew li l-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni tagħhom jinħolqu) fi jew qabel [id-data li taqa' 12-il xahar wara l-adozzjoni mill-Kummissjoni tal-RTS] tista' tkompli tikkonforma mal-istandards tekniċi regolatorji fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni ta' dan ir-Regolament emendatorju jew tista' tagħżel li tikkonforma mal-istandards tekniċi regolatorji l-ġodda.***

Or. en

Emenda 184
Giovanni Crosetto, Mariateresa Vivaldini, Denis Nesci, Francesco Ventola, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt d
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 7 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi ta' applikazzjoni għall-informazzjoni li għandha tiġi speċifikata f'konformità mal-paragrafu 3, l-ASE, permezz tal-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, taħt it-tmexxija tal-EBA u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-ESMA u mal-EIOPA, għandhom jiżviluppaw abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 15 tar-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010 u (UE) Nru 1095/2010 li jispeċifikaw il-format tagħhom permezz ta' mudelli standardizzati.	***imħassar***

Or. en

Emenda 185
Regina Doherty

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt d
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 7 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi ta' applikazzjoni għall-informazzjoni li għandha tiġi speċifikata f'konformità mal-paragrafu 3, l-ASE, permezz tal-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, taħt it-tmexxija tal-EBA u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-ESMA u mal-EIOPA, għandhom jiżviluppaw abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 15 tar-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010 u (UE) Nru 1095/2010 li jispeċifikaw il-format tagħhom permezz ta' mudelli standardizzati.	Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi ta' applikazzjoni għall-informazzjoni li għandha tiġi speċifikata f'konformità mal-paragrafu 3, l-ASE, permezz tal-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, taħt it-tmexxija tal-EBA u f'kooperazzjoni mill-qrib mal-ESMA u mal-EIOPA, għandhom jiżviluppaw abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 15 tar-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010 u (UE) Nru 1095/2010 li jispeċifikaw il-format tagħhom permezz ta' mudelli standardizzati***, sakemm il-partijiet kollha ta' titolizzazzjoni, flimkien mal-ASE, ma jaqblux li jużaw format ta' divulgazzjoni ta' kwalità għolja alternattiv.***

Or. en

Emenda 186
Fernando Navarrete Rojas, Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt d
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 7 – paragrafu 4 – subparagrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi ta' applikazzjoni għall-informazzjoni li għandha tiġi speċifikata f'konformità mal-paragrafu 3, ***l-ASE, permezz tal-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, taħt it-tmexxija tal-EBA u*** f'kooperazzjoni mill-qrib ***mal-ESMA*** u mal-EIOPA, għandhom jiżviluppaw abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 15 tar-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010 u (UE) Nru 1095/2010 li jispeċifikaw il-format tagħhom permezz ta' mudelli standardizzati.	Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi ta' applikazzjoni għall-informazzjoni li għandha tiġi speċifikata f'konformità mal-paragrafu 3, ***l-ESMA***, f'kooperazzjoni mill-qrib ***mal-EBA*** u mal-EIOPA, għandhom jiżviluppaw abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 15 tar-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010, (UE) Nru 1094/2010 u (UE) Nru 1095/2010 li jispeċifikaw il-format tagħhom permezz ta' mudelli standardizzati.

Or. en

Emenda 187
Giovanni Crosetto, Mariateresa Vivaldini, Denis Nesci, Francesco Ventola, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt d
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 7 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-ASE, permezz tal-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, għandhom jissottomettu dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-	L-ASE, permezz tal-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, għandhom jissottomettu dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-

Kummissjoni ***sa [6 xhur*** wara d-data ***tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju]***.	Kummissjoni ***fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħhom f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Wara dan għandu japplika perjodu tranżitorju ta' 12-il xahar, li matulu l-oriġinatur, l-isponsor, u l-SSPE jistgħu jippreżentaw jew l-informazzjoni meħtieġa skont l-istandards tekniċi regolatorji li jkunu għadhom kif ġew adottati jew, inkella, l-informazzjoni li qabel kienet meħtieġa skont il-qafas ta' divulgazzjoni preeżistenti. Barra minn hekk, l-entità responsabbli għar-rapportar tal-informazzjoni fir-rigward ta' titolizzazzjoni, fejn inħarġu titoli jew inħolqu pożizzjonijiet fit-12-il xahar*** wara d-data ***tal-adozzjoni mill-Kummissjoni jew qabel, tista' tagħżel li tkompli tikkonforma mal-istandards tekniċi regolatorji applikabbli f'dak iż-żmien jew tagħżel li tapplika l-istandards tekniċi regolatorji li jkunu għadhom kif ġew adottati***.
	Or. en

Emenda 188
Fernando Navarrete Rojas, Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt d
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 7 – paragrafu 4 – subparagrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
L-ASE, permezz tal-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, għandhom jissottomettu dawk l-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sa [6 xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].	***L-ESMA għandha tissottometti*** dawn l-abbozzi ta' standards tekniċi ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni sa [6 xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju].
	Or. en

Emenda 189
Fernando Navarrete Rojas, Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt d
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 7 – paragrafu 4 – subparagrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Mill-inqas kull 3 snin mid-data tal-adozzjoni tagħhom mill-Kummissjoni, ***l-ASE, permezz tal-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej***, għandhom jivvalutaw l-istandards tekniċi regolatorji ta' implimentazzjoni biex jiddeterminaw ir-rilevanza u l-preċiżjoni kontinwa tagħhom, biex jiżguraw li jibqgħu effettivi, aġġornati, allinjati mal-prattiki u l-ħtiġijiet tas-suq. ***L-ASE, permezz tal-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, għandhom jinfurmaw*** lill-Kummissjoni bir-riżultati ta' dik il-valutazzjoni.;	Mill-inqas kull 3 snin mid-data tal-adozzjoni tagħhom mill-Kummissjoni, ***l-ESMA, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-EBA u mal-EIOPA***, għandhom jivvalutaw l-istandards tekniċi regolatorji ta' implimentazzjoni biex jiddeterminaw ir-rilevanza u l-preċiżjoni kontinwa tagħhom, biex jiżguraw li jibqgħu effettivi, aġġornati, allinjati mal-prattiki u l-ħtiġijiet tas-suq. ***L-ESMA għandha tinforma*** lill-Kummissjoni bir-riżultati ta' dik il-valutazzjoni.

Or. en

Emenda 190
Auke Zijlstra

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 5 – punt da (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 7 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) jiżdied il-paragrafu li ġej:
	4a. Dan l-Artikolu ma japplikax għal titolizzazzjonijiet sintetiċi li jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:
	(a) it-titolizzazzjonijiet sintetiċi jkunu oriġinati minn Istituzzjoni tal-Iżvilupp Bilaterali jew bank jew istituzzjoni promozzjonali nazzjonali kif definit fl-Artikolu 2, il-punt (3), tar-Regolament

(UE) 2015/1017;

(b) is-segment tal-ewwel telf ikun garantit minn kwalunkwe waħda mill-entitajiet imsemmija fil-punti (a) sa (b) u (d) sa (f) tal-Artikolu 6(5) ta' dan ir-Regolament;

(c) is-segment mhux garantit jinżamm kompletament mill-oriġinatur sal-maturità; u

(d) il-garanti jkun stabbilixxa u approva l-kriterji ta' eliġibbiltà għall-iskoperturi sottostanti garantiti qabel il-ħolqien tal-iskoperturi, u l-ebda parti oħra ma jkollha d-diskrezzjoni li tbiddel jew tegħleb tali kriterji.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa proporzjonali li jkun hemm rinunzja għall-ewwel telf meta jkunu involuti biss entitajiet pubbliċi. Madankollu, huwa importanti li dan ma jwassalx għal konsegwenzi mhux intenzjonati, eż. riklassifikazzjoni awtomatika ta' programmi ffinanzjati mill-UE li bħalissa huma kklassifikati bħala titolizzazzjonijiet sintetiċi bħala garanziji finanzjarji normali.

Emenda 191
Fernando Navarrete Rojas, Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 6 – punt b
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 10 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Sabiex ikun eliġibbli biex jiġi rreġistrat skont dan l-Artikolu, repożitorju tat-titolizzazzjoni għandu jkun persuna ġuridika stabbilita fl-Unjoni, japplika proċeduri biex jivverifika l-kompletezza u l-konsistenza tal-informazzjoni magħmula disponibbli lilu skont l-Artikolu ***7(1)*** ta' dan ir-Regolament, u jissodisfa r-rekwiżiti previsti fl-Artikoli 78 u 79 u fl-Artikolu 80(1), (2), (3), (5) u (6) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, ir-referenzi	2. Sabiex ikun eliġibbli biex jiġi rreġistrat skont dan l-Artikolu, repożitorju tat-titolizzazzjoni għandu jkun persuna ġuridika stabbilita fl-Unjoni, japplika proċeduri biex jivverifika l-kompletezza u l-konsistenza tal-informazzjoni magħmula disponibbli lilu skont l-Artikolu ***7(2)*** ta' dan ir-Regolament, u jissodisfa r-rekwiżiti previsti fl-Artikoli 78 u 79 u fl-Artikolu 80(1), (2), (3), (5) u (6) tar-Regolament (UE) Nru 648/2012. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, ir-referenzi

għall-Artikoli 78 u 80 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 u għall-Artikolu 9 tiegħu għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għall-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament.

għall-Artikoli 78 u 80 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 u għall-Artikolu 9 tiegħu għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għall-Artikolu 7 ta' dan ir-Regolament.

Or. en

Emenda 192
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7 – punt a
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 17 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7(2), repożitorju tat-titolizzazzjoni msemmi fl-Artikolu 10 għandu jiġbor u jżomm id-dettalji tat-titolizzazzjoni. Huwa għandu jipprovdi aċċess dirett u immedjat u mingħajr ħlas lill-entitajiet kollha li ġejjin biex ikunu jistgħu jwettqu r-responsabbiltajiet, il-mandati u l-obbligi rispettivi tagħhom:	1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7(2), repożitorju tat-titolizzazzjoni msemmi fl-Artikolu 10 għandu jiġbor u jżomm id-dettalji tat-titolizzazzjoni. ***Ma għandu jiddivulga l-ebda informazzjoni lil kwalunkwe persuna fir-rigward ta' titolizzazzjonijiet privati ħlief kif meħtieġ minn dan l-Artikolu 17.*** Huwa għandu jipprovdi aċċess dirett u immedjat u mingħajr ħlas lill-entitajiet kollha li ġejjin biex ikunu jistgħu jwettqu r-responsabbiltajiet, il-mandati u l-obbligi rispettivi tagħhom:

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jiżgura li t-titolizzazzjonijiet privati jibqgħu privati u għalhekk jiġu divulgati biss lill-awtoritajiet.

Emenda 193
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 7a (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 18 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) fl-Artikolu 18, jiżdied il-paragrafu li ġej:
	L-iskoperturi sottostanti għandhom ikunu omoġenji f'termini tat-tip ta' assi u għandhom jikkondividu mill-inqas karatteristika waħda komuni u rilevanti tar-riskju. L-iskoperturi għandhom joriġinaw f'konformità ma' standards ta' sottoskrizzjoni simili u jiġu servizzjati taħt proċeduri komparabbli.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tikkonferma l-prinċipji tal-RTS mingħajr ma tbaxxi l-istandards.

Emenda 194
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8 – punt -a (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 20 – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
1.It-titolu tal-iskoperturi sottostanti għandu jiġi akkwistat ***mill-SSPE*** permezz ta' bejgħ veru jew assenjament jew trasferiment bl-istess effett legali b'mod li jkun eżegwibbli kontra l-bejjiegħ jew kwalunkwe parti terza oħra. It-trasferiment tat-titolu ***lill-SSPE*** ma għandux ikun soġġett għal dispożizzjonijiet ta' rkupru severi fil-każ ta' insolvenza tal-bejjiegħ.	***"***1. It-titolu tal-iskoperturi sottostanti għandu jiġi akkwistat ***mix-xerrej tal-iskoperturi sottostanti*** permezz ta' bejgħ veru jew assenjament jew trasferiment bl-istess effett legali b'mod li jkun eżegwibbli kontra l-bejjiegħ jew kwalunkwe parti terza oħra. It-trasferiment tat-titolu ***lix-xerrej tal-iskoperturi sottostanti*** ma għandux ikun soġġett għal dispożizzjonijiet ta' rkupru severi fil-każ ta' insolvenza tal-bejjiegħ."

Or. en

Emenda 195
Giovanni Crosetto, Mariateresa Vivaldini, Denis Nesci, Francesco Ventola, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8 – punt -a (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 20 – paragrafu 7

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-a) il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:
L-iskoperturi sottostanti trasferiti jew assenjati mill-bejjiegħ lill-SSPE għandhom jissodisfaw kriterji ta' eliġibbiltà predeterminati, ċari u dokumentati ***li ma jippermettux immaniġġar tal-portafoll attiv ta' dawk l-iskoperturi fuq bażi diskrezzjonali. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, is-sostituzzjoni tal-iskoperturi li jiksru r-rappreżentazzjonijiet u l-garanziji ma għandhiex titqies bħala immaniġġar tal-portafoll attiv.*** L-iskoperturi trasferiti lill-SSPE wara l-għeluq tat-tranżazzjoni għandhom jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà applikati għall-iskoperturi sottostanti inizjali.	"L-iskoperturi sottostanti trasferiti jew assenjati mill-bejjiegħ lill-SSPE għandhom jissodisfaw kriterji ta' eliġibbiltà predeterminati, ċari u dokumentati. L-iskoperturi trasferiti lill-SSPE wara l-għeluq tat-tranżazzjoni għandhom jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà applikati għall-iskoperturi sottostanti inizjali."

Or. en

(Ir-Regolament (UE) 2017/2402)

Emenda 196
Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8 – punt -a (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 20 – paragrafu 8 – subparagrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-a) fil-paragrafu 8, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:
8. It-titolizzazzjoni għandha tkun appoġġata minn aggregazzjoni ta'	***"8. F'konformità mal-Artikoli 25a u 25b ta' dan ir-Regolament,*** it-titolizzazzjoni

skoperturi sottostanti li jkunu omoġenji f'termini tat-tip ta' assi, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi relatati mal-flussi tal-flus tat-tip ta' assi inklużi l-karatteristiċi kuntrattwali, tar-riskju ta' kreditu u ta' prepagament tagħhom. Aggregazzjoni ta' skoperturi sottostanti għandha tikkonsisti biss minn tip wieħed ta' assi. L-iskoperturi sottostanti għandu jkollhom obbligi li huma vinkolanti u infurzabbli kuntrattwalment, b'rikors sħiħ għad-debituri u, fejn applikabbli, għall-garanti. L-iskoperturi sottostanti għandhom ikollhom flussi ta' pagament perjodiċi definiti, li l-ħlasijiet parzjali tagħhom jistgħu jvarjaw fl-ammonti tagħhom, relatati mal-kiri, il-kapital jew il-pagamenti tal-imgħax, jew ma' kwalunkwe dritt ieħor li jirċievu introjtu mill-assi li jappoġġaw dawn il-pagamenti. L-iskoperturi sottostanti jistgħu jiġġeneraw ukoll rikavati mill-bejgħ ta' kwalunkwe assi finanzjati jew mikrija. L-iskoperturi sottostanti ma għandhomx jinkludu titoli trasferibbli, kif iddefinit fil-punt (44) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/65/UE ħlief bonds maħruġa minn impriżi, li ma jkunux elenkati f'ċentru tan-negozjar.

għandha tkun appoġġata minn aggregazzjoni ta' skoperturi sottostanti li jkunu omoġenji f'termini tat-tip ta' assi, filwaqt li jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi relatati mal-flussi tal-flus tat-tip ta' assi inklużi l-karatteristiċi kuntrattwali, tar-riskju ta' kreditu u ta' prepagament tagħhom. Aggregazzjoni ta' skoperturi sottostanti għandha tikkonsisti biss minn tip wieħed ta' assi. L-iskoperturi sottostanti għandu jkollhom obbligi li huma vinkolanti u infurzabbli kuntrattwalment, b'rikors sħiħ għad-debituri u, fejn applikabbli, għall-garanti. L-iskoperturi sottostanti għandhom ikollhom flussi ta' pagament perjodiċi definiti, li l-ħlasijiet parzjali tagħhom jistgħu jvarjaw fl-ammonti tagħhom, relatati mal-kiri, il-kapital jew il-pagamenti tal-imgħax, jew ma' kwalunkwe dritt ieħor li jirċievu introjtu mill-assi li jappoġġaw dawn il-pagamenti. L-iskoperturi sottostanti jistgħu jiġġeneraw ukoll rikavati mill-bejgħ ta' kwalunkwe assi finanzjati jew mikrija. L-iskoperturi sottostanti ma għandhomx jinkludu titoli trasferibbli, kif iddefinit fil-punt (44) tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2014/65/UE ħlief bonds maħruġa minn impriżi, li ma jkunux elenkati f'ċentru tan-negozjar."

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02017R2402-20210409)

Emenda 197
Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8 – punt a
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 20 – paragrafu 8 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) fil-paragrafu 8, jiżdied is-subparagrafu li ġej:	***imħassar***

"Aggregazzjoni ta' skoperturi sottostanti għandha titqies li tikkonforma mal-ewwel subparagrafu meta mill-inqas 70 % tal-iskoperturi fl-aggregazzjoni fl-oriġinazzjoni tkun tikkonsisti minn skoperturi għall-SMEs.;"

Or. en

Emenda 198
Giovanni Crosetto, Mariateresa Vivaldini, Denis Nesci, Francesco Ventola, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8 – punt a
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 20 – paragrafu 8 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
"Aggregazzjoni ta' skoperturi sottostanti għandha titqies li tikkonforma mal-ewwel subparagrafu meta mill-inqas ***70 %*** tal-iskoperturi fl-aggregazzjoni ***fl-oriġinazzjoni tkun tikkonsisti minn*** skoperturi ***għall-SMEs***.;	Aggregazzjoni ta' skoperturi sottostanti għandha titqies li tikkonforma mal-ewwel subparagrafu meta mill-inqas ***70 %*** tal-iskoperturi fl-aggregazzjoni ***jikkorrispondu għall-istess tip ta' assi u juru karatteristiċi ta' riskju simili.*** ***Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, l-iskoperturi għandhom jitqiesu li juru karatteristiċi ta' riskju simili meta jkunu oriġinaw f'konformità ma' standards uniformi ta' sottoskrizzjoni, ikunu soġġetti għal proċeduri konsistenti ta' servizzjar, u jaqsmu karatteristiċi kuntrattwali komparabbli, irrispettivament mill-Istat Membru li fih jinsabu d-debituri jew l-iskoperturi sottostanti.*** ***L-inklużjoni ta'*** skoperturi ***minn aktar minn Stat Membru wieħed ma għandhiex, fiha nnifisha, titqies li timmina l-omoġeneità tal-aggregazzjoni, dment li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-paragrafu***. ***L-iskoperturi li jifdal fl-aggregazzjoni ma għandhomx jaffettwaw materjalment il-profil tar-riskju ġenerali tat-***

titolizzazzjoni;

Or. en

Emenda 199
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8 – punt a
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 20 – paragrafu 8 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Aggregazzjoni ta' skoperturi sottostanti għandha titqies li tikkonforma mal-ewwel subparagrafu meta mill-inqas 70 % tal-iskoperturi fl-aggregazzjoni fl-oriġinazzjoni tkun tikkonsisti minn skoperturi għall-SMEs**.**;	***Mingħajr preġudizzju għall-ewwel sentenza tal-ewwel subparagrafu,*** aggregazzjoni ta' skoperturi sottostanti għandha titqies li tikkonforma mal-ewwel ***sentenza tal-ewwel*** subparagrafu meta ***jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:*** ***(a)*** mill-inqas 70 % tal-iskoperturi fl-aggregazzjoni fl-oriġinazzjoni tkun tikkonsisti minn skoperturi għall-SMEs; ***(b) l-iskoperturi kollha fl-aggregazzjoni jkunu għal debituri stabbiliti fl-Istati Membri;*** ***(c) l-iskoperturi kollha fl-aggregazzjoni jkunu sottoskritti f'konformità mal-istandards li japplikaw approċċi simili għall-valutazzjoni tar-riskju ta' kreditu assoċjat; u*** ***(d) l-iskoperturi kollha fl-aggregazzjoni jkunu servizzjati f'konformità ma' proċeduri simili għall-monitoraġġ, il-ġbir u l-amministrazzjoni ta' riċevibbli fi flus kontanti."***

Or. en

Emenda 200
Johan Van Overtveldt

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8 – punt a
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 20 – paragrafu 8 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Aggregazzjoni ta' skoperturi sottostanti għandha titqies li tikkonforma mal-ewwel subparagrafu meta mill-inqas 70 % tal-iskoperturi fl-aggregazzjoni fl-oriġinazzjoni tkun tikkonsisti minn skoperturi għall-SMEs**.**;	***Mingħajr preġudizzju għall-ewwel sentenza tal-ewwel subparagrafu,*** aggregazzjoni ta' skoperturi sottostanti għandha titqies li tikkonforma mal-ewwel ***sentenza tal-ewwel*** subparagrafu meta ***jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:*** ***(a)*** mill-inqas 70 % tal-iskoperturi fl-aggregazzjoni fl-oriġinazzjoni tkun tikkonsisti minn skoperturi għall-SMEs; ***(b) l-iskoperturi kollha fl-aggregazzjoni jkunu għal debituri stabbiliti fl-Istati Membri;*** ***(c) l-iskoperturi kollha fl-aggregazzjoni jkunu sottoskritti f'konformità mal-istandards li japplikaw approċċi simili għall-valutazzjoni tar-riskju ta' kreditu assoċjat; u*** ***(d) l-iskoperturi kollha fl-aggregazzjoni jkunu servizzjati f'konformità ma' proċeduri simili għall-monitoraġġ, il-ġbir u l-amministrazzjoni ta' riċevibbli fi flus kontanti.***

Or. en

Emenda 201
Eero Heinäluoma, Nikos Papandreou, Jonás Fernández, René Repasi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8 – punt a
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 20 – paragrafu 8 – subparagrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Aggregazzjoni ta' skoperturi sottostanti għandha titqies li tikkonforma mal-ewwel subparagrafu meta mill-inqas ***70 %*** tal-iskoperturi fl-aggregazzjoni fl-	Aggregazzjoni ta' skoperturi sottostanti għandha titqies li tikkonforma mal-ewwel subparagrafu meta mill-inqas ***80 %*** tal-iskoperturi fl-aggregazzjoni fl-

oriġinazzjoni tkun tikkonsisti minn skoperturi għall-SMEs**.;**	oriġinazzjoni tkun tikkonsisti minn skoperturi għall-SMEs ***u l-kumplament tal-iskoperturi fl-aggregazzjoni jkunu għal tipi oħrajn ta' intrapriżi jew korporazzjonijiet***.

Or. en

Emenda 202
Fernando Navarrete Rojas, Regina Doherty, Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8 – punt aa (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 20 – paragrafu 8 – subparagrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) fil-paragrafu 8, jiżdied is-subparagrafu li ġej:
	Ma għandhiex tkun meħtieġa uniformità stretta fl-istandards ta' sottoskrizzjoni, fil-proċeduri ta' servizzjar jew fid-disinn speċifiku tal-prodott, dment li l-profil ġenerali tar-riskju tal-iskoperturi jibqa' konsistenti u komparabbli.

Or. en

Emenda 203
Fernando Navarrete Rojas, Regina Doherty, Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8 – punt aa (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 20 – paragrafu 10 – subparagrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(aa) fil-paragrafu 10, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:
L-iskoperturi sottostanti għandhom joriġinaw ***fil-perkors normali tan-negozju tal-oriġinatur jew tal-mutwant oriġinali***	L-iskoperturi sottostanti għandhom joriġinaw ***f'konformità ma' kriterji sodi u prudenti għall-għoti ta' kreditu u mill-***

skont standards ta' sottoskrizzjoni li mhumiex inqas stretti minn dawk li l-oriġinatur jew il-mutwant oriġinali jkun applika fil-mument tal-oriġinazzjoni għal skoperturi simili li mhumiex titolizzati. ***L-istandards ta' sottoskrizzjoni li huma oriġinati konformement magħhom l-iskoperturi sottostanti u kwalunkwe bidla materjali minn standards ta' sottoskrizzjoni preċedenti għandhom jiġu divulgati b'mod sħiħ mingħajr dewmien bla bżonn*** lill-investituri ***potenzjali.***	***inqas rigoruż i daqs dawk applikati*** fil-mument tal-oriġinazzjoni għal skoperturi simili li mhumiex titolizzati. ***L-oriġinatur għandu japplika l-istess proċessi stabbiliti b'mod ċar għall-approvazzjoni u, meta jkun rilevanti, l-emendar, it-tiġdid u r-rifinanzjament ta' krediti. Meta l-oriġinatur ikun aġġusta l-kriterji tiegħu għall-għoti ta' kreditu maż-żmien, jew meta l-aggregazzjoni tinkludi skoperturi minn entitajiet akkwistati, ma hijiex meħtieġa identità stretta tal-kriterji, dment li l-oriġinatur jivverifika li l-iskoperturi ngħataw abbażi ta'*** standards ***mhux inqas stretti minn dawk applikati għal skoperturi simili fiż-żmien tal-oriġinazzjoni, u li l-approċċ ta' sottoskrizzjoni jiġi divulgat bis-sħiħ*** lill-investituri***.***

Or. en

Emenda 204
Giovanni Crosetto, Mariateresa Vivaldini, Denis Nesci, Francesco Ventola, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8 – punt ba (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 20 – paragrafu 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8b) jitħassar il-paragrafu 13.

Or. en

(Ir-Regolament (UE) 2017/2402, Artikolu 20(13))

Emenda 205
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 8 – punt ba (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2402

Artikolu 20 – paragrafu 14 – subparagrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) fil-paragrafu 14, jiżdied is-subparagrafu li ġej:
	L-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw kriterji ta' omoġeneità għandhom jiżguraw armonizzazzjoni suffiċjenti tal-karatteristiċi tar-riskju filwaqt li jippermettu applikazzjoni proporzjonali fil-klassijiet tal-assi.

Or. en

Emenda 206
Marco Falcone, Fulvio Martusciello

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt -a (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 22 – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
1. L-oriġinatur u l-isponsor għandhom jagħmlu disponibbli data dwar prestazzjoni statika u dinamika fil-passat fir-rigward ta' inadempjenzi u telf, bħad-data dwar id-delinkwenza u l-inadempjenza, għal skoperturi sostanzjalment simili għal dawk li qed jiġu titolizzati, u s-sorsi ta' dik id-data u l-bażi għad-dikjarazzjoni ta' similarità, lil investituri potenzjali qabel l-ipprezzar. Dik id-data għandha tkopri perjodu ta' mill-anqas ***ħames snin***.	"1. L-oriġinatur u l-isponsor għandhom jagħmlu disponibbli data dwar prestazzjoni statika u dinamika fil-passat fir-rigward ta' inadempjenzi u telf, bħad-data dwar id-delinkwenza u l-inadempjenza, għal skoperturi sostanzjalment simili għal dawk li qed jiġu titolizzati, u s-sorsi ta' dik id-data u l-bażi għad-dikjarazzjoni ta' similarità, lil investituri potenzjali qabel l-ipprezzar. Dik id-data għandha tkopri perjodu ta' mill-anqas ***sentejn***."

Or. en

Ġustifikazzjoni

Under to Articles 22(1), 24(14), 26d (1) of the SECR, the originator and the sponsor shall make available data on static and dynamic historical default and loss performance, such as delinquency and default data, for substantially similar exposures to those being securitised,

and the sources of those data and the basis for claiming similarity, to potential investors before pricing. In many cases, additional historical data beyond two or three years may not be relevant or reliable for assessing the actual risk characteristics of the securitised exposures. Reducing the minimum historical look-back period from five years to two years would strike a more proportionate balance between investors' need for relevant risk performance data and the feasibility for originators and sponsors to comply in a timely and cost-efficient manner, without compromising transparency or prudential soundness. This adjustment also aligns with the Commission's broader aim to remove disproportionate barriers and costs that constrain issuance volumes and market depth, especially for new originators and SME-focused transactions.

Emenda 207
Giovanni Crosetto, Mariateresa Vivaldini, Denis Nesci, Francesco Ventola, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt -a (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 22 – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
L-oriġinatur u l-isponsor għandhom jagħmlu disponibbli data dwar prestazzjoni statika u dinamika fil-passat fir-rigward ta' inadempjenzi u telf, bħad-data dwar id-delinkwenza u l-inadempjenza, għal skoperturi sostanzjalment simili għal dawk li qed jiġu titolizzati, u s-sorsi ta' dik id-data u l-bażi għad-dikjarazzjoni ta' similarità, lil investituri potenzjali qabel l-ipprezzar. Dik id-data għandha tkopri perjodu ta' mill-anqas ***ħames snin***.	"L-oriġinatur u l-isponsor għandhom jagħmlu disponibbli data dwar prestazzjoni statika u dinamika fil-passat fir-rigward ta' inadempjenzi u telf, bħad-data dwar id-delinkwenza u l-inadempjenza, għal skoperturi sostanzjalment simili għal dawk li qed jiġu titolizzati, u s-sorsi ta' dik id-data u l-bażi għad-dikjarazzjoni ta' similarità, lil investituri potenzjali qabel l-ipprezzar. Dik id-data għandha tkopri perjodu ta' mill-anqas ***sentejn***."

Or. en

Emenda 208
Fernando Navarrete Rojas, Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt -a (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 22 – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
1. L-oriġinatur u l-isponsor għandhom jagħmlu disponibbli data dwar prestazzjoni statika u dinamika fil-passat fir-rigward ta' inadempjenzi u telf, bħad-data dwar id-delinkwenza u l-inadempjenza, għal skoperturi sostanzjalment simili għal dawk li qed jiġu titolizzati, ***u s-sorsi ta' dik id-data u l-bażi għad-dikjarazzjoni ta' similarità, lil investituri potenzjali qabel l-ipprezzar. Dik id-data għandha tkopri perjodu ta' mill-anqas*** ħames snin.	1. L-oriġinatur u l-isponsor għandhom jagħmlu disponibbli data dwar prestazzjoni statika u dinamika fil-passat fir-rigward ta' inadempjenzi u telf, bħad-data dwar id-delinkwenza u l-inadempjenza, għal skoperturi sostanzjalment simili għal dawk li qed jiġu titolizzati***, li tkopri perjodu suffiċjenti biex tipprovdi bażi statistikament affidabbli għall-valutazzjoni tar-riskju. Tali perjodu ma għandux ikun ta' inqas minn*** ħames snin. ***Madankollu, jista' jiġi aċċettat perjodu iqsar meta jkun ġustifikat dment li d-data disponibbli tkun robusta u tippermetti lill-investituri istituzzjonali jwettqu analiżi prudenti ta' test tal-istress.***

Or. en

Emenda 209
Fernando Navarrete Rojas, Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt -ab (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 22 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-ab) fil-paragrafu 2, jiżdied is-subparagrafu li ġej:
	Fil-każ ta' titolizzazzjoni meta l-informazzjoni tiġi divulgata fuq bażi aggregata f'konformità mal-Artikolu 7(1), il-verifika esterna għandha tiffoka fuq il-preċiżjoni tal-proċess ta' aggregazzjoni u l-konsistenza tad-data aggregata mar-rekords interni sottostanti tal-oriġinatur.

Or. en

Emenda 210
Fernando Navarrete Rojas, Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 9 – punt b
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 22 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. ***L-oriġinatur u l-isponsor għandhom ikunu responsabbli għall-konformità mal-Artikolu 7.*** Fil-każ ta' titolizzazzjoni pubblika, l-informazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 7(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), għandha tkun disponibbli qabel l-ipprezzar għall-investituri potenzjali fuq talba. ***Fil-każ ta' titolizzazzjoni pubblika,*** l-informazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 7(1), l-ewwel subparagrafu, il-punti (b) sa (d), għandha tkun disponibbli qabel l-ipprezzar mill-inqas f'forma ta' abbozz jew inizjali. ***Id-dokumentazzjoni finali*** għandha tkun disponibbli għall-investituri ***mhux iktar tard minn 15-il jum wara l-għeluq tat-tranżazzjoni.;***	5. Fil-każ ta' titolizzazzjoni pubblika, l-informazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 7(1), l-ewwel subparagrafu, il-punt (a), għandha tkun disponibbli qabel l-ipprezzar għall-investituri potenzjali fuq talba. L-informazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 7(1), l-ewwel subparagrafu, il-punti (b) sa (d), għandha tkun disponibbli qabel l-ipprezzar mill-inqas f'forma ta' abbozz jew inizjali. ***Fil-każ ta' titolizzazzjoni li ma hijiex pubblika, l-informazzjoni meħtieġa mill-Artikolu 7(1)*** għandha tkun disponibbli għall-investituri ***qabel l-ipprezzar f'format miftiehem bejn il-partijiet***.

Or. en

Emenda 211
Marco Falcone, Fulvio Martusciello

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10 – punt aa (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 24 – paragrafu 14

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(aa) il-paragrafu 14 huwa sostitwit b'dan li ġej:
14. L-oriġinatur u l-isponsor għandhom jagħmlu disponibbli data dwar prestazzjoni statika u dinamika fil-passat fir-rigward ta'	***"***14. L-oriġinatur u l-isponsor għandhom jagħmlu disponibbli data dwar prestazzjoni statika u dinamika fil-passat fir-rigward ta'

inadempjenzi u telf, bħad-data dwar id-delinkwenza u l-inadempjenza, għal skoperturi sostanzjalment simili għal dawk li qed jiġu titolizzati, u s-sorsi ta' dik id-data u l-bażi għad-dikjarazzjoni ta' similarità, lil investituri potenzjali qabel l-ipprezzar. Fejn l-isponsor ma jkollux aċċess għal tali data, huwa għandu jikseb mingħand il-bejjiegħ l-aċċess għad-data, fuq bażi statika jew dinamika, dwar il-prestazzjoni storika, bħad-data dwar id-delinkwenza jew l-inadempjenza, għal skoperturi sostanzjalment simili għal dawk li jkunu qed jiġu titolizzati. Tali data għandha tkopri ***perijodu*** ta' mhux anqas minn ***ħames snin, ħlief għal data rigward riċevibbli tan-negozju u riċevibbli oħrajn fuq żmien qasir li għalihom il-perijodu storiku ma għandux ikun iqsar minn tliet snin***.	inadempjenzi u telf, bħad-data dwar id-delinkwenza u l-inadempjenza, għal skoperturi sostanzjalment simili għal dawk li qed jiġu titolizzati, u s-sorsi ta' dik id-data u l-bażi għad-dikjarazzjoni ta' similarità, lil investituri potenzjali qabel l-ipprezzar. Fejn l-isponsor ma jkollux aċċess għal tali data, huwa għandu jikseb mingħand il-bejjiegħ l-aċċess għad-data, fuq bażi statika jew dinamika, dwar il-prestazzjoni storika, bħad-data dwar id-delinkwenza jew l-inadempjenza, għal skoperturi sostanzjalment simili għal dawk li jkunu qed jiġu titolizzati. Dik id-data għandha tkopri ***perjodu*** ta' mhux anqas minn ***sentejn***.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Under to Articles 22(1), 24(14), 26d (1) of the SECR, the originator and the sponsor shall make available data on static and dynamic historical default and loss performance, such as delinquency and default data, for substantially similar exposures to those being securitised, and the sources11of those data and the basis for claiming similarity, to potential investors before pricing. In many cases, additional historical data beyond two or three years may not be relevant or reliable for assessing the actual risk characteristics of the securitised exposures. Reducing the minimum historical look-back period from five years to two years (included for data relating to trade receivables and other short-term receivables) would strike a more proportionate balance between investors' need for relevant risk performance data and the feasibility for originators and sponsors to comply in a timely and cost-efficient manner, without compromising transparency or prudential soundness. This adjustment also aligns with the Commission's broader aim to remove disproportionate barriers and costs that constrain issuance volumes and market depth, especially for new originators and SME-focused transactions.

Emenda 212
Giovanni Crosetto, Mariateresa Vivaldini, Denis Nesci, Francesco Ventola, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10 – punt aa (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2402

Artikolu 24 – paragrafu 14

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(aa) il-paragrafu 14 huwa sostitwit b'dan li ġej:
14. L-oriġinatur u l-isponsor għandhom jagħmlu disponibbli data dwar prestazzjoni statika u dinamika fil-passat fir-rigward ta' inadempjenzi u telf, bħad-data dwar id-delinkwenza u l-inadempjenza, għal skoperturi sostanzjalment simili għal dawk li qed jiġu titolizzati, u s-sorsi ta' dik id-data u l-bażi għad-dikjarazzjoni ta' similarità, lil investituri potenzjali qabel l-ipprezzar. Fejn l-isponsor ma jkollux aċċess għal tali data, huwa għandu jikseb mingħand il-bejjiegħ l-aċċess għad-data, fuq bażi statika jew dinamika, dwar il-prestazzjoni storika, bħad-data dwar id-delinkwenza jew l-inadempjenza, għal skoperturi sostanzjalment simili għal dawk li jkunu qed jiġu titolizzati. Tali data għandha tkopri ***perijodu*** ta' mhux anqas minn ħames snin, ħlief għal data rigward riċevibbli tan-negozju u riċevibbli oħrajn fuq żmien qasir li għalihom ***il-perijodu*** storiku ma għandux ikun iqsar minn ***tliet snin***.	"14. L-oriġinatur u l-isponsor għandhom jagħmlu disponibbli data dwar prestazzjoni statika u dinamika fil-passat fir-rigward ta' inadempjenzi u telf, bħad-data dwar id-delinkwenza u l-inadempjenza, għal skoperturi sostanzjalment simili għal dawk li qed jiġu titolizzati, u s-sorsi ta' dik id-data u l-bażi għad-dikjarazzjoni ta' similarità, lil investituri potenzjali qabel l-ipprezzar. Fejn l-isponsor ma jkollux aċċess għal tali data, huwa għandu jikseb mingħand il-bejjiegħ l-aċċess għad-data, fuq bażi statika jew dinamika, dwar il-prestazzjoni storika, bħad-data dwar id-delinkwenza jew l-inadempjenza, għal skoperturi sostanzjalment simili għal dawk li jkunu qed jiġu titolizzati. Tali data għandha tkopri ***perjodu*** ta' mhux anqas minn ħames snin, ħlief għal data rigward riċevibbli tan-negozju u riċevibbli oħrajn fuq żmien qasir li għalihom ***il-perjodu*** storiku ma għandux ikun iqsar minn ***sentejn***."

Or. en

(Ir-Regolament (UE) 2017/2402)

Emenda 213
Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10 – punt aa (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 24 – paragrafu 15 – subparagrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(ba) fil-paragrafu 15, l-ewwel

	subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:
Tranżazzjonijiet ABCP għandhom ikunu appoġġjati minn aggregazzjoni ta' skoperturi sottostanti li huma omoġenji f'termini tat-tip ta' assi, b'kont meħud tal-karatteristiċi relatati mal-flussi ta' flus tat-tipi ta' assi differenti inkluż il-karatteristiċi kuntrattwali, tar-riskju ta' kreditu u ta' prepagament tagħhom. Aggregazzjoni ta' skoperturi sottostanti għandha tikkonsisti biss minn tip wieħed ta' assi.	"***F'konformità mal-Artikoli 25a u 25b ta' dan ir-Regolament,*** it-tranżazzjonijiet ABCP għandhom ikunu appoġġjati minn aggregazzjoni ta' skoperturi sottostanti li huma omoġenji f'termini tat-tip ta' assi, b'kont meħud tal-karatteristiċi relatati mal-flussi ta' flus tat-tipi ta' assi differenti inkluż il-karatteristiċi kuntrattwali, tar-riskju ta' kreditu u ta' prepagament tagħhom. Aggregazzjoni ta' skoperturi sottostanti għandha tikkonsisti biss minn tip wieħed ta' assi."

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02017R2402-20210409)

Emenda 214
Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10 – punt b
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 24 – paragrafu 15 – subparagrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) fil-paragrafu 15, jiddaħħal is-subparagrafu li ġej:	***imħassar***
"Aggregazzjoni ta' skoperturi sottostanti għandha titqies li tikkonforma mal-ewwel subparagrafu meta mill-inqas 70 % tal-iskoperturi fl-aggregazzjoni fl-oriġinazzjoni tkun tikkonsisti minn skoperturi għall-SMEs.;"	

Or. en

Emenda 215
Eero Heinäluoma, Nikos Papandreou, Jonás Fernández, René Repasi

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10 – punt b
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 24 – paragrafu 15 – subparagrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Aggregazzjoni ta' skoperturi sottostanti għandha titqies li tikkonforma mal-ewwel subparagrafu meta mill-inqas ***70 %*** tal-iskoperturi fl-aggregazzjoni fl-oriġinazzjoni tkun tikkonsisti minn skoperturi għall-SMEs.***;***	Aggregazzjoni ta' skoperturi sottostanti għandha titqies li tikkonforma mal-ewwel subparagrafu meta mill-inqas ***80 %*** tal-iskoperturi fl-aggregazzjoni fl-oriġinazzjoni tkun tikkonsisti minn skoperturi għall-SMEs ***u l-kumplament tal-iskoperturi fl-aggregazzjoni jkunu għal tipi oħrajn ta' intrapriżi jew korporazzjonijiet***.

Or. en

Emenda 216
Giovanni Crosetto, Mariateresa Vivaldini, Denis Nesci, Francesco Ventola, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10 – punt b
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 24 – paragrafu 15 – subparagrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Aggregazzjoni ta' skoperturi sottostanti għandha titqies li tikkonforma ***mal-ewwel subparagrafu*** meta mill-inqas 70 % tal-iskoperturi fl-aggregazzjoni ***fl-oriġinazzjoni tkun tikkonsisti minn*** skoperturi ***għall-SMEs***.;	Aggregazzjoni ta' skoperturi sottostanti għandha titqies li tikkonforma ***mar-rekwiżit ta' omoġeneità*** meta***, fl-oriġinazzjoni,*** mill-inqas ***70 %*** tal-iskoperturi fl-aggregazzjoni ***jikkorrispondu għall-istess tip ta' assi u juru karatteristiċi ta' riskju simili. Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, l-iskoperturi għandhom jitqiesu li juru karatteristiċi ta' riskju simili meta jkunu oriġinaw f'konformità ma' standards uniformi ta' sottoskrizzjoni, ikunu soġġetti għal proċeduri konsistenti ta' servizzjar, u jaqsmu karatteristiċi kuntrattwali komparabbli, irrispettivament mill-Istat Membru li fih jinsabu d-debituri jew l-iskoperturi sottostanti. L-inklużjoni ta'*** skoperturi

	minn aktar minn Stat Membru wieħed fi programm ABCP ma għandhiex, fiha nnifisha, titqies li timmina l-omoġeneità tal-aggregazzjoni, dment li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-paragrafu. L-iskoperturi li jifdal fl-aggregazzjoni ma għandhomx jaffettwaw materjalment il-profil tar-riskju ġenerali tal-programm ABCP;

Or. en

Emenda 217
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10 – punt b
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 24 – paragrafu 15 – subparagrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Aggregazzjoni ta' skoperturi sottostanti għandha titqies li tikkonforma mal-ewwel subparagrafu meta mill-inqas 70 % tal-iskoperturi fl-aggregazzjoni fl-oriġinazzjoni tkun tikkonsisti minn skoperturi għall-SMEs**.**;	***Mingħajr preġudizzju għall-ewwel sentenza tal-ewwel subparagrafu,*** aggregazzjoni ta' skoperturi sottostanti għandha titqies li tikkonforma mal-ewwel ***sentenza tal-ewwel*** subparagrafu meta ***jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:*** ***(a)*** mill-inqas 70 % tal-iskoperturi fl-aggregazzjoni fl-oriġinazzjoni tkun tikkonsisti minn skoperturi għall-SMEs; ***(b) l-iskoperturi kollha fl-aggregazzjoni jkunu għal debituri stabbiliti fl-Istati Membri;*** ***(c) l-iskoperturi kollha fl-aggregazzjoni jkunu sottoskritti f'konformità mal-istandards li japplikaw approċċi simili għall-valutazzjoni tar-riskju ta' kreditu assoċjat; u*** ***(d) l-iskoperturi kollha fl-aggregazzjoni jkunu servizzjati f'konformità ma' proċeduri simili għall-monitoraġġ, il-ġbir u l-amministrazzjoni ta' riċevibbli fi flus kontanti;"***

Or. en

Emenda 218
Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10a (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 25a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:
	Artikolu 25a
	Omoġeneità tal-iskoperturi sottostanti
	Għall-finijiet tal-Artikoli 20(8) u 24(15), l-iskoperturi sottostanti għandhom jitqiesu li huma omoġenji meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:
	(a) jikkorrispondu għal wieħed minn dawn it-tipi ta' assi:
	(i) is-self residenzjali li huwa żgurat minn self ipotekarju wieħed jew aktar fuq proprjetà immobbli residenzjali jew li huwa garantit bis-sħiħ minn fornitur tal-protezzjoni eliġibbli fost dawk imsemmija fl-Artikolu 201(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (1) u li jikkwalifika għall-iskala 2 jew aktar tal-kwalità kreditizja kif stabbilit fil-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 2 ta' dak ir-Regolament;
	(ii) self kummerċjali li huwa titolizzat minn self ipotekarju wieħed jew aktar fuq proprjetà immobbli kummerċjali, inklużi uffiċċji jew bini kummerċjali ieħor;
	(iii) faċilitajiet ta' kreditu pprovduti lil individwi għal finijiet ta' konsum personali, tal-familja jew tal-unità domestika, u faċilitajiet ta' kreditu pprovduti lil intrapriżi fejn l-oriġinatur japplika l-istess approċċ ta' valutazzjoni tar-riskju ta' kreditu bħal dak għall-

individwi mhux koperti taħt il-punti (i) u (ii) u l-punti (iv) sa (viii);

(iv) faċilitajiet ta' kreditu, inklużi self u lokazzjonijiet, ipprovduti lil kwalunkwe tip ta' impriża jew korporazzjoni;

(v) self u lokazzjoni ta' karozzi;

(vi) riċevibbli tal-karti ta' kreditu;

(vii) riċevibbli tan-negozju;

(viii) skoperturi sottostanti oħrajn li jitqiesu mill-oriġinatur jew l-isponsor li jikkostitwixxu tip ta' ass distint abbażi tal-metodoloġiji u l-parametri interni;

(b) dawn huma sottoskritti f'konformità mal-istandards li japplikaw approċċi simili għall-valutazzjoni tar-riskju ta' kreditu assoċjat;

(c) ikunu servizzjati f'konformità ma' proċeduri simili għall-monitoraġġ, il-ġbir u l-amministrazzjoni ta' flus riċevibbli;

(d) fattur tal-omoġeneità wieħed jew aktar jiġu applikati f'konformità mal-Artikolu 2, meta jkun applikabbli.

Għall-finijiet tal-punt (a) ta' dan l-Artikolu, meta skopertura sottostanti tikkorrispondi għal aktar minn tip wieħed ta' assi, dik l-iskopertura għandha tiġi assenjata għal tip wieħed biss ta' assi f'dik it-titolizzazzjoni. Kwalunkwe bidla fl-iskoperturi sottostanti f'aggregazzjoni li titqies omoġenea skont dan ir-Regolament ma għandhiex taffettwa din l-omoġeneità meta dawn il-bidliet ikunu dovuti għal raġunijiet lil hinn mill-kontroll tal-oriġinatur jew tal-isponsor.

Or. en

Emenda 219
Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10b (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 25b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10b) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:
	Artikolu 25b
	Fatturi ta' omoġeneità
	1. Il-fatturi ta' omoġeneità għat-tip ta' assi msemmija fl-Artikolu 25(a)(i) għandhom ikunu dawn li ġejjin:
	(a) il-klassifikazzjoni tad-drittijiet ta' sigurtà, li permezz tagħha l-aggregazzjoni tal-iskoperturi sottostanti tikkonsisti f'wieħed biss minn dawn li ġejjin:
	(i) self żgurat bi drittijiet ta' sigurtà fuq proprjetà immobbli residenzjali kklassifikati fuq nett;
	(ii) self żgurat bi drittijiet fuq proprjetà immobbli residenzjali kklassifikati aktar 'l isfel u dawk kollha klassifikati preċedentment;
	(iii) self żgurat bi drittijiet ta' sigurtà fuq proprjetà immobbli residenzjali kklassifikati aktar 'l isfel;
	(b) tip ta' proprjetà immobbli residenzjali, li permezz tagħha l-aggregazzjoni tikkonsisti f'wieħed biss minn dawn it-tipi li ġejjin:
	(i) proprjetajiet li jipproduċu introjtu;
	(ii) proprjetajiet li ma jipproduċux introjtu;
	(c) ġuriżdizzjoni, li permezz tagħha l-aggregazzjoni tikkonsisti fi skoperturi żgurati minn proprjetajiet immobbli residenzjali li jinsabu fl-istess ġuriżdizzjoni.
	2. Il-fatturi ta' omoġeneità għat-tip ta' assi msemmija fl-Artikolu 25(a)(ii) għandhom ikunu dawn li ġejjin:
	(a) il-klassifikazzjoni tad-drittijiet ta'

sigurtà, li permezz tagħha l-aggregazzjoni tikkonsisti f'wieħed biss minn dawn it-tipi ta' skoperturi sottostanti li ġejjin:

(i) self żgurat bi drittijiet ta' sigurtà fuq proprjetà immobbli kummerċjali kklassifikati fuq nett;

(ii) self żgurat bi drittijiet fuq proprjetà immobbli kummerċjali kklassifikati aktar 'l isfel u dawk kollha klassifikati preċedentment;

(iii) self żgurat bi drittijiet ta' sigurtà fuq proprjetà immobbli kummerċjali kklassifikati aktar 'l isfel;

(b) tip ta' proprjetà immobbli kummerċjali, li permezz tagħha l-aggregazzjoni tikkonsisti f'wieħed biss minn dawn it-tipi li ġejjin:

(i) binjiet ta' uffiċċji;

(ii) spazju għall-bejgħ bl-imnut;

(iii) sptarijiet;

(iv) faċilitajiet tal-ħżin;

(v) lukandi;

(vi) proprjetajiet industrijali;

(vii) tip speċifiku ieħor ta' proprjetajiet immobbli kummerċjali;

(c) ġuriżdizzjoni, li permezz tagħha l-aggregazzjoni tikkonsisti fi skoperturi sottostanti żgurati minn proprjetajiet li jinsabu fl-istess ġuriżdizzjoni.

3. Il-fatturi ta' omoġeneità għat-tip ta' assi msemmija fl-Artikolu 25a(a)(iv) għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(a) tip ta' obbligant, li permezz tiegħu l-aggregazzjoni tikkonsisti f'wieħed biss minn dawn it-tipi ta' obbliganti:

(i) korporazzjonijiet kbar kif definiti fl-Artikolu 142, il-paragrafu 1, il-punt 5(a) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(ii) tipi oħrajn ta' impriżi u korporazzjonijiet;

(b) ġuriżdizzjoni, li permezz tagħha l-

aggregazzjoni tikkonsisti f'wieħed biss minn dawn it-tipi ta' skoperturi sottostanti li ġejjin:

(i) skoperturi żgurati minn proprjetà immobbli li tinsab fl-istess ġuriżdizzjoni;

(ii) skoperturi għall-obbliganti b'residenza fl-istess ġuriżdizzjoni.

4. Il-fatturi ta' omoġeneità għat-tip ta' assi msemmija fl-Artikolu 25a(a)(v) għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(a) tip ta' obbligant, li permezz tiegħu l-aggregazzjoni tikkonsisti fi skoperturi sottostanti b'tip wieħed biss minn dawn it-tipi ta' obbliganti:

(i) individwi, u intrapriżi fejn l-oriġinatur japplika l-istess approċċ għall-valutazzjoni tar-riskju ta' kreditu assoċjat ma' skoperturi għal intrapriżi bħal għall-iskoperturi għal individwi;

(ii) intrapriżi mhux koperti mill-punt (i) u korporazzjonijiet għajr korporazzjonijiet kbar kif imsemmija fil-punt (iii);

(iii) korporazzjonijiet kbar kif definiti fl-Artikolu 142, il-paragrafu 1, il-punt 5(a) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(iv) entitajiet tas-settur pubbliku;

(v) l-istituzzjonijiet finanzjarji;

(b) ġuriżdizzjoni, li permezz tagħha l-aggregazzjoni tikkonsisti fi skoperturi sottostanti għal obbliganti b'residenza fl-istess ġuriżdizzjoni.

5. Il-fatturi ta' omoġeneità għat-tip ta' assi msemmija fl-Artikolu 25a(a)(vi) għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(a) tip ta' obbligant, li permezz tiegħu l-aggregazzjoni tikkonsisti fi skoperturi sottostanti b'tip wieħed biss minn dawn it-tipi ta' obbliganti:

(i) individwi, u intrapriżi fejn l-oriġinatur japplika l-istess approċċ għall-valutazzjoni tar-riskju ta' kreditu assoċjat ma' skoperturi għal intrapriżi bħal għall-iskoperturi għal individwi;

(ii) intrapriżi mhux koperti mill-punt (i) u korporazzjonijiet għajr korporazzjonijiet kbar kif imsemmija fil-punt (iii);

(iii) korporazzjonijiet kbar kif definiti fl-Artikolu 142, il-paragrafu 1, il-punt 5(a) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

(iv) entitajiet tas-settur pubbliku;

(v) l-istituzzjonijiet finanzjarji;

(b) ġuriżdizzjoni, li permezz tagħha l-aggregazzjoni tikkonsisti fi skoperturi sottostanti għal obbliganti b'residenza fl-istess ġuriżdizzjoni.

6. Il-fatturi ta' omoġeneità għat-tip ta' assi msemmija fl-Artikolu 25a(a)(viii) għandhom ikunu dawn li ġejjin:

(a) it-tip ta' obbligant;

(b) il-klassifikazzjoni tad-drittijiet ta' sigurtà;

(c) it-tip ta' proprjetà immobbli;

(d) il-ġuriżdizzjoni.

Jiżdied l-Artikolu 25b il-ġdid.)

Or. en

Emenda 220
Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10c (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2402
Kapitolu 4 – Taqsima 2a

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(10c) fit-Kapitolu 4, titħassar it-Taqsima 2a.
TAQSIMA 2a	
[…]	

Or. en

(https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A02017R2402-20210409)

Emenda 221
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 10a (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 26a – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(10a) fl-Artikolu 26a(1), jiżdied is-subparagrafu li ġej:
	It-titolizzazzjonijiet STS fil-karta tal-bilanċ jistgħu jinkludu gruppi mħallta ta' skoperturi tal-SMEs u oħrajn, dment li l-omoġeneità, il-konsistenza tas-sottoskrizzjoni, il-komparabbiltà tas-servizzjar u r-rekwiżiti ta' trasparenza jiġu ssodisfati bis-sħiħ.

Or. en

Emenda 222
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11 – punt -a (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 26b – paragrafu 5

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-a) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:
5. ***Il-ftehim dwar il-protezzjoni*** ta' kreditu ***għandu jikkonforma mar-regoli ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu stabbiliti fl-Artikolu 249 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, jew jekk l-Artikolu mhuwiex applikabbli, mar-rekwiżiti li mhumiex inqas stretti mir-rekwiżiti stabbiliti f'dak l-Artikolu.***	5. ***L-impriżi tal-assigurazzjoni jistgħu jipprovdu protezzjoni*** ta' kreditu ***mhux iffinanzjata, dment li dawn l-impriżi ma jkunux assiguraturi monolinja u japplikaw mudell intern approvat f'konformità mad-Direttiva 2009/138/KE.***

Or. en

Emenda 223
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11 – punt - ab (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 26b – paragrafu 6 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(-ab) fil-paragrafu 6, jiżdied is-subparagrafu li ġej:
	Il-limiti ta' eliġibbiltà għall-impriżi tal-assigurazzjoni għandhom jiġu vvalutati biss fil-livell konsolidat, dment li tiġi offruta protezzjoni ta' kreditu mhux iffinanzjata permezz ta' arranġament ta' koassigurazzjoni bejn l-impriża omm u s-sussidjarja, u li l-impriża omm timpenja ruħha kuntrattwalment li tassumi l-ammont sħiħ ta' pretensjonijiet jekk is-sussidjarja tonqos milli tissodisfa l-obbligi tagħha.

Or. en

Emenda 224
Eero Heinäluoma, Nikos Papandreou, Jonás Fernández, René Repasi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11 – punt b
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 26b – paragrafu 8 – subparagrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Aggregazzjoni ta' skoperturi sottostanti għandha titqies li tikkonforma mal-ewwel subparagrafu meta mill-inqas ***70 %*** tal-iskoperturi fl-aggregazzjoni fl-oriġinazzjoni tkun tikkonsisti minn skoperturi għall-SMEs.***;***	Aggregazzjoni ta' skoperturi sottostanti għandha titqies li tikkonforma mal-ewwel subparagrafu meta mill-inqas ***80 %*** tal-iskoperturi fl-aggregazzjoni fl-oriġinazzjoni tkun tikkonsisti minn skoperturi għall-SMEs ***u l-kumplament tal-iskoperturi fl-aggregazzjoni jkunu***

għal tipi oħrajn ta' intrapriżi jew korporazzjonijiet.

Or. en

Emenda 225
Giovanni Crosetto, Mariateresa Vivaldini, Denis Nesci, Francesco Ventola, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11 – punt b
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 26b – paragrafu 8 – subparagrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Aggregazzjoni ta' skoperturi sottostanti għandha titqies li tikkonforma ***mal-ewwel subparagrafu*** meta mill-inqas 70 % tal-iskoperturi fl-aggregazzjoni ***fl-oriġinazzjoni tkun tikkonsisti*** minn skoperturi ***għall-SMEs***.;	Aggregazzjoni ta' skoperturi sottostanti għandha titqies li tikkonforma ***mar-rekwiżit ta' omoġeneità*** meta***, fl-oriġinazzjoni,*** mill-inqas ***70 %*** tal-iskoperturi fl-aggregazzjoni ***jikkorrispondu għall-istess tip ta' assi u juru karatteristiċi ta' riskju simili.*** ***Għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu, l-iskoperturi għandhom jitqiesu li juru karatteristiċi ta' riskju simili meta jkunu oriġinaw f'konformità ma' standards uniformi ta' sottoskrizzjoni, ikunu soġġetti għal proċeduri konsistenti ta' servizzjar, u jaqsmu karatteristiċi kuntrattwali komparabbli, irrispettivament mill-Istat Membru li fih jinsabu d-debituri jew l-iskoperturi sottostanti.*** ***L-inklużjoni ta'*** skoperturi ***minn aktar minn Stat Membru wieħed ma għandhiex, fiha nnifisha, titqies li timmina l-omoġeneità tal-aggregazzjoni, dment li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti stabbiliti f'dan il-paragrafu***. ***L-iskoperturi li jifdal fl-aggregazzjoni ma għandhomx jaffettwaw materjalment il-profil tar-riskju ġenerali tat-titolizzazzjoni.***

Or. en

Emenda 226
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 11 – punt b
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 26b – paragrafu 8 – subparagrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Aggregazzjoni ta' skoperturi sottostanti għandha titqies li tikkonforma mal-ewwel subparagrafu meta mill-inqas 70 % tal-iskoperturi fl-aggregazzjoni fl-oriġinazzjoni tkun tikkonsisti minn skoperturi għall-SMEs**.**;	***Mingħajr preġudizzju għall-ewwel sentenza tal-ewwel subparagrafu,*** aggregazzjoni ta' skoperturi sottostanti għandha titqies li tikkonforma mal-ewwel ***sentenza tal-ewwel*** subparagrafu meta ***jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:*** ***(a)*** mill-inqas 70 % tal-iskoperturi fl-aggregazzjoni fl-oriġinazzjoni tkun tikkonsisti minn skoperturi għall-SMEs; ***(b) l-iskoperturi kollha fl-aggregazzjoni jkunu għal debituri stabbiliti fl-Istati Membri;*** ***(c) l-iskoperturi kollha fl-aggregazzjoni jkunu sottoskritti f'konformità mal-istandards li japplikaw approċċi simili għall-valutazzjoni tar-riskju ta' kreditu assoċjat; u*** ***(d) l-iskoperturi kollha fl-aggregazzjoni jkunu servizzjati f'konformità ma' proċeduri simili għall-monitoraġġ, il-ġbir u l-amministrazzjoni ta' riċevibbli fi flus kontanti;"***

Or. en

Emenda 227
Marco Falcone, Fulvio Martusciello

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12a (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2402

Artikolu 26d – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(12a) fl-Artikolu 26d, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
1. L-oriġinatur għandu jagħmel disponibbli data storika dwar il-prestazzjoni statika u dinamika fir-rigward ta' inadempjenzi u telf, bħad-data dwar id-delinkwenza u l-inadempjenza, għal skoperturi sostanzjalment simili għal dawk li jkunu qed jiġu titolizzati, u s-sorsi ta' dik id-data u l-bażi għad-dikjarazzjoni ta' similarità, lil investituri potenzjali qabel l-ipprezzar. Dik id-data għandha tkopri perjodu ta' mill-anqas ***ħames snin***.	"1. L-oriġinatur għandu jagħmel disponibbli data storika dwar il-prestazzjoni statika u dinamika fir-rigward ta' inadempjenzi u telf, bħad-data dwar id-delinkwenza u l-inadempjenza, għal skoperturi sostanzjalment simili għal dawk li jkunu qed jiġu titolizzati, u s-sorsi ta' dik id-data u l-bażi għad-dikjarazzjoni ta' similarità, lil investituri potenzjali qabel l-ipprezzar. Dik id-data għandha tkopri perjodu ta' mill-anqas ***sentejn***.***"***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Under to Articles 22(1), 24(14), 26d(1) of the SECR, the originator and the sponsor shall make available data on static and dynamic historical default and loss performance, such as delinquency and default data, for substantially similar exposures to those being securitised, and the sources of those data and the basis for claiming similarity, to potential investors before pricing.12In many cases, additional historical data beyond two or three years may not be relevant or reliable for assessing the actual risk characteristics of the securitised exposures. Reducing the minimum historical look-back period from five years to two years would strike a more proportionate balance between investors' need for relevant risk performance data and the feasibility for originators and sponsors to comply in a timely and cost-efficient manner, without compromising transparency or prudential soundness. This adjustment also aligns with the Commission's broader aim to remove disproportionate barriers and costs that constrain issuance volumes and market depth, especially for new originators and SME-focused transactions.

Emenda 228
Giovanni Crosetto, Mariateresa Vivaldini, Denis Nesci, Francesco Ventola, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 12a (ġdid)
Ir-Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 26d – paragrafu 1

Test fis-seħħ	*Emenda*

	(12a) fl-Artikolu 26d, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:
1. L-oriġinatur għandu jagħmel disponibbli data storika dwar il-prestazzjoni statika u dinamika fir-rigward ta' inadempjenzi u telf, bħad-data dwar id-delinkwenza u l-inadempjenza, għal skoperturi sostanzjalment simili għal dawk li jkunu qed jiġu titolizzati, u s-sorsi ta' dik id-data u l-bażi għad-dikjarazzjoni ta' similarità, lil investituri potenzjali qabel l-ipprezzar. Dik id-data għandha tkopri perjodu ta' mill-anqas ***ħames snin***.	"1. L-oriġinatur għandu jagħmel disponibbli data storika dwar il-prestazzjoni statika u dinamika fir-rigward ta' inadempjenzi u telf, bħad-data dwar id-delinkwenza u l-inadempjenza, għal skoperturi sostanzjalment simili għal dawk li jkunu qed jiġu titolizzati, u s-sorsi ta' dik id-data u l-bażi għad-dikjarazzjoni ta' similarità, lil investituri potenzjali qabel l-ipprezzar. Dik id-data għandha tkopri perjodu ta' mill-anqas ***sentejn***."

Or. en

(Ir-Regolament (UE) 2017/2402)

Emenda 229
Eero Heinäluoma, Nikos Papandreou, Jonás Fernández, René Repasi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13 – punt c
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 26e – paragrafu 8 – punt aa u c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) il-paragrafu 8 huwa emendat kif ġej:	***imħassar***
(i) jiddaħħal il-punt (aa) li ġej:	
" (aa) garanzija li tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, li permezz tagħha r-riskju ta' kreditu jiġi ttrasferit lil impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni li tissodisfa l-kriterji kollha li ġejjin:	
(i) l-impriża tuża mudell intern approvat f'konformità mal-Artikoli 112 u 113 tad-Direttiva 2009/138/KE għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' kapital għal tali garanziji;	
(ii) l-impriża tikkonforma mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tagħha u mar-Rekwiżit Kapitali Minimu tagħha	

msemmija fl-Artikoli 100 u 128 tad-Direttiva 2009/138/KE, rispettivament, u ġiet assenjata għall-iskala tal-kwalità kreditizja 3 jew aħjar;

(iii) l-impriża effettivament topera attivitajiet ta' negozju f'mill-inqas żewġ klassijiet ta' assigurazzjoni mhux tal-ħajja skont it-tifsira tal-Anness I tad-Direttiva 2009/138/KE;

(iv) l-assi ġestiti mill-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jaqbżu l-20 biljun euro;"

(ii) il-punt (c) huwa ssostitwit b'dan li ġej:

"(c) protezzjoni ta' kreditu oħra mhux imsemmija fil-punti (a), (aa) u (b) ta' dan il-paragrafu fil-forma ta' garanzija, derivattiva ta' kreditu jew nota marbuta ma' kreditu li tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 249 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, dment li l-obbligi tal-investitur ikunu żgurati minn kollateral li jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 9 u 10 ta' dan l-Artikolu.;"

Or. en

Emenda 230
Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13 – punt c – punt i
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 26e – paragrafu 8 – punt aa

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(aa) garanzija li tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, li permezz tagħha r-riskju ta' kreditu jiġi ttrasferit lil impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni li tissodisfa l-kriterji kollha li ġejjin:	***imħassar***

(i) l-impriża tuża mudell intern approvat f'konformità mal-Artikoli 112 u 113 tad-Direttiva 2009/138/KE għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' kapital għal tali garanziji;

(ii) l-impriża tikkonforma mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tagħha u mar-Rekwiżit Kapitali Minimu tagħha msemmija fl-Artikoli 100 u 128 tad-Direttiva 2009/138/KE, rispettivament, u ġiet assenjata għall-iskala tal-kwalità kreditizja 3 jew aħjar;

(iii) l-impriża effettivament topera attivitajiet ta' negozju f'mill-inqas żewġ klassijiet ta' assigurazzjoni mhux tal-ħajja skont it-tifsira tal-Anness I tad-Direttiva 2009/138/KE;

(iv) l-assi ġestiti mill-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jaqbżu l-20 biljun euro;

Or. en

Emenda 231
Billy Kelleher

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13 – punt c – punt i
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 26e – paragrafu 8 – punt aa –parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(aa) garanzija li tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, li permezz tagħha r-riskju ta' kreditu jiġi ttrasferit lil impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni li tissodisfa l-kriterji kollha li ġejjin:	(aa) garanzija li tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-Parti Tlieta, it-Titolu II, il-Kapitolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, li permezz tagħha r-riskju ta' kreditu jiġi ttrasferit lil impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni li tissodisfa l-kriterji kollha li ġejjin ***fiż-żmien tal-oriġinazzjoni***:

Or. en

Emenda 232

Lídia Pereira

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13 – punt c – punt i
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 26e – paragrafu 8 – punt aa – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) l-impriża tuża mudell intern approvat f'konformità mal-Artikoli 112 u 113 tad-Direttiva 2009/138/KE għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' kapital għal tali garanziji;	***imħassar***

Or. en

Emenda 233
Regina Doherty

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13 – punt c – punt i
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 26e – paragrafu 8 – punt aa – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) l-impriża tuża mudell intern approvat f'konformità mal-Artikoli 112 u 113 tad-Direttiva 2009/138/KE għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' kapital għal tali garanziji;	(i) l-impriża***:***
	(1) tuża mudell intern approvat f'konformità mal-Artikoli 112 u 113 tad-Direttiva 2009/138/KE għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' kapital għal tali garanziji; ***jew***
	***(2) għandha awtorizzazzjoni mill-awtorità nazzjonali kompetenti maħtura tagħha biex tissottoskrivi r-riskji stabbiliti fil-klassi 14 jew fil-klassi 15 tal-Anness I tad-Direttiva 2009/138/KE u f'tali awtorizzazzjoni, tkun irċeviet mingħand l-awtorità nazzjonali kompetenti maħtura tagħha konferma li ma hemm l-ebda oġġezzjoni għall-garanziji ta' sottoskrizzjoni tagħha għall-finijiet ta'**

konformità mal-Artikolu 26e(8), il-punt (aa), ta' dan ir-Regolament, wara valutazzjoni tas-saħħa kapitali tagħha, il-qafas tal-ġestjoni tar-riskju, il-politiki ta' governanza u ta' sottoskrizzjoni tagħha;

Or. en

Emenda 234
Billy Kelleher

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13 – punt c – punt i
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 26e – paragrafu 8 – punt aa – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) l-impriża tuża mudell intern approvat f'konformità mal-Artikoli 112 u 113 tad-Direttiva 2009/138/KE għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' kapital għal tali garanziji;	(i) ***(1)*** l-impriża tuża mudell intern approvat f'konformità mal-Artikoli 112 u 113 tad-Direttiva 2009/138/KE għall-kalkolu tar-rekwiżiti ta' kapital għal tali garanziji; ***jew***
	(2) għandha awtorizzazzjoni mill-awtorità nazzjonali kompetenti maħtura tagħha biex tissottoskrivi r-riskji stabbiliti fil-klassi 14 jew fil-klassi 15 tal-Anness I tad-Direttiva 2009/138/KE u rċeviet konferma li ma hemm ebda oġġezzjoni għall-garanziji ta' sottoskrizzjoni tagħha għall-finijiet ta' konformità mal-Artikolu 26e(8), il-punt (aa), ta' dan ir-Regolament, wara valutazzjoni tas-saħħa kapitali tagħha, il-qafas tal-ġestjoni tar-riskju, il-politiki ta' governanza u ta' sottoskrizzjoni tagħha;

Or. en

Emenda 235
Regina Doherty

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13 – punt c – punt i

Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 26e – paragrafu 8 – punt aa – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) l-impriża tikkonforma mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tagħha u mar-Rekwiżit Kapitali Minimu tagħha msemmija fl-Artikoli 100 u 128 tad-Direttiva 2009/138/KE, rispettivament, u ġiet assenjata għall-iskala tal-kwalità kreditizja 3 jew aħjar;	(ii) l-impriża tikkonforma mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tagħha u mar-Rekwiżit Kapitali Minimu tagħha msemmija fl-Artikoli 100 u 128 tad-Direttiva 2009/138/KE, rispettivament, u ġiet assenjata għall-iskala tal-kwalità kreditizja ta' mill-inqas 3 jew aħjar***, fid-data li fiha l-protezzjoni tal-kreditu ġiet rikonoxxuta l-ewwel***;

Or. en

Emenda 236
Billy Kelleher

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13 – punt c – punt i
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 26e – paragrafu 8 – punt aa – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) l-impriża tikkonforma mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tagħha u mar-Rekwiżit Kapitali Minimu tagħha msemmija fl-Artikoli 100 u 128 tad-Direttiva 2009/138/KE, rispettivament, u ġiet assenjata għall-iskala tal-kwalità kreditizja 3 jew aħjar;	(ii) l-impriża tikkonforma mar-Rekwiżit Kapitali tas-Solvenza tagħha u mar-Rekwiżit Kapitali Minimu tagħha msemmija fl-Artikoli 100 u 128 tad-Direttiva 2009/138/KE, rispettivament, u ġiet assenjata għall-iskala tal-kwalità kreditizja 3 jew aħjar ***fiż-żmien tal-oriġinazzjoni***;

Or. en

Emenda 237
Regina Doherty

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13 – punt c – punt i
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 26e – paragrafu 8 – punt aa – punt iii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iii) l-impriża ***effettivament*** topera attivitajiet ta' negozju f'mill-inqas żewġ klassijiet ta' assigurazzjoni mhux tal-ħajja skont it-tifsira tal-Anness ***I*** tad-Direttiva 2009/138/KE;	(iii) l-impriża topera attivitajiet ta' negozju f'mill-inqas żewġ klassijiet ta' assigurazzjoni mhux tal-ħajja skont it-tifsira tal-Anness ***1*** tad-Direttiva 2009/138/KE***, ħlief dawk li fihom attività ta' assigurazzjoni jew riassigurazzjoni fil-klassijiet ta' assigurazzjoni mhux tal-ħajja ta' "kreditu", "garanzija' u "telf finanzjarju varju"***;

Or. en

Emenda 238
Billy Kelleher

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13 – punt c – punt i
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 26e – paragrafu 8 – punt aa – punt iv

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iv) l-assi ***ġestiti mill-impriża*** tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni ***jaqbżu l-20 biljun euro***;	(iv) ***l-impriża li tipprovdi l-protezzjoni tal-kreditu tkun ibbażata fl-Unjoni u tiġi ssodisfata mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:*** **–** l-assi ***totali mill-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jaqbżu l-EUR 1 biljun; jew*** ***– meta dik l-impriża ma tkunx parti mill-istess grupp bħall-oriġinatur u tkun sussidjarja ta' grupp soġġett għas-superviżjoni tal-grupp skont it-tifsira tal-Artikolu 213(2), il-punt (a), (b) jew (c), tad-Direttiva 2009/138/KE, il-valur tal-assi konsolidati totali kif iddikjarat fl-aħħar rapporti finanzjarji awditjati tal-impriża omm ta' dak il-grupp jaqbeż EUR 10 biljun, u jkun hemm arranġamenti finanzjarji, li jistgħu jinkludu riassigurazzjoni, fondi proprji anċillari jew taħlita ta' arranġamenti finanzjarji, li jiżguraw appoġġ finanzjarju***

effettiv mill-impriża omm lill-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni ***għal tali garanziji, f'każ li din tal-aħħar ma tkunx tista' tipprovdi kumpens f'waqtu lill-istituzzjoni ta' kreditu oriġinarja.***

Or. en

Emenda 239
Regina Doherty

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13 – punt c – punt i
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 26e – paragrafu 8 – punt aa – punt iv

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iv) l-assi ***ġestiti*** mill-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jaqbżu ***l-20*** biljun ***euro***;	(iv) ***l-impriża li tipprovdi l-protezzjoni tal-kreditu tkun ibbażata fl-Unjoni u tiġi ssodisfata mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:***
	– l-assi ***totali*** mill-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jaqbżu ***l-EUR 1*** biljun***; jew***
	– meta dik l-impriża ma tkunx parti mill-istess grupp bħall-oriġinatur u tkun sussidjarja ta' grupp soġġett għas-superviżjoni tal-grupp skont it-tifsira tal-Artikolu 213(2), il-punt (a), (b) jew (c), tad-Direttiva 2009/138/KE, il-valur tal-assi konsolidati totali kif iddikjarat fl-aħħar rapporti finanzjarji awditjati tal-impriża omm ta' dak il-grupp jaqbeż EUR 10 biljun, u jkun hemm arranġamenti finanzjarji, li jistgħu jinkludu riassigurazzjoni, fondi proprji anċillari jew taħlita ta' arranġamenti finanzjarji, li jiżguraw appoġġ finanzjarju effettiv mill-impriża omm lill-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għal tali garanziji, f'każ li din tal-aħħar ma tkunx tista' tipprovdi kumpens f'waqtu lill-istituzzjoni ta' kreditu oriġinarja.

Emenda 240
Angelika Winzig

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13 – punt c – punt i
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 26e – paragrafu 8 – punt aa – punt iv

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iv) l-assi ***ġestiti*** mill-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jaqbżu ***l-20*** biljun ***euro***;	(iv) ***l-impriża li tipprovdi l-protezzjoni tal-kreditu tkun ibbażata fl-Unjoni u tiġi ssodisfata mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin: –*** l-assi ***totali*** mill-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jaqbżu ***l-EUR 5*** biljun; ***jew - meta dik l-impriża ma tkunx parti mill-istess grupp bħall-oriġinatur u tkun sussidjarja ta' grupp soġġett għas-superviżjoni tal-grupp skont it-tifsira tal-Artikolu 213(2), il-punt (a), (b) jew (c), tad-Direttiva 2009/138/KE, il-valur tal-assi konsolidati totali kif iddikjarat fl-aħħar rapporti finanzjarji awditjati tal-impriża omm ta' dak il-grupp jaqbeż EUR 15-il biljun, u jkun hemm arranġamenti finanzjarji, li jistgħu jinkludu riassigurazzjoni, fondi proprji anċillari jew taħlita ta' arranġamenti finanzjarji, li jiżguraw appoġġ finanzjarju effettiv mill-impriża omm lill-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni għal tali garanziji, f'każ li din tal-aħħar ma tkunx tista' tipprovdi kumpens f'waqtu lill-istituzzjoni ta' kreditu oriġinarja. Meta l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 26e(8)(aa), il-paragrafu (iv), il-punti (A) jew (B) ma jiġux issodisfati, l-ammont totali tal-pagament tal-protezzjoni tal-kreditu fit-titolizzazzjoni sintetika pprovduta minn impriża ma jaqbiżx EUR [50] miljun jekk tali impriża tkun ikklassifikata CQS2, jew EUR [100] miljun jekk l-impriża tkun ikklassifikata CQS1, jew kwalunkwe**

ammont ogħla approvat speċifikament matul il-valutazzjoni superviżorja tal-SRT ta' dik it-titolizzazzjoni sintetika.

Or. en

Emenda 241
Lídia Pereira

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13 – punt c – punt i
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 26e – paragrafu 8 – punt aa – punt iv

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iv) l-assi ġestiti mill-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jaqbżu ***l-20*** biljun ***euro***;	(iv) l-assi ġestiti mill-impriża tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni jaqbżu ***l-EUR 5*** biljun;

Or. en

Emenda 242
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13 – punt c – punt i
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 26e – paragrafu 8 – punt aa – punt iv

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(iv) ***l-assi ġestiti mill-impriża*** tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni ***jaqbżu l-20*** biljun ***euro***;	(iv) ***l-impriża li tipprovdi l-protezzjoni tal-kreditu tkun ibbażata fl-Unjoni u tiġi ssodisfata kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:*** ***- il-valur tal-assi totali, ikkalkulat f'konformità mal-Artikolu 75 tad-Direttiva 2009/138/KE, tal-impriża*** tal-assigurazzjoni jew tar-riassigurazzjoni ***li tipprovdi l-protezzjoni tal-kreditu mhux iffinanzjata jaqbeż l-EUR 20*** biljun***; jew*** ***- meta l-impriża ma tkunx parti mill-istess grupp bħall-oriġinatur u tkun sussidjarja***

ta' grupp soġġett għas-superviżjoni tal-grupp skont it-tifsira tal-Artikolu 213(2), il-punti (a) jew (b), jiġu ssodisfati l-kriterji kollha li ġejjin:

1) hemm arranġamenti finanzjarji kuntrattwalment vinkolanti bejn l-impriża omm u l-impriża sussidjarja, fil-forma ta' arranġamenti ta' riassigurazzjoni li jikkonformaw mal-Artikoli 208-214 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni 2015-35 li jiżguraw li l-impriża omm tkun tista' tipprovdi appoġġ ta' kapital u likwidità lill-impriża tal-assigurazzjoni sa mill-inqas l-ammont sħiħ ta' pretensjonijiet li jirriżultaw min-negozju ta' protezzjoni tal-kreditu mhux iffinanzjata, u fi żmien konsistenti mal-ħtiġijiet ta' solvenza u likwidità tal-impriża; ***u***

2) fil-każ ta' arranġament finanzjarju maħruġ minn impriża ta' riassigurazzjoni li tinsab f'pajjiż li r-reġim ta' solvenza tiegħu jitqies ekwivalenti jew temporanjament ekwivalenti għal dak stabbilit fid-Direttiva 2009/138/KE, għandhom ikunu jeżistu arranġamenti kuntrattwali li jikkonformaw mal-kriterji previsti fl-Artikolu 214 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni 2015/35.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Iż-żamma tar-rekwiżit tal-mudell intern għall-protezzjoni tal-kreditu mhux iffinanzjata (UFCP) hija essenzjali biex jiġu ssalvagwardjati l-istabbiltà finanzjarja u l-kredibbiltà tat-tikketta STS. L-UFCP tittrasferixxi r-riskju ta' kreditu mingħajr prefinanzjament, u b'hekk l-affidabbiltà tal-protezzjoni tiddependi għalkollox mill-kapaċità tal-fornitur li jkejjel, jimmaniġġja u jassorbi r-riskju ta' kreditu. Il-kriterji tad-daqs iservu bħala indikatur importanti li l-entità hija matura u kapaċi ġġorr ir-riskju assoċjat.

Emenda 243
Angelika Winzig

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 13a (ġdid)

Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 27 – paragrafu 6

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(13a) fl-Artikolu 27, il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:
6. L-ESMA, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-EBA u l-EIOPA, għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji ***li jispeċifikaw*** l-informazzjoni li l-oriġinatur, l-isponsor u l-SSPE huma meħtieġa jipprovdu ***sabiex jikkonformaw mal-obbligi msemmija fil-paragrafu 1.***	6. L-ESMA, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-EBA u l-EIOPA, għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji ***biex temenda l-Anness IV11 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/1226 biex tispeċifika*** l-informazzjoni li l-oriġinatur, l-isponsor u l-SSPE huma meħtieġa jipprovdu ***meta protezzjoni tal-kreditu tieħu l-għamla ta' garanzija li tissodisfa r-rekwiżiti tal-paragrafu 8, il-punt (aa).***
L-ESMA għandha tippreżenta dan l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni ***sal-10 ta' Ottubru 2021***.	L-ESMA għandha tippreżenta dan l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni ***... [12-il xahar wara d-data tad-dhul fis-seħħ].***
Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija f'dan il-paragrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.	Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija f'dan il-paragrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

Or. en

Emenda 244
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 28 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) ***fil-paragrafu 28(1), l-ewwel*** subparagrafu, il-formulazzjoni introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:	(14) ***L-Artikolu 28 huwa emendat kif ġej:***
	(a) il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:

	(i) fl-ewwel subparagrafu, il-formulazzjoni introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:
Parti terza kif imsemmi fl-Artikolu 27(2) għandha tkun awtorizzata u taħt superviżjoni ***tal-awtorità kompetenti*** biex tivvaluta l-konformità tat-titolizzazzjonijiet mal-kriterji STS previsti fl-Artikoli 19 sa 22, l-Artikoli 23 sa 26, u l-Artikoli 26a sa 26e. ***L-awtorità kompetenti*** għandha tagħti l-awtorizzazzjoni jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:***;***	Parti terza kif imsemmi fl-Artikolu 27(2) għandha tkun awtorizzata u taħt superviżjoni ***tal-ESMA*** biex tivvaluta l-konformità tat-titolizzazzjonijiet mal-kriterji STS previsti fl-Artikoli 19 sa 22, l-Artikoli 23 sa 26, u l-Artikoli 26a sa 26e. ***L-ESMA*** għandha tagħti l-awtorizzazzjoni jekk jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

Or. en

Emenda 245
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt a – punt ii (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 28 – paragrafu 1 – subparagrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(ii) it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:
L-awtorità kompetenti għandha tirtira l-awtorizzazzjoni meta tqis li l-parti terza ma tkunx materjalment konformi mal-ewwel subparagrafu.	***"L-ESMA*** għandha tirtira l-awtorizzazzjoni meta tqis li l-parti terza ma tkunx materjalment konformi mal-ewwel subparagrafu.***"***

Or. en

(2017/2402 - Artikolu 28 - paragrafu 1 - subparagrafu 2)

Emenda 246
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt b (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 28 – paragrafu 2

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:
2. Parti terza awtorizzata skont il-paragrafu 1 għandha tinnotifika ***lill-awtorità kompetenti tagħha*** mingħajr dewmien bi kwalunkwe bidla materjali fl-informazzjoni prevista f'dak il-paragrafu, jew kwalunkwe bidla oħra li tista' raġonevolment titqies li taffettwa l-valutazzjoni tal-awtorità kompetenti tagħha.	"2. Parti terza awtorizzata skont il-paragrafu 1 għandha tinnotifika ***lill-ESMA*** mingħajr dewmien bi kwalunkwe bidla materjali fl-informazzjoni prevista f'dak il-paragrafu, jew kwalunkwe bidla oħra li tista' raġonevolment titqies li taffettwa l-valutazzjoni tal-awtorità kompetenti tagħha."

Or. en

(Ir-Regolament (UE) 2017/2402 - l-Artikolu 28(2))

Emenda 247
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt c (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 28 – paragrafu 3

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(c) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:
3. L-awtorità kompetenti tista' timponi miżati bbażati fuq l-ispejjeż lill-parti terza msemmija fil-paragrafu 1, sabiex tkopri l-infiq meħtieġ relatat mal-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni u l-monitoraġġ sussegwenti tal-konformità mal-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1.	***"3. L-ESMA*** tista' timponi miżati bbażati fuq l-ispejjeż lill-parti terza msemmija fil-paragrafu 1, sabiex tkopri l-infiq meħtieġ relatat mal-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet għall-awtorizzazzjoni u l-monitoraġġ sussegwenti tal-konformità mal-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 1."

Or. en

(Ir-Regolament (UE) 2017/2402 - l-Artikolu 28(3))

Emenda 248
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14 – punt d (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 28 – paragrafu 4

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(d) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:
4. L-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw ***l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta lill-awtoritajiet kompetenti*** fl-applikazzjoni ***għall-awtorizzazzjoni ta' parti terza f'konformità mal-paragrafu 1***.	***"4. Bil-għan li tiġi żgurata applikazzjoni konsistenti ma' dan l-Artikolu,*** l-ESMA għandha tiżviluppa abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw ***id-dettalji*** tal-applikazzjoni ***għar-reġistrazzjoni***.
L-ESMA għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni ***sat-18 ta' Lulju 2018***.	L-ESMA għandha tippreżenta dak l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji lill-Kummissjoni sa ***[6 xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju]***.
Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija f'dan il-paragrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.	Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tissupplimenta dan ir-Regolament billi tadotta l-istandards tekniċi regolatorji msemmija f'dan il-paragrafu skont l-Artikoli 10 sa 14 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010."

Or. en

(Ir-Regolament (UE) 2017/2402 - Artikolu 28(4))

Emenda 249
Fernando Navarrete Rojas, Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 14a (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 28a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(14a) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:
	Artikolu 28a
	Ekwivalenza STS ta' pajjiżi terzi

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 47 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tiddetermina li l-arranġamenti legali, superviżorji u ta' infurzar ta' pajjiż terz:

(a) huma ekwivalenti għar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 19 sa 22 [Mhux ABCP], l-Artikoli 23 sa 26 [ABCP] u l-Artikoli 26b sa 26e [Sintetiċi], rigward in-natura sempliċi, trasparenti u standardizzata tat-titolizzazzjoni; u

(b) jiżguraw li t-titolizzazzjonijiet li joriġinaw f'dak il-pajjiż terz ikunu soġġetti għal superviżjoni u infurzar effettivi fuq bażi kontinwa.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tivverifika li l-arranġamenti tal-pajjiż terz huma allinjati bis-sħiħ mal-"Kriterji għall-identifikazzjoni ta' titolizzazzjonijiet sempliċi, trasparenti u komparabbli" (STC) ippubblikati mill-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja u l-IOSCO. L-ekwivalenza għandha tingħata abbażi tal-eżitu sostantiv tal-qafas regolatorju, irrispettivament mill-format jew il-mudelli speċifiċi użati għad-divulgazzjoni f'dak il-pajjiż terz.

3. Titolizzazzjoni li toriġina f'pajjiż terz li dwaru tkun ġiet adottata deċiżjoni ta' ekwivalenza f'konformità mal-paragrafu 1 għandha titqies bħala titolizzazzjoni STS għall-finijiet ta' dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) Nru 575/2013 [CRR], dment li:

(a) l-oriġinatur, l-isponsor jew l-SSPE ta' dak il-pajjiż terz irċeviet verifika minn Verifikatur ta' Parti Terza awtorizzat f'konformità mal-Artikolu 28, li tikkonferma l-konformità mal-istandards ekwivalenti ta' pajjiżi terzi; jew

(b) f'ġuriżdizzjonijiet fejn ma teżisti l-ebda tikketta STS jew STC speċifika, il-Verifikatur ta' Parti Terza jikkonferma li t-tranżazzjoni tikkonforma mal-kriterji

STC ta' Basel/IOSCO fuq bażi ta' sustanza.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-istabbiliment ta' reġim ta' ekwivalenza formali bejn il-qafas tal-STS tal-UE u l-istandards tal-STC ta' Basel-IOSCO huwa teknikament ġustifikat, peress li t-tnejn jibbażaw fuq kriterji bbażati fuq ir-riskju, rekwiżiti ta' divulgazzjoni u salvagwardji strutturali allinjati mill-qrib. Ir-rikonoxximent tal-ekwivalenza jnaqqas l-arbitraġġ regolatorju u l-konformità duplikata, itejjeb il-konsistenza superviżorja, u jiffaċilita s-swieq tat-titolizzazzjoni transfruntiera, u b'hekk jappoġġa l-likwidità tas-suq, l-effiċjenza tal-allokazzjoni tal-kapital u l-objettivi ta' integrazzjoni tas-swieq kapitali tal-UE.

Emenda 250
Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15 – punt -a (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 29 – paragrafu 3

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-a) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:
3. Meta l-oriġinaturi, il-mutwanti oriġinali u l-SSPEs ikunu entitajiet taħt superviżjoni skont id-Direttivi 2003/41/KE, 2009/138/KE, 2009/65/KE, 2011/61/UE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1024/2013, l-awtoritajiet kompetenti rilevanti maħtura skont dawk l-atti, inkluż ***il-BĊE*** fir-rigward ta' kompiti speċifiċi konferiti lilu mir-Regolament (UE) Nru 1024/2013, għandhom jissorveljaw il-konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 6, 7, 8 u 9 ta' dan ir-Regolament;"	"3. Meta l-oriġinaturi, il-mutwanti oriġinali, ***is-servizzjanti*** u l-SSPEs ikunu entitajiet taħt superviżjoni skont id-Direttivi 2003/41/KE, 2009/138/KE, 2009/65/KE, 2011/61/UE u 2013/36/UE u r-Regolament (UE) Nru 1024/2013, l-awtoritajiet kompetenti rilevanti maħtura skont dawk l-atti, inkluż ***il-Bank Ċentrali Ewropew*** fir-rigward ta' kompiti speċifiċi konferiti lilu mir-Regolament (UE) Nru 1024/2013, għandhom jissorveljaw il-konformità mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 6, 7, 8 u 9 ta' dan ir-Regolament;"

Or. en

Emenda 251
Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15 – punt - ab (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 29 – paragrafu 4

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(-ab) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:
4. Għall-oriġinaturi, il-mutwanti oriġinali u l-SSPEs stabbiliti fl-Unjoni u mhux koperti mill-atti leġislattivi tal-Unjoni msemmijin fil-paragrafu 3, l-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità kompetenti waħda jew iktar biex jissorveljaw il-konformità mal-obbligi stipulati fl-Artikoli 6, 7, 8 u 9. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-ESMA bil-ħatra tal-awtoritajiet kompetenti skont dan il-paragrafu sal-1 ta' Jannar 2019. Dak l-obbligu ma għandux japplika fir-rigward ta' dawk l-entitajiet li sempliċiment ibigħu skoperturi taħt programm ABCP jew tranżazzjoni jew skema oħra ta' titolizzazzjoni u mhumiex attivament fl-oriġinazzjoni ta' skoperturi għall-iskop primarju tat-titolizzazzjoni tagħhom fuq bażi regolari;"	"4. Għall-oriġinaturi, il-mutwanti oriġinali, ***is-servizzjanti*** u l-SSPEs stabbiliti fl-Unjoni u mhux koperti mill-atti leġislattivi tal-Unjoni msemmijin fil-paragrafu 3, l-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità kompetenti waħda jew iktar biex jissorveljaw il-konformità mal-obbligi stipulati fl-Artikoli 6, 7, 8 u 9. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-ESMA bil-ħatra tal-awtoritajiet kompetenti skont dan il-paragrafu sal-1 ta' Jannar 2019. Dak l-obbligu ma għandux japplika fir-rigward ta' dawk l-entitajiet li sempliċiment ibigħu skoperturi taħt programm ABCP jew tranżazzjoni jew skema oħra ta' titolizzazzjoni u mhumiex attivament fl-oriġinazzjoni ta' skoperturi għall-iskop primarju tat-titolizzazzjoni tagħhom fuq bażi regolari;"

Or. en

Emenda 252
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15 – punt a
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 29 – paragrafu 4a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jiddaħħal il-paragrafu 4a li ġej:	***imħassar***
"4a. L-awtoritajiet kompetenti responsabbli għas-superviżjoni tal-	

oriġinaturi, l-isponsors u l-SSPEs f'konformità mad-Direttiva 2013/36/UE, inkluż il-BĊE fir-rigward ta' kompiti speċifiċi mogħtija lilu bir-Regolament (UE) Nru 1024/2013, għandhom iwettqu s-superviżjoni tal-konformità tal-oriġinaturi, l-isponsors u l-SSPEs mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 18 sa 27 ta' dan ir-Regolament.;"

Or. en

Emenda 253
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15 – punt a
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 29 – paragrafu 4a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jiddaħħal il-paragrafu 4a li ġej:	***imħassar***
"4a. L-awtoritajiet kompetenti responsabbli għas-superviżjoni tal-oriġinaturi, l-isponsors u l-SSPEs f'konformità mad-Direttiva 2013/36/UE, inkluż il-BĊE fir-rigward ta' kompiti speċifiċi mogħtija lilu bir-Regolament (UE) Nru 1024/2013, għandhom iwettqu s-superviżjoni tal-konformità tal-oriġinaturi, l-isponsors u l-SSPEs mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 18 sa 27 ta' dan ir-Regolament.;"	

Or. en

Emenda 254
Martine Kemp

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15 – punt a
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 29 – paragrafu 4a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4a. L-awtoritajiet kompetenti responsabbli għas-superviżjoni tal-oriġinaturi, l-isponsors u l-SSPEs f'konformità mad-Direttiva 2013/36/UE, inkluż il-BĊE fir-rigward ta' kompiti speċifiċi mogħtija lilu bir-Regolament (UE) Nru 1024/2013, għandhom iwettqu s-superviżjoni tal-konformità tal-oriġinaturi, l-isponsors u l-SSPEs mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 18 sa 27 ta' dan ir-Regolament.;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 255
Eero Heinäluoma, Nikos Papandreou, Jonás Fernández, René Repasi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15 – punt a
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 29 – paragrafu 4a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jiddaħħal il-paragrafu 4a li ġej:	***imħassar***
4a. L-awtoritajiet kompetenti responsabbli għas-superviżjoni tal-oriġinaturi, l-isponsors u l-SSPEs f'konformità mad-Direttiva 2013/36/UE, inkluż il-BĊE fir-rigward ta' kompiti speċifiċi mogħtija lilu bir-Regolament (UE) Nru 1024/2013, għandhom iwettqu s-superviżjoni tal-konformità tal-oriġinaturi, l-isponsors u l-SSPEs mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 18 sa 27 ta' dan ir-Regolament.;	

Or. en

Emenda 256
Eero Heinäluoma, Nikos Papandreou, Jonás Fernández, René Repasi

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15 – punt aa (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 29 – paragrafu 4aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) jiddaħħal il-paragrafu li ġej:
	"(4aa) L-ESMA għandha tkun responsabbli għas-superviżjoni tal-konformità mill-oriġinaturi, l-isponsors u l-SSPEs mal-kriterji tal-STS u r-rekwiżiti ta' notifika tal-STS stabbiliti fl-Artikoli 18 sa 27. Għal dan il-għan, l-ESMA għandha tingħata s-setgħa li teżerċita setgħat superviżorji, investigattivi u ta' infurzar, inkluża s-setgħa li titlob informazzjoni, twettaq verifiki fuq il-post, twettaq investigazzjonijiet u timponi sanzjonijiet u multi amministrattivi. Dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) Nru 1060/200, b'mod partikolari l-Artikoli 23b sa 23e u l-Artikolu 36b tiegħu, u l-Artikoli 32 u 33 ta' dan ir-Regolament, li għandhom japplikaw mutatis mutandis."

Or. en

Emenda 257
Martine Kemp

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15 – punt b
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 29 – paragrafu 5 – l-ewwel sentenza

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) fil-paragrafu 5, l-ewwel sentenza hija sostitwita b'din li ġejja:	***imħassar***
"Għall-entitajiet taħt is-superviżjoni tal-awtoritajiet kompetenti għajr dawk imsemmija fil-paragrafu 4a, l-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità kompetenti waħda jew aktar biex iwettqu	

s-superviżjoni tal-konformità tal-oriġinaturi, tal-isponsors u tal-SSPEs mal-Artikoli 18 sa 27, u l-konformità ta' partijiet terzi mal-Artikolu 28."

Or. fr

Emenda 258
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15 – punt b
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 29 – paragrafu 5 – l-ewwel sentenza

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) fil-paragrafu 5, l-ewwel sentenza hija sostitwita b'din li ġejja:	***imħassar***
"Għall-entitajiet taħt is-superviżjoni tal-awtoritajiet kompetenti għajr dawk imsemmija fil-paragrafu 4a, l-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità kompetenti waħda jew aktar biex iwettqu s-superviżjoni tal-konformità tal-oriġinaturi, tal-isponsors u tal-SSPEs mal-Artikoli 18 sa 27, u l-konformità ta' partijiet terzi mal-Artikolu 28.;"	

Or. en

Emenda 259
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 15 – punt b
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 29 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***fil-paragrafu*** 5, ***l-ewwel sentenza hija sostitwita b'din*** li ***ġejja***:	(b) ***il-paragrafu*** 5 ***huwa sostitwit b'dan*** li ***ġej***:
Għall-entitajiet taħt is-superviżjoni tal-	***L-ESMA għandha tkun responsabbli***

awtoritajiet kompetenti għajr dawk imsemmija fil-paragrafu 4a, l-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità kompetenti waħda jew aktar biex iwettqu s-superviżjoni tal-konformità ***tal-oriġinaturi***, tal-isponsors u tal-SSPEs mal-Artikoli 18 sa 27, u l-konformità ta' partijiet terzi mal-Artikolu 28**.**;	***għas-superviżjoni*** tal-konformità ***mill-oriġinaturi***, l-isponsors u l-SSPEs ***mal-kriterji tal-STS u r-rekwiżiti ta' notifika tal-STS stabbiliti*** fl-Artikoli 18 sa 27 u l-konformità ta' partijiet terzi mal-Artikolu 28. ***Għal dan il-għan,*** l-ESMA ***għandu jkollha s-setgħa li teżerċita setgħat superviżorji, investigattivi u ta' infurzar. Dawn is-setgħat għandhom jiġu eżerċitati f'konformità mad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) Nru 1060/2009, b'mod partikolari l-Artikoli 23b sa 23e u l-Artikolu 36b tiegħu, u l-Artikoli 32 u 33 ta' dan ir-Regolament, li għandhom japplikaw mutatis mutandis.***;

Or. en

Emenda 260
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16 – punt a
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 30 – paragrafu 1a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) jiddaħħal il-paragrafu 1a li ġej:	***imħassar***
"1a. L-awtorità kompetenti għandha twettaq is-superviżjoni tal-konformità tal-oriġinaturi, tal-isponsors, tal-SSPEs u tal-mutwanti oriġinali ma' dan ir-Regolament f'konformità mal-Artikolu 29.;"	

Or. en

Emenda 261
Eero Heinäluoma, Nikos Papandreou, Jonás Fernández, René Repasi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16 – punt aa (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 30 – paragrafu 2 – punti b, c u e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) fil-paragrafu 2, tħassru l-punti (b), (c) u (e);

Or. en

Emenda 262
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16 – punt aa (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 30 – paragrafu 2 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) fil-paragrafu 2, jitħassar il-punt (b).

Or. en

(Ir-Regolament (UE) 2017/2402 - l-Artikolu 30(2) - il-punt (b))

Emenda 263
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16 – punt ab (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 30 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ab) fil-paragrafu 2, jitħassar il-punt (c).

Or. en

Emenda 264
Eero Heinäluoma, Nikos Papandreou, Jonás Fernández, René Repasi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16a (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 30a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16a) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:
	"Artikolu 30a
	1. L-ESMA għandha timponi tariffi f'konformità mal-Artikolu 16 ta' dan ir-Regolament, biex tkopri bis-sħiħ in-nefqa meħtieġa tagħha relatata mas-superviżjoni skont l-Artikolu 29(5) tal-oriġinaturi, l-isponsors, u l-SSPEs f'konformità mal-Artikoli 18 sa 27 ta' dan ir-Regolament. It-tariffa għandha tkun proporzjonata għall-fatturat tal-entità, meta mqabbel mal-fatturat totali ta' tali entitajiet kollha għal dak il-perjodu.
	2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 47 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tispeċifika aktar it-tip ta' tariffi, il-materji li għalihom it-tariffi jkunu dovuti, l-ammont tat-tariffi u l-metodu ta' ħlas tagħhom."

Or. en

Emenda 265
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 16a (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 30a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(16a) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:
	Artikolu 30a
	Tariffi għas-superviżjoni
	1. L-ESMA għandha timponi tariffi f'konformità mal-Artikolu 16 ta' dan ir-

Regolament, biex tkopri bis-sħiħ in-nefqa meħtieġa tagħha relatat mas-superviżjoni skont l-Artikolu 29(5) tal-oriġinaturi, l-isponsors, u l-SSPEs f'konformità mal-Artikoli 18 sa 27 ta' dan ir-Regolament u mas-superviżjoni ta' verifikatur ta' parti terza skont l-Artikolu 28. It-tariffa għandha tkun proporzjonata għall-fatturat tal-entità, meta mqabbel mal-fatturat totali ta' tali entitajiet kollha għal dak il-perjodu.

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta att delegat f'konformità mal-Artikolu 47 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tispeċifika aktar it-tip ta' tariffi, il-materji li għalihom it-tariffi jkunu dovuti, l-ammont tat-tariffi u l-metodu ta' ħlas tagħhom.

Or. en

Emenda 266
Fernando Navarrete Rojas, Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 32 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) fl-Artikolu 32(1), l-ewwel subparagrafu, jiżdied il-punt (i) li ġej:	***(17) L-Artikolu 32, il-paragrafu 1, huwa sostitwit b'dan li ġej:***
" (i) investitur istituzzjonali, għajr l-oriġinatur, l-isponsor jew il-mutwant oriġinali, ikun naqas milli jissodisfa r-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 5.;"	***"1. Mingħajr preġudizzju għad-dritt tal-Istati Membri li jistabbilixxu sanzjonijiet kriminali, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jimponu fuq l-oriġinatur, l-isponsor, il-mutwant oriġinali, l-SSPE jew l-entità maħtura f'konformità mal-Artikolu 7(2) sanzjonijiet amministrattivi, fil-każ ta' negliġenza jew ksur intenzjonali, u miżuri ta' rimedju, applikabbli tal-inqas għal sitwazzjonijiet meta:*** ***(a) oriġinatur, sponsor jew mutwant oriġinali jkun naqas milli jissodisfa r-***

rekwiżiti previsti fl-Artikolu 6;

(b) oriġinatur, sponsor jew SSPE tkun naqset milli tissodisfa r-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 7;

(c) oriġinatur, sponsor jew mutwant oriġinali jkun naqas milli jissodisfa l-kriterji previsti fl-Artikolu 9;

(d) oriġinatur, sponsor jew SSPE tkun naqset milli tissodisfa r-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 18;

(e) titolizzazzjoni tiġi dežinjata bħala STS u oriġinatur, sponsor, jew SSPE ta' dik it-titolizzazzjoni tkun naqset milli tissodisfa r-rekwiżiti previsti fl-Artikoli 19 sa 22 jew l-Artikoli 23 sa 26;

(f) oriġinatur jew sponsor jagħmel notifika qarrieqa skont l-Artikolu 27(1);

(g) oriġinatur jew sponsor ikun naqas milli jissodisfa r-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 27(4); jew

(h) parti terza awtorizzata skont l-Artikolu 28 naqset milli tinnotifika l-bidliet materjali tal-informazzjoni previsti f'konformità mal-Artikolu 28(1), jew kwalunkwe bidla oħra li tista' raġonevolment titqies li taffettwa l-valutazzjoni mill-awtorità kompetenti tagħha.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sanzjonijiet amministrattivi u/jew il-miżuri ta' rimedju huma implimentati b'mod effettiv.

Dawk is-sanzjonijiet u l-miżuri għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

Meta jistabbilixxu regoli li jistabbilixxu sanzjonijiet amministrattivi, l-Istati Membri għandhom iqisu s-sanzjonijiet u r-rekwiżiti tal-kapital addizzjonali implimentati f'konformità mar-regolamentazzjoni settorjali sabiex jiġu evitati duplikazzjonijiet fir-reġim ta' sanzjonijiet għall-istess ksur."

Or. en

Emenda 267
Regina Doherty

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 32 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) fl-Artikolu 32(1), l-ewwel subparagrafu, jiżdied il-punt (i) li ġej:	***imħassar***
" (i) investitur istituzzjonali, għajr l-oriġinatur, l-isponsor jew il-mutwant oriġinali, ikun naqas milli jissodisfa r-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 5.;"	

Or. en

Emenda 268
Lídia Pereira

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 32 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) fl-Artikolu 32(1), l-ewwel subparagrafu, jiżdied il-punt (i) li ġej:	***imħassar***
" (i) investitur istituzzjonali, għajr l-oriġinatur, l-isponsor jew il-mutwant oriġinali, ikun naqas milli jissodisfa r-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 5.;"	

Or. en

Emenda 269
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin, Billy Kelleher, Anouk Van Brug

Proposta għal regolament

Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 32 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) fl-Artikolu 32(1), l-ewwel subparagrafu, jiżdied il-punt (i) li ġej:	***imħassar***
" (i) investitur istituzzjonali, għajr l-oriġinatur, l-isponsor jew il-mutwant oriġinali, ikun naqas milli jissodisfa r-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 5.;"	

Or. en

Emenda 270
Markus Ferber

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 32 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) fl-Artikolu 32(1), l-ewwel subparagrafu, jiżdied il-punt (i) li ġej:	***imħassar***
" (i) investitur istituzzjonali, għajr l-oriġinatur, l-isponsor jew il-mutwant oriġinali, ikun naqas milli jissodisfa r-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 5.;"	

Or. en

Emenda 271
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 32 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(17) fl-Artikolu 32(1), l-ewwel subparagrafu, jiżdied il-punt (i) li ġej:		***imħassar***
(i) investitur istituzzjonali, għajr l-oriġinatur, l-isponsor jew il-mutwant oriġinali, ikun naqas milli jissodisfa r-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 5.;		

Or. en

Ġustifikazzjoni

Minn perspettiva sistemika, is-superviżjoni u l-infurzar tal-investituri istituzzjonali diġà huma indirizzati b'mod komprensiv fil-leġiżlazzjoni settorjali, b'mod partikolari l-AIFMD u d-Direttiva UCITS. Dawn l-oqfsa jistabbilixxu rekwiżiti dettaljati dwar il-ġestjoni tar-riskju, il-governanza u d-diliġenza dovuta, inkluż fir-rigward tal-iskoperturi tat-titolizzazzjoni, u huma infurzati permezz ta' mekkaniżmi superviżorji dedikati.

Emenda 272
Regina Doherty

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 32 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni		*Emenda*
(17) fl-Artikolu 32(1), l-ewwel subparagrafu, jiżdied il-punt (i) li ġej:		***imħassar***
(i) investitur istituzzjonali, għajr l-oriġinatur, l-isponsor jew il-mutwant oriġinali, ikun naqas milli jissodisfa r-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 5.;		

Or. en

Emenda 273
Marco Falcone, Fulvio Martusciello

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17
Emenda għar-Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 1 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) fl-Artikolu 32(1), l-ewwel subparagrafu, jiżdied il-punt (i) li ġej:	***imħassar***
(i) investitur istituzzjonali, għajr l-oriġinatur, l-isponsor jew il-mutwant oriġinali, ikun naqas milli jissodisfa r-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 5.;	
	(Din l-emenda tapplika għat-test leġiżlattiv kollu li qed jiġi eżaminat. L-adozzjoni tagħha timponi adattamenti tekniċi fit-test kollu.)

Or. en

(Ara l-formulazzjoni tal-Artikolu 1 - Emenda għar-Regolament (UE) 2017/2402 - paragrafu 1 - punt 17)

Ġustifikazzjoni

Ma naqblux mal-proposta tal-Kummissjoni li tbiddel l-Artikolu 32(1) tal-SECR, inkluż in-nuqqas tal-investituri istituzzjonali li jissodisfaw ir-rekwiżiti tad-diliġenza dovuta fil-lista ta' sitwazzjonijiet li fihom l-Istati Membri jistgħu japplikaw sanzjonijiet amministrattivi. Din l-introduzzjoni tkompli tiskoraġġixxi lill-investituri.

Emenda 274
Giovanni Crosetto, Mariateresa Vivaldini, Denis Nesci, Francesco Ventola, Marco Squarta

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 32 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) fl-Artikolu 32(1), l-ewwel subparagrafu, jiżdied il-punt (i) li ġej:	***imħassar***
(i) investitur istituzzjonali, għajr l-oriġinatur, l-isponsor jew il-mutwant oriġinali, ikun naqas milli jissodisfa r-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 5.;	

Or. en

Emenda 275
Tomáš Kubín

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 32 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(17) fl-Artikolu 32(1), l-ewwel subparagrafu, jiżdied il-punt (i) li ġej:	***imħassar***
(i) investitur istituzzjonali, għajr l-oriġinatur, l-isponsor jew il-mutwant oriġinali, ikun naqas milli jissodisfa r-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 5.;	

Or. en

Emenda 276
Fernando Navarrete Rojas, Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 32 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) investitur istituzzjonali, għajr l-oriġinatur, l-isponsor jew il-mutwant oriġinali, ikun naqas milli jissodisfa r-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 5.;	(i) investitur istituzzjonali***, jew l-oriġinatur delegat f'konformità mal-Artikolu 5(5)***, għajr l-oriġinatur, l-isponsor jew il-mutwant oriġinali, ikun naqas milli jissodisfa r-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 5.

Or. en

Emenda 277
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17a (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 32 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punti d sa h

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17a) fl-Artikolu 32(1), l-ewwel subparagrafu, jitħassru l-punti (d), (e), (f), (g) u (h).

Or. en

Emenda 278
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 17b (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 32 – paragrafu 2 – punti d u g

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(17b) fl-Artikolu 32(2) jitħassru l-punti (d) u (g).

Or. en

Emenda 279
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18 – punt b
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 36 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:	***imħassar***
"Għandu jiġi stabbilit sottokumitat tat-titolizzazzjoni speċifiku fil-qafas tal-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, fejn l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw mill-qrib, sabiex iwettqu d-dmirijiet tagħhom skont l-Artikoli 30 sa 34. Is-sottokumitat tat-titolizzazzjoni għandu jitmexxa mill-EBA bil-kooperazzjoni tal-ESMA u tal-EIOPA. L-EBA għandha tipprovdi s-	

segretarjat u viċi president lis-sottokumitat tat-titolizzazzjoni fuq bażi permanenti. Is-sottokumitat tat-titolizzazzjoni għandu jrawwem konverġenza superviżorja biex jiżgura prattiki superviżorji komuni. Il-membri tas-sottokumitat tat-titolizzazzjoni taħt l-amministrazzjoni tal-EBA, għandhom jikkoordinaw mill-qrib l-azzjonijiet ta' superviżjoni tagħhom sabiex jidentifikaw u jirrimedjaw il-ksur ta' dan ir-Regolament, jiżviluppaw u jippromwovu l-aħjar prassi, jiffaċilitaw il-kollaborazzjoni, irawmu l-applikazzjoni konsistenti tal-liġi u jipprovdu valutazzjonijiet transġuriżdizzjonali f'każ ta' kwalunkwe nuqqas ta' qbil. Is-sottokumitat tat-titolizzazzjoni għandu jimmonitorja regolarment l-istat tas-suq u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.;"

Or. en

Ġustifikazzjoni

Is-superviżjoni taħdem aħjar f'xi Stati Membri milli f'oħrajn. Għandnaninċentivaw lis-superviżuri aktar dgħajfa biex itejbu l-prestazzjoni tagħhom, aktar milli nikkastigaw lis-superviżuri funzjonali billi nneħħulhom il-kompetenzi tagħhom minħabba l-problemi f'awtoritajiet superviżorji oħra. Barra minn hekk, minħabba l-konċentrazzjoni tat-titolizzazzjoni f'għadd limitat ta' Stati Membri, is-superviżjoni tal-konverġenza fil-livell Ewropew hija sproporzjonata.

Emenda 280
Eero Heinäluoma, Nikos Papandreou, Jonás Fernández, René Repasi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18 – punt b
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 36 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Għandu jiġi stabbilit sottokumitat tat-titolizzazzjoni speċifiku fil-qafas tal-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, fejn l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw mill-	**"**Għandu jiġi stabbilit sottokumitat tat-titolizzazzjoni speċifiku fil-qafas tal-Kumitat Konġunt tal-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej, fejn l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkooperaw mill-

qrib, sabiex iwettqu d-dmirijiet tagħhom skont l-Artikoli 30 sa 34. Is-sottokumitat tat-titolizzazzjoni għandu jitmexxa mill-EBA bil-kooperazzjoni tal-ESMA u tal-EIOPA. L-EBA għandha tipprovdi s-segretarjat u viċi president lis-sottokumitat tat-titolizzazzjoni fuq bażi permanenti. Is-sottokumitat tat-titolizzazzjoni għandu jrawwem konverġenza superviżorja biex jiżgura prattiki superviżorji komuni. Il-membri tas-sottokumitat tat-titolizzazzjoni taħt l-amministrazzjoni tal-EBA, għandhom jikkoordinaw mill-qrib l-azzjonijiet ta' superviżjoni tagħhom sabiex jidentifikaw u jirrimedjaw il-ksur ta' dan ir-Regolament, jiżviluppaw u jippromwovu l-aħjar prassi, jiffaċilitaw il-kollaborazzjoni, irawmu l-applikazzjoni konsistenti tal-liġi u jipprovdu valutazzjonijiet transġuriżdizzjonali f'każ ta' kwalunkwe nuqqas ta' qbil. Is-sottokumitat tat-titolizzazzjoni għandu jimmonitorja regolarment l-istat tas-suq u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.***;***	qrib, sabiex iwettqu d-dmirijiet tagħhom skont l-Artikoli 30 sa 34. Is-sottokumitat tat-titolizzazzjoni għandu jitmexxa mill-EBA bil-kooperazzjoni tal-ESMA u tal-EIOPA ***u tal-BERS***. L-EBA għandha tipprovdi s-segretarjat u viċi president lis-sottokumitat tat-titolizzazzjoni fuq bażi permanenti. Is-sottokumitat tat-titolizzazzjoni għandu jrawwem konverġenza superviżorja biex jiżgura prattiki superviżorji komuni. Il-membri tas-sottokumitat tat-titolizzazzjoni taħt l-amministrazzjoni tal-EBA, għandhom jikkoordinaw mill-qrib l-azzjonijiet ta' superviżjoni tagħhom sabiex jidentifikaw u jirrimedjaw il-ksur ta' dan ir-Regolament, jiżviluppaw u jippromwovu l-aħjar prassi, jiffaċilitaw il-kollaborazzjoni, irawmu l-applikazzjoni konsistenti tal-liġi u jipprovdu valutazzjonijiet transġuriżdizzjonali f'każ ta' kwalunkwe nuqqas ta' qbil. Is-sottokumitat tat-titolizzazzjoni għandu jimmonitorja regolarment l-istat tas-suq u l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.**"**

Or. en

Emenda 281
Auke Zijlstra, Pierre Pimpie

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18 – punt c
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 36 – paragrafu 3b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3b. Wara n-notifika lill-awtoritajiet kompetenti skont l-Artikolu 7(1), l-awtoritajiet kompetenti tal-entitajiet fuq in-naħa tal-bejgħ fit-tranżazzjoni għandhom jaħtru superviżur ewlieni biex jikkoordina l-azzjonijiet u jevita d-diverġenzi fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għal tranżazzjonijiet li jinvolvu entitajiet fuq in-naħa tal-bejgħ	***imħassar***

taħt il-mandat ta' awtoritajiet kompetenti minn aktar minn Stat Membru wieħed. Awtorità kompetenti tista' tiddelega l-eżerċizzju ta' xi whud mill-kompiti u s-setgħat jew is-setgħat kollha msemmija f'dan ir-Regolament lis-superviżur ewlieni. F'każ li l-awtoritajiet kompetenti tal-entitajiet fuq in-naħa tal-bejgħ ma jilħqux ftehim dwar il-ħatra tas-superviżur ewlieni, is-sottokumitat tat-titolizzazzjoni stabbilit skont il-paragrafu 3 għandu jaħtar is-superviżur ewlieni.;	

Or. en

Emenda 282
Eero Heinäluoma, Nikos Papandreou, Jonás Fernández, René Repasi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18 – punt ca (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 36 – paragrafu 4

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(ca) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:
4. Meta awtorità kompetenti ssib li rekwiżit wieħed jew aktar taħt l-Artikoli 6 sa ***27*** ikun inkiser jew ikollha raġun biex temmen hekk, hija għandha tgħarraf lill-awtorità kompetenti tal-entità jew entitajiet issuspettati bit-tali ksur bis-sejbiet tagħha b'mod dettaljat biżżejjed. L-awtoritajiet kompetenti kkonċernati għandhom jikkoordinaw is-superviżjoni tagħhom mill-qrib sabiex jiżguraw deċiżjonijiet konsistenti.	"4. Meta awtorità kompetenti ssib li rekwiżit wieħed jew aktar taħt l-Artikoli 6 sa ***9*** ikun inkiser jew ikollha raġun biex temmen hekk, hija għandha tgħarraf lill-awtorità kompetenti tal-entità jew entitajiet issuspettati bit-tali ksur bis-sejbiet tagħha b'mod dettaljat biżżejjed. L-awtoritajiet kompetenti kkonċernati għandhom jikkoordinaw is-superviżjoni tagħhom mill-qrib sabiex jiżguraw deċiżjonijiet konsistenti. ***L-ESMA għandha tinforma lill-awtorità kompetenti rilevanti mingħajr dewmien żejjed fejn tikkunsidra li wieħed jew aktar mir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 19 sa 27 ta' dan ir-Regolament ikunu nkisru."***

Or. en

Emenda 283
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18 – punt ca (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 36 – paragrafu 4

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(ca) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej:
4. Meta awtorità kompetenti ssib li rekwiżit wieħed jew aktar taħt l-Artikoli 6 sa ***27*** ikun inkiser jew ikollha raġun biex temmen hekk, hija għandha tgħarraf lill-awtorità kompetenti tal-entità jew entitajiet issuspettati bit-tali ksur bis-sejbiet tagħha b'mod dettaljat biżżejjed. L-awtoritajiet kompetenti kkonċernati għandhom jikkoordinaw is-superviżjoni tagħhom mill-qrib sabiex jiżguraw deċiżjonijiet konsistenti.	4. Meta awtorità kompetenti ssib li rekwiżit wieħed jew aktar taħt l-Artikoli 6 sa ***9*** ikun inkiser jew ikollha raġun biex temmen hekk, hija għandha tgħarraf lill-awtorità kompetenti tal-entità jew entitajiet issuspettati bit-tali ksur bis-sejbiet tagħha b'mod dettaljat biżżejjed. L-awtoritajiet kompetenti kkonċernati għandhom jikkoordinaw is-superviżjoni tagħhom mill-qrib sabiex jiżguraw deċiżjonijiet konsistenti. ***L-ESMA għandha tinforma lill-awtorità kompetenti rilevanti mingħajr dewmien żejjed fejn tikkunsidra li wieħed jew aktar mir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 19 sa 27 ta' dan ir-Regolament ikunu nkisru.***

Or. en

Emenda 284
Eero Heinäluoma, Nikos Papandreou, Jonás Fernández, René Repasi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18 – punt d
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 36 – paragrafu 6 – subparagrafi 1 u 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) fil-paragrafu 6, l-ewwel u t-tieni subparagrafi huma sostitwiti b'dan li ġej:	***imħassar***
"Meta tirċievi l-informazzjoni msemmija	

fil-paragrafu 4, l-awtorità kompetenti tal-entità ssuspettata mill-ksur għandha tieħu kwalunkwe azzjoni meħtieġa fi żmien 15-il jum ta' xogħol biex tindirizza l-ksur identifikat u tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra involuti, b'mod partikolari dawk tal-oriġinatur, l-isponsor u l-SSPE, u l-awtoritajiet kompetenti tad-detentur b'pożizzjoni ta' titolizzazzjoni, meta tkun magħrufa. Awtorità kompetenti li ma taqbilx ma' awtorità kompetenti oħra dwar il-proċedura jew il-kontenut tal-azzjoni jew in-nuqqas ta' azzjoni tagħha, għandha tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra kollha involuti dwar in-nuqqas ta' qbil tagħha mingħajr dewmien żejjed. Jekk dak in-nuqqas ta' qbil ma jiġix solvut fi żmien 3 xhur mid-data li fiha l-awtoritajiet kompetenti kollha involuti jkunu ġew notifikati, il-kwistjoni għandha tiġi riferuta lill-EBA f'konformità mal-Artikolu 19 u, fejn applikabbli, l-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010. Il-perjodu ta' konċiljazzjoni msemmi fl-Artikolu 19(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 għandu jkun ta' xahar.

Jekk l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati ma jaslux għal ftehim fil-fażi ta' konċiljazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-EBA għandha tieħu d-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 fi żmien xahar. Matul il-proċedura msemmija f'dan l-Artikolu titolizzazzjoni li tidher fil-lista miżmuma mill-ESMA skont l-Artikolu 27 ta' dan ir-Regolament għandha tkompli titqies bħala STS skont il-Kapitolu 4 ta' dan ir-Regolament u għandha tinżamm fuq tali lista.;"

Or. en

Emenda 285
Gilles Boyer, Stéphanie Yon-Courtin

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 18 – punt d
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 36 – paragrafu 6 – subparagrafi 1 u 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(d) fil-paragrafu 6, l-ewwel u t-tieni subparagrafi huma sostitwiti b'dan li ġej:	***imħassar***
"Meta tirċievi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 4, l-awtorità kompetenti tal-entità ssuspettata mill-ksur għandha tieħu kwalunkwe azzjoni meħtieġa fi żmien 15-il jum ta' xogħol biex tindirizza l-ksur identifikat u tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra involuti, b'mod partikolari dawk tal-oriġinatur, l-isponsor u l-SSPE, u l-awtoritajiet kompetenti tad-detentur b'pożizzjoni ta' titolizzazzjoni, meta tkun magħrufa. Awtorità kompetenti li ma taqbilx ma' awtorità kompetenti oħra dwar il-proċedura jew il-kontenut tal-azzjoni jew in-nuqqas ta' azzjoni tagħha, għandha tinnotifika lill-awtoritajiet kompetenti l-oħra kollha involuti dwar in-nuqqas ta' qbil tagħha mingħajr dewmien żejjed. Jekk dak in-nuqqas ta' qbil ma jiġix solvut fi żmien 3 xhur mid-data li fiha l-awtoritajiet kompetenti kollha involuti jkunu ġew notifikati, il-kwistjoni għandha tiġi riferuta lill-EBA f'konformità mal-Artikolu 19 u, fejn applikabbli, l-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010. Il-perjodu ta' konċiljazzjoni msemmi fl-Artikolu 19(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 għandu jkun ta' xahar.	
Jekk l-awtoritajiet kompetenti kkonċernati ma jaslux għal ftehim fil-fażi ta' konċiljazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-EBA għandha tieħu d-deċiżjoni msemmija fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 fi żmien xahar. Matul il-proċedura msemmija f'dan l-Artikolu titolizzazzjoni li tidher fil-lista miżmuma mill-ESMA skont l-Artikolu 27 ta' dan ir-Regolament għandha tkompli titqies bħala STS skont	

il-Kapitolu 4 ta' dan ir-Regolament u għandha tinżamm fuq tali lista.;"

Or. en

Emenda 286
Eero Heinäluoma, Nikos Papandreou, Jonás Fernández, René Repasi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 19 – punt a
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 44 – subparagrafu 1 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(e) il-kontribuzzjoni tat-titolizzazzjoni għall-finanzjament tal-kumpaniji tal-Unjoni u għall-ekonomija tal-Unjoni.;	(e) il-kontribuzzjoni tat-titolizzazzjoni għall-finanzjament tal-kumpaniji tal-Unjoni u għall-ekonomija ***u l-istabbiltà finanzjarja*** tal-Unjoni.***"***;

Or. en

Emenda 287
Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 46 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sa …[ĠU jekk jogħġbok daħħal id-data: 5 snin wara d-dħul fis-seħħ], il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-funzjonament ta' dan ir-Regolament, akkumpanjat, fejn xieraq, bi proposta leġiżlattiva.	Sa …[ĠU jekk jogħġbok daħħal id-data: [5 snin mid-dħul fis-seħħ]***, abbażi ta' opinjoni mill-Bord Ewropew dwar ir-Riskju Sistemiku u l-Awtorità Bankarja Ewropea***, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-funzjonament ta' dan ir-Regolament, akkumpanjat, fejn xieraq, minn proposta leġiżlattiva.

Or. en

Emenda 288
Eero Heinäluoma, Nikos Papandreou, Jonás Fernández, René Repasi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 46 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Sa …[ĠU jekk jogħġbok daħħal id-data: ***5*** snin wara d-dħul fis-seħħ], il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-funzjonament ta' dan ir-Regolament, akkumpanjat, fejn xieraq, bi proposta leġiżlattiva.	Sa …[ĠU jekk jogħġbok daħħal id-data: ***4*** snin wara d-dħul fis-seħħ], il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-funzjonament ta' dan ir-Regolament, akkumpanjat, fejn xieraq, bi proposta leġiżlattiva.

Or. en

Emenda 289
Eero Heinäluoma, Nikos Papandreou, Jonás Fernández, René Repasi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 46 – paragrafu 2 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Dak ir-rapport għandu jikkunsidra b'mod partikolari s-sejbiet tar-rapporti msemmija fl-Artikolu 44, u għandu jivvaluta:	Dak ir-rapport għandu jikkunsidra b'mod partikolari s-sejbiet tar-rapporti msemmija fl-Artikolu 44 ***u l-Artikolu 31***, u għandu jivvaluta:

Or. en

Emenda 290
Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20

Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 46 – paragrafu 2 – punt b – punt i

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(i) il-finanzjament ta' kumpaniji ***u l-ekonomija*** tal-UE, b'mod partikolari dwar l-aċċess għall-kreditu għall-SMEs u l-investimenti;	(i) il-finanzjament ta' kumpaniji ***mhux finanzjarji*** tal-UE, b'mod partikolari dwar l-aċċess għall-kreditu għall-SMEs u l-investimenti;

Or. en

Emenda 291
Eero Heinäluoma, Nikos Papandreou, Jonás Fernández, René Repasi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 46 – paragrafu 2 – punt b – punt ii

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(ii) ***l-interkonnettività*** bejn l-istituzzjonijiet finanzjarji ***u l-istabbiltà tas-settur finanzjarju;***	(ii) ***l-akkumulazzjoni ta' riskji għall-istabbiltà finanzjarja tas-settur bankarju u s-settur finanzjarju kollu kemm hu li jistgħu jirriżultaw miż-żieda tal-ħruġ ta' titolizzazzjonijiet sintetiċi, filwaqt li titqies l-interkonnettività*** bejn l-istituzzjonijiet finanzjarji***.***

Or. en

Emenda 292
Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 46 – paragrafu 2 – punt a – punt iia (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iia) l-akkumulazzjoni ta' riskji għall-istabbiltà finanzjarja tas-settur bankarju

u s-settur finanzjarju kollu kemm hu li jistgħu jirriżultaw miż-żieda tal-ħruġ ta' titolizzazzjonijiet sintetiċi, filwaqt li titqies l-interkonnettività bejn l-istituzzjonijiet finanzjarji;

Or. en

Emenda 293
Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 46 – paragrafu 2 – punt a – punt iib (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(iib) l-affordabbiltà tal-akkomodazzjoni u l-aċċess għall-akkomodazzjoni, b'mod partikolari permezz tal-effetti tagħha fuq id-disponibbiltà, l-ipprezzar u ż-żieda tal-kreditu ipotekarju u sa liema punt kwalunkwe bidla emerġenti fil-provvista tal-kreditu tissarraf f'aċċess imtejjeb għall-akkomodazzjoni għall-familji, inkluż dawk li jixtru dar għall-ewwel darba, jew tiġi kapitalizzata fi prezzijiet u kirjiet ogħla tal-akkomodazzjoni;

Or. en

Emenda 294
Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 46 – paragrafu 2 – punt a – punt iic (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ii c) il-livell u l-evoluzzjoni, mill-2008 'l

	hawn, ta' preklużjonijiet tad-dritt ipotekarju u azzjonijiet oħra ta' infurzar, u l-użu ta' miżuri ta' tolleranza u ristrutturar, fir-rigward ta' skoperturi titolizzati, b'mod partikolari dawk garantiti minn proprjetà immobbli residenzjali, inkluż paragun ma' skoperturi mhux titolizzati ta' klassijiet ta' skoperturi korrispondenti;

Or. en

Emenda 295
Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 46 – paragrafu 2 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) jekk hemmx bżonn ta' miżuri addizzjonali ta' protezzjoni tad-debitur, inklużi salvagwardji kontra infurzar sproporzjonat jew prematur ta' kollateral fi tranżazzjonijiet titolizzati;

Or. en

Emenda 296
Regina Doherty

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 46 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jekk fil-qasam tat-titolizzazzjonijiet STS jistax jiġi introdott reġim ta' ekwivalenza għal oriġinaturi, sponsors u SSPEs ta' pajjiżi terzi, inkluż fir-rigward	***imħassar***

ta' rekwiżiti ta' diliġenza dovuta, filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi internazzjonali fil-qasam tat-titolizzazzjoni, b'mod partikolari inizjattivi dwar titolizzazzjonijiet sempliċi, trasparenti u komparabbli;

Or. en

Emenda 297
Fernando Navarrete Rojas, Isabel Benjumea Benjumea

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 46 – paragrafu 2 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(c) jekk fil-qasam tat-titolizzazzjonijiet STS jistax jiġi introdott reġim ta' ekwivalenza għal oriġinaturi, sponsors u SSPEs ta' pajjiżi terzi, inkluż fir-rigward ta' rekwiżiti ta' diliġenza dovuta, filwaqt li jitqiesu l-iżviluppi internazzjonali fil-qasam tat-titolizzazzjoni, b'mod partikolari inizjattivi dwar titolizzazzjonijiet sempliċi, trasparenti u komparabbli;	***imħassar***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda hija ppreżentata f'konformità mal-Artikolu 28bis il-ġdid dwar ir-reġim ta' ekwivalenza għall-qafas tal-STS tal-UE u l-istandards tal-STC ta' Basel-IOSCO. Ir-rikonoxximent tal-ekwivalenza jnaqqas l-arbitraġġ regolatorju u l-konformità duplikata, itejjeb il-konsistenza superviżorja, u jiffaċilita s-swieq tat-titolizzazzjoni transfruntiera, u b'hekk jappoġġa l-likwidità tas-suq, l-effiċjenza tal-allokazzjoni tal-kapital u l-objettivi ta' integrazzjoni tas-swieq kapitali tal-UE.

Emenda 298
Marie Toussaint
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 46 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) l-introduzzjoni ta' għodod makroprudenzjali u superviżorji ġodda li jistgħu jkunu meħtieġa biex jiġi żgurat li r-riskji skont il-punt (b)(iia) jiġu ġestiti u mitigati b'mod adegwat.

Or. en

Emenda 299
Eero Heinäluoma, Nikos Papandreou, Jonás Fernández, René Repasi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 46 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(da) l-introduzzjoni ta' għodod makroprudenzjali u superviżorji ġodda li jistgħu jkunu meħtieġa biex jiġi żgurat li r-riskji skont il-punt (b)(ii) jiġu ġestiti u mitigati b'mod adegwat.

Or. en

Emenda 300
Eero Heinäluoma, Nikos Papandreou, Jonás Fernández, René Repasi

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 46 – paragrafu 2 – punt db (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(db) l-iżvilupp ta' qafas ta' rapportar integrat għall-UE kollha għar-

regolamentazzjoni tat-titolizzazzjoni tal-UE;

Or. en

Emenda 301
Angelika Winzig

Proposta għal regolament
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 20a (ġdid)
Regolament (UE) 2017/2402
Artikolu 47a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(20a) jiddaħħal l-Artikolu li ġej:
	Artikolu 47a
	Anterjorità għal titolizzazzjonijiet eżistenti
	It-titolizzazzjonijiet maħruġa qabel … [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] għandhom ikomplu jkunu soġġetti għar-regoli applikabbli fi … [il-jum ta' qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju]. B'deroga, l-istituzzjonijiet jistgħu jagħżlu li japplikaw ir-reġim applikabbli minn … [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju] għal tali tranżazzjonijiet eżistenti fuq bażi fakultattiva u irrevokabbli.

Or. en

Emenda 302
Regina Doherty

Proposta għal regolament
Artikolu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 1a
	Emenda għad-Direttiva 2009/65/KE

Fl-Artikolu 56(2) tad-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, is-subparagrafu li ġej jiddaħħal wara l-ewwel subparagrafu:

Il-limitu stabbilit fil-punt (b) jista' jiġi injorat fejn it-titoli ta' dejn jirrappreżentaw pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni kif definiti fl-Artikolu 2(19) tar-Regolament (UE) 2017/2402 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

**** Id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS), ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32. (ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2009/65/oj)***

Or. en

Emenda 303
Regina Doherty

Proposta għal regolament
Artikolu 2 – paragrafu 1a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Dan ir-Regolament għandu japplika minn … [6 xhur kalendarji wara d-data tad-dħul fis-seħħ].

Or. en